# IL-PROFEZIJI TAT-TESTMENT IL-QADIM U T-TWETTIQ TAGĦHOM FI KRISTU

Minn
George Ebejer

## INDIĊI

**Titlu** **Paġna**

**L-Ewwel Parti**:
Il-Patt il-Qadim u l-Ġdid ………………….. 5

**It-Tieni Parti:**
X'Ġara mil-Liġi u l-Profeziji tat-Testment il-Qadim ……………………………… 13

**It-Tielet Parti**
Mela Għaliex Nerġgħu Nġibu lil Kristu Lura fid-dinja? …………………………… 21

**Ir-Raba' Parti**
Kollox Mitmum ……………………………… 30

**Il-Ħames Parti**
Profeziji U t-Twettiq Tagħhom ………………. 41

**Is-Sitt Parti**
Il-Veru Iżrael ………………………………… 49

**Is-Seba' Parti**
Profeziji Kondizzjonali ……………………….. 53

**It-tmien Parti**
Iżrael tat-Testment il-Ġdid …..……………….. 58

**Id-disa' Parti**
Danjel ……………………………………….. 72

**L-Għaxar Parti**
Qiegħed Ġesù Jsaltan Illum Jew Le? ………….. 75

**Il-Ħdax-il Parti**
Il-Ħolma Ta' Nebukadnessar ………………….. 78

**Numru** **Paġna**

**It-Tnax-il Parti**

Il-Profeziji tat-Testment Il-Qadim Imwettqa …… 79

**It-Tlettax-il Parti**

Profeziji Bibliċi …………………………………… 100

1. Imwieled minn mara 101
2. Verġni tikkonċepixxi 101
3. Bin Alla 102
4. Bin Abraham 107
5. Bin Iżaak 107
6. Bin Ġakobb 108
7. Mit-tribù ta' Ġuda 109
8. Toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessi 109
9. Bin David 110
10. Imwieled f'Betlehem 112
11. Rigali jkunu pprezentati Lilu 113
12. Il-massakru tas-subjien kollha ta' sentejn u taħt f'Betlehem u fl-inħawi tagħha 114
13. Il-ħarba lejn l-Eġittu 114
14. Il-preżenza eterna ta' Kristu sa minn qabel is-sisien tad-dinja u minn dejjem ta' dejjem 115
15. Ikun imsejjaħ Mulej 116
16. Huma jsejħu Ismu Għimmanu-El (Alla magħna) 118
17. Ikun profeta 118
18. Qassis għal dejjem 119
19. Jiġġudika 120
20. Ikun Sultan 121
21. L-Ispirtu tal-Mulej joqgħod fuqu 123

| **Numru** | **Paġna** |
|---|---|
| 22. Il-ħeġġa ta' darek kilitni | 125 |
| 23. Messaġġier għandu jipprepara t-triq qablu (Ġwanni l-Battista) | 126 |
| 24. Għandu jibda l-ministeru pubbliku Tiegħu fil-Galilija | 127 |
| 25. Il-mirakli Tiegħu | 128 |
| 26. Għandu jgħallem bil-parabboli | 130 |
| 27. Minnufih jiġi fit-tempju Tiegħu | 130 |
| 28. Id-dħul Tiegħu fil-belt riekeb fuq ħmar | 131 |
| 29. Ġebla ta' tfixkil għal Iżrael | 133 |
| 30. Id-dawl tad-dinja | 134 |
| 31. Ħabib jitradixxih | 135 |
| 32. Is-servizz tar-Ragħaj it-Tajjeb…għal tletin biċċa tal-fidda | 136 |
| 33. Il-flus ikunu mitfuha fit-teżorerija tat-tempju | 137 |
| 34. Il-flus ikunu wżati biex tinxtara għalqa tal-fuħħari | 138 |
| 35. Id-dixxipli Tiegħu jabbandunawh u Jaħarbu | 138 |
| 36. Xhieda foloz jixhdu Kontrih | 139 |
| 37. Hu ssottometta u ma fetaħx fommu | 140 |
| 38. Hu kien miġruh għal-ħtijietna, misħuq għal dnubietna | 141 |
| 39. Huma jobżqulu fuq wiċċu u jsawwtuh | 142 |
| 40. Huma jiddieħku bih | 143 |
| 41. Huma jniffdulu jdeh u riġlejh | 143 |
| 42. Hu kien magħdud mal-midinbin | 145 |
| 43. Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu | 145 |

**Numru** **Paġna**

44. Imkeċċi u mwarrab mill-ġens Tiegħu 145
45. Huma kienu jobogħduh mingħajr kawża 146
46. Il-maħbubin Tiegħu baqgħu 'l bogħod 147
47. Nies iċaqalqu rashom 148
48. Nies iħarsu u jiċċassaw Lejh 148
49. huma qasmu ħswejġu fosthom, u għal libsa Tiegħu tefgħu x-xorti 149
50. Meta kont bil-għatx, huma tawni ħall biex nixrob 150
51. Hu għajjat…Alla Tiegħi, għaliex abbandunajti 151
52. F'idejh nerħi l-ispirtu Tiegħi 151
53. Ebda waħda mill-għadam Tiegħu ma kienet miksura 152
54. Ġenbu mniffed 152
55. Dlam fuq l-art kollha 152
56. Ma' l-għonja fil-mewt tiegħu 153
57. Il-qawmien Tiegħu mill-mewt fit-tielet jum 155
58. It-tlugħ Tiegħu fis-sema 158
59. Hu qagħad fuq il-leminija tal-Missier 158
60. Qirda ta' Ġerusalem u t-tempju fis-sena 70 W.K. 159

**L-Erbatax-il Parti**

Il-Probabbiltà Matematika Ta' Ġesù Jwettaq il-Profezija …………………………………….. 163

# IL-PROFEZIJI TAT-TESTMENT IL-QADIM U T-TWETTIQ TAGĦHOM FI KRISTU
## (L-Ewwel Parti)

## IL-PATT IL-QADIM U L-PATT IL-ĠDID

**Ġakbu 1:25,**

> "*Imma dak li jagħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-ħelsien, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan fil-għemil tiegħu.*"

**Mattew 5:17-18,**

> "*La taħsbux li ġejt biex neqred il-liġi,* ***jew il-Profeti****; jien ma ġejtx biex neqred,* ***iżda biex inwettaq****. Għax tassew ngħidilkom: Sakemm igħaddu s-sema u l-art, jota waħda jew nitfa waħda ma titneħħiex mil-liġi sa ma jkun seħħ kollox.*"

Il-liġi kienet tinkludi l-kodiċi ritwali, ċivili, u morali ta' Iżrael. **Il-profeti** kienu jinkludu l-profeziji u l-kmandamenti li kienu mogħtija permezz tal-profeti. "**Biex neqred**" hija mpoġġija f'kuntrast ma' "**biex inwettaq**." Ġesù minflok ma **qered** il-liġi **wettaqha**. Minflok ma **warrab** fil-ġenb lill-profeti, Ġesù **wettaq** il-profeziji tagħhom. Ġesù ġie biex iwettaq it-tipi *kollha* tal-liġi u *kull profezija* tal-profeti li ma kinetx għadha mwettqa.

Ġesù u s-saltna tiegħu, il-knisja, b'dak kollu li jappartjeni lilhom, jikkonstitwixxi l-oġġett u t-twettiq

tal-profeti **kollha**. Ġesù wettaq il-liġi u l-profeti **kollha**.

**Lhud 8:13,**

> "*Meta tkellem minn patt 'ġdid,' wera li* ***dak ta' qabel*** *kien qadim. Issa dak li* ***jiqdiem*** *u* ***jixjieħ*** *ikun wasal biex* ***jispiċċa****.*"

Dan juri biċ-ċar li l-qadim "spiċċa" *għal kollox*!

**Lhud 10:9,**

> "*Imbagħad qal: Hawn jien; ġej, O Alla! Biex nagħmel ir-rieda tiegħek. Hu* ***NEĦĦA ta' l-ewwel, biex IWETTAQ it-tieni****.*"

<u>**Lhud 1:1**</u>,

> "*Alla, li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem* ***fl-imgħoddi*** *lil missirijietna* ***bil-profeti****,* ***f'dawn l-aħħar jiem*** *kellimna* ***b'Ibnu****,...*"

"Fl-imgħoddi – "f'dawn l-aħħar jiem." "Profeti" – "Ibnu." L-imgħoddi issa spiċċa għadda. Il-profeti issa spiċċaw, għaddew – dak kollu li huma qalu issa twettaq! L-appostlu Pawlu jgħidilna:

**1 Korintin 13:8,**

> "*L-imħabba ma tintemm qatt.* ***Igħibu l-profeziji****, jisktu l-ilsna, igħib il-għerf. Għalissa nafu biċċa. U l-****profezija*** *tagħna hi nieqsa;* ***imma meta***

***jfeġġ dak li hu sħiħ, igħib dak li hu nieqes.***"

Dak li hu sħiħ, perfett – **Ġakbu 1:22-25** – "Il-liġi *perfetta* tal-ħelsien."

"*Igħibu l-profeziji.*" Għaliex "igħibu l-profeziji?" Għaliex ikunu mwettqa kollha! (Luqa 18:31; 24:25-27, 44-47; Ġwanni 17:4).

**Luqa 24:44,**

> "*U qalilhom: Dawn huma l-kelmiet li għidtilkom, meta kont għadni magħkom, li jaħtieġ li jseħħu l-ħwejjeġ kollha, li nkitbu fil-***liġi ta' Mosè***, u fil-***profeti***, u fis-***salmi***, fuqi.*"

**Luqa 21:22,** – Waqt li kien qiegħed iħabbar il-qerda ta' Ġerusalem, Ġesù qal hekk:

> "*Għax dawk ikunu jiem ta' vendetta,* ***li fihom ISEĦĦ KULL MA HEMM MIKTUB.***"

Ġerusalem kienet meqruda fis-sena 70 W.K. minn Titu.

**Atti 3:12-26,** – Fid-diskors tiegħu lin-nies ta' Iżrael, Pietru qalilhom hekk dwar dak li ntqal mill-profeti:

> "*Imma Alla b'hekk* ***TEMM*** *dak li hu kien ħabbar sa minn qabel b'fomm* ***il-profeti****, jiġifieri, li l-Messija tiegħu kellu jbati…U l-***profeti kollha, ibda minn Samwel u dawk li ġew warajh, ILKOLL*** *tkellmu u ħabbru dawn il-jiem*" (versi 18, 24).

Pietru hawn jirreferi tliet darbiet għax-xhieda tal-"profeti," u wkoll għal Mosè u għall-patt ta' Abraham.

**L-ewwel appell** għall-profeti (v. 18) għandu riferenza għall-mewt ta' Kristu, kif imbassra mill-profeti.

**It-tieni appell** ta' Pietru lil-Lhud huwa f'konnessjoni mas-sejħa tiegħu għall-indiema (versi 19-21). Hu jsemmi tliet raġunijiet għal dan: (1) "biex dnubietkom jitħassru" (v. 19a); (2) "hekk jiġu żminijiet ta' mistrieħ mill-preżenza tal-Mulej" (v. 19b); (3) "u [li] hu jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li *hu* Ġesù: li għandu **jibqa' fis-sema** sa żmien **it-tiġdid ta' kollox**, li qal Alla b'fomm **il-profeti qaddisa <u>kollha</u> tiegħu minn mindu bdiet id-dinja**" (v. 20, 21).

Mela, biex l-Ispirtu s-Santu jkisser it-tagħlim falz ta' dawn il-profeti u għalliema foloz moderni dwar il-millenju jgħidilna permezz ta' l-appostlu Pietru,

> "*Hekk jiġu* ***żminijiet (mhux żmien)*** *ta' mistrieħ mingħand il-Mulej, u hu jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù, li* ***għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ it-tiġdid <u>tal-ħwejjeġ kollha</u>*** *li* ***<u>fl-imgħoddi</u>*** *semma Alla b'fomm il-profeti qaddisa* ***<u>kollha</u>*** *tiegħu minn mindu bdiet id-dinja*" (Atti 3:20-21; enfasi tiegħi).

Mela, x'inhu jgħidilna l-Ispirtu s-Santu hawn? Qiegħed jgħidilna li Ġesù Kristu għandu *jibqa'* fis-sema **sa ma jseħħ** "*it-tiġdid* ***tal-ħwejjeġ kollha.***" Qiegħed jgħidilna "hekk jiġu **żminijiet** u mhux żmien. Wara

dawn **iż-żminijiet** ma jkun baqa' ebda żmien ieħor ta' elf sena fuq l-art kif jippruvaw jgħallmu xi wħud! Għaliex? Għaliex "**ikun seħħ it-tiġdid tal-ħwejjeġ <u>kollha</u>!**"

Dan il-vers ma jgħidx li Ġesù għandu jibqa' fis-sema "sa ma **JIBDA** ż-żmien tat-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha kif jippruvaw jgħallmu l-Millenjalisti! Il-vers jgħid li "Ġesù għandu **jibqa'** fis-sema **sa ma jseħħ** it-tiġdid tal-ħwejjeġ **<u>kollha</u>**." Din hija daqqa kbira għall-Millenjalisti għaliex ma hemmx lok hawn għall-saltna ta' elf sena letterali fuq l-art!

**<u>Luqa 21:22</u>,**

> "*Għax dawk ikunu jiem ta' vendetta, li fihom iseħħ KULL MA HEMM MIKTUB.*"

**<u>Luqa 24:25-27, 44-49</u>,**

> "*Qalilhom Ġesù: 'Kemm intom boloh u tqal biex temmnu **kull ma qalu** l-profeti! U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ **<u>u hekk</u> jidħol fil-glorja tiegħu**? U beda minn Mosè u l-profeti **kollha** jfissrilhom **kull ma kien hemm** fl-Iskrittura fuqu...*" *44-49*
>
> "*Imbagħad qalilhom: 'Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawk il-kelmiet, '**Jeħtieġ li jseħħ** KULL MA NKITEB fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.' Imbagħad fetħil-hom moħħom **biex jifhmu** l-Iskrittu-*

*ra. U qalilhom: "**Hekk kien miktub**, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem. Intom xhud ta' dan. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu."*

**"Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi…"** "Jeħtieġ." Issa ma baqa' XEJN xi jseħħ aktar. Għaliex "**temmejt** ix-xogħol li tajtni biex nagħmel" (Ġwanni 17:4b). Il-millenjalisti jgħallmu b'mod żbaljat għal kollox li "ż-żmien" tat-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha" jibda b'millenju meta Kristu jerġa' jiġi. Imma hawn aħna għandna "*żminijiet*" u mhux "*żmien*." Kontu tafuh dan intom li temmnu u taċċettaw dak it-tagħlim żbaljat, jew le? Imma dawn il-versi, miktuba b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ma jgħidux li Kristu għandu jibqa' fis-sema sa ma *l-ħwejjeġ kollha* ***jibdew*** *ikunu mġedda jew irrestawrati*. Dan jgħid "iż-żminijiet" (plural) tat-tiġdid "*tal-ħwejjeġ kollha*" (plural), **mhux** "żmien ta' elf sena"! Dan Ġesù, li hawn huwa mwiegħed li jiġi lura, għandu **jibqa' fis-sema,** *sa ma "l-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda."* Għalhekk, *il-ħwejjeġ kollha* **għandhom** ikunu irrestawrati jew imġedda **QABEL** ma Ġesù jiġi. Aħna qegħdin ngħixu *fiż-żminijiet* u mhux fiż-"żmien" "imlissna mill-profeti kollha." **L-ewwel miġja mmarkat il-bidu tal-perjodu**

**tat-tiġdid, it-tieni miġja timmarka t-tmiem ta' dak il-perjodu**. Kemm hu differenti t-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu mit-tagħlim tal-profeti u l-għalliema foloz! Aħna qegħdin ngħixu "fiż-żminijiet tat-tiġdid" ***issa***, ***illum***. Aqra **Galatin 4:4-7** – "Il-milja taż-żminijiet waslet…" Imma t-teorija tal-Millenjalisti tgħid sewwasew l-oppost.

Hawn tajjeb li jiena nwissi lil min qiegħed jaqra dan l-istudju dwar dak li l-millenjalisti jgħidu. Huma jgħidu li dak li twettaq huwa dak kollu li għandu x'jaqsam dwar Kristu u mhux dwar il-millenju! Sfortunatament, huma ħafna li jinqabdu f'dan l-irraġunar mingħajr lanqas biss ma jindunaw u jistaqsu: "Imma l-millenju dwar min hu? Mhux **Kristu** jintqal li se jsaltan għal elf sena fuq l-art? Allura l-millenju mhuwiex fuq Kristu wkoll? Allura dak li ntqal li twettaq u li huwa **dwar Kristu** dan mhwiex inkluż fih? Ġesù qal li:

> "*Jeħtieġ li jseħħ KULL MA NKITEB FUQI*" (Luqa 24:44)

Jekk il-millenju huwa dwar Kristu allura dan twettaq. L-elf sena qegħdin fihom issa, jirrappreżentaw l-epoka Kristjana kollha. Qiegħed tara kif tkun ingannat mingħajr ma tinduna?

**Pietru 1**:19-21,

> "***U hekk għandna mwettqa aħjar il-kelma tal-profeti.*** *Tagħmlu sewwa jekk toqogħdu attenti għaliha; hi bħal fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qalb-*

*kom titla' l-kewkba ta' fil-għodu. Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li ebda profezija ta' l-Iskrittura* ***ma għandu ħadd iffisirha minn rasu****. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.*"

**Ġwanni 4:34** – Ġesù qal:

"*L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li* ***nwassal <u>fit-tmiem</u> l-opra tiegħu****.*"

Għamel Ġesu dak li Hu qal li kellu jagħmel? Ħalli aħna nħallu Lilu jgħidilna u mhux lill-profeti u l-għalliema foloz tal-lum:

**Ġwanni 17:4,**

"*Jien igglorifikajt lilek fuq l-art billi* ***<u>temmejt</u>*** *ix-xogħol li tajtni nagħmel.*"

**Ġwanni 19:30,**

"*Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: "****<u>Kollox</u> hu <u>mitmum</u>****!" Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu.*"

Temmen int li Ġesù TEMM ix-xogħol li Alla tah biex jagħmel fuq din l-art? Hu hekk qal. Jew temmen li għad għandu *elf sena oħra* x'jagħmel fuq din l-art? Il-profeti foloz hekk jgħidu! Lil min inti temmen?

# X'ĠARA MIL-LIĠI U L-PROFEZIJI TAT-TESTMENT IL-QADIM?
## (It-Tieni Parti)

**Kolossin 2:14,**

> "*Billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina:* ***neħħiha*** *min-nofs,* ***u sammarha mas-salib****.*"

"Neħħiha" u "sammarha." Jekk **neħħiha** u **sammarha** mas-salib allura din ma tapplikax aktar fl-ebda mod! Din kienet **imwettqa kollha kemm hi, bil-profeziji kollha tagħha!** Xi wħud jaqraw xi siltiet mit-Testment il-Qadim u jinterpretawhom bħala li għad iridu jkunu mwettqa. Dan imur kontra l-Kelma ta' Alla li nsibu fit-Testment il-Ġdid. Jekk Ġesù "**temm ix-xogħol li Alla tah biex jagħmel**," u jekk Hu "**neħħiha u sammarha mas-salib,**" jekk xi ħadd jinterpreta li għad hemm xi profeziji li għad iridu jkunu mwettqa, allura l-interpretazzjoni tiegħu hija żbaljata! L-appos-tlu Pawlu jgħid:

**Efesin 2:13-16,**

> "*Imma* ***issa****, fi Kristu Ġesù, intom darba kontu 'l bogħod, issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu. Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li* ***minn t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna****—il-mibegħda ta' bejnietna—****u ħassar bis-sagrifiċċju*** *ta' ġismu* ***l-liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha****.* ***Mit-tnejn****, Lhud*

*u Ġentili, ried* ***b'hekk*** *joħloq bih in-nifsu bniedem* ***wieħed****, il-bniedem* ***il-ġdid****, billi jagħmilhom paċi* ***t-tnejn*** *bejniethom u jħabbibhom* ***it-tnejn*** *ma' Alla* ***f'ġisem wieħed permezz tas-salib li BIH*** ***<u>qered</u>*** ***il-mibegħda ta' bejniethom****."*

**Galatin 3:23-25,**

*"Qabel ma ġiet il-fidi, aħna konna miżmumin priġunieri taħt il-ħarsien tal-liġi, sa ma tiġi l-fidi li kellha tkun rivelata. Il-liġi, mela, kienet tmexxina qisna tfal lejn Kristu, biex inkunu ġġustifikati permezz tal-fidi.* ***Issa*** *li l-fidi ġiet,* ***ma naħtiġux aktar min imexxina****."*

**Ġuda 3,**

*"… dik il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin."*

**2 Korintin 3:4-14,**

*"Hu bi Kristu li aħna għandna tama bħal din quddiem Alla. Mhux għax aħna għandna ħila minna nfusna li nqisu xi ħaġa bħala ġejja minna nfusna; imma l-ħila tagħna ġejja minn Alla; Li għamilna wkoll ministri tajbin tar-****rabta l-ġdida****. Mhux ta' l-ittra, imma ta' l-ispirtu: għax l-ittra toqtol, imma l-ispirtu jagħti l-ħajja. Issa jekk il-*

*ministeru tal-mewt, miktub u minqux fil-ġebel, sar hekk glorjuż, li wlied Iż-rael ma kinux jistgħu jħarsu lejn wiċċ Mosè minħabba l-glorja ta' wiċċu: glorja li kellha tgħaddi; Kif ma jkunx aktar glorjuż il-ministeru ta' l-ispirtu? Għax jekk il-ministeru tal-kundanna kien ta' glorja, wisq aktar jisboq fil-glorja l-ministeru tal-ħaqq. Għax ukoll dak li kien igglorifikat ma kellux glor-ja f'din il-ħaġa, minħabba l-glorja li tisbqu. Għax jekk* ***dak li jgħaddi*** *kien glorjuż, kemm aktar dak li jibqa' hu glorjuż? Billi għandna tama bħal din, aħna nitkellmu bla biża': U mhux bħal Mosè, li kien iqiegħed velu fuq wiċċu, biex ulied Iżrael ma jħarsux lejn it-tmiem ta' dak li kellu jgħaddi u jiġi fix-xejn. Iżda moħħhom kien imdal-lam; għax sa llum, waqt il-qari tat-tes-tment il-qadim, l-istess velu jibqa' ma jitneħħiex: velu li jitneħħa fi Kristu."*

**Versi 12-18,**

*"Billi għandna tama bħal din, aħna ni-tkellmu bla biża': U mhux bħal Mosè, li kien iqiegħed velu fuq wiċċu, biex ulied Iżrael ma jħarsux lejn it-tmiem ta' dak li kellu jgħaddi u jiġi fix-xejn. Iżda moħħhom kien imdallam; għax sa llum, waqt il-qari tat-testment il-*

*qadim, l-istess velu jibqa' ma jitneħħiex: velu li jitneħħa fi Kristu. Imma wkoll sa llum, meta jinqara Mosè, hemm velu fuq qalbhom. Madankollu, meta qalbhom iddur lejn il-Mulej, il-velu jitneħħa. Issa l-Mulej hu dak l-Ispirtu: u fejn hemm l-Ispirtu tal-Mulej, hemm il-libertà: Iżda aħna lkoll, b'wiċċna mikxuf, aħna u nħarsu qisu fil-mera lejn il-glorja tal-Mulej, nitbiddlu f'din l-istess xbieha, minn glorja għal glorja, qisu bl-Ispirtu tal-Mulej.*"

**Vers 13**,

"*…lejn it-tmiem ta' dak li kellu jgħaddi u jiġi fix-xejn.*"

**Vers 14,**

"*Moħħhom iddallam, u sal-ġurnata tal-lum* ***dak l-istess velu għadu fuqhom*** *waqt il-qari tal-kotba tal-Patt il-Qadim; ma jitneħħiex, għax* ***permezz ta' Kristu biss*** *jitneħħa.*"

**Rumani 7:4,**

"*Hekk intom, ħuti,* ***mittu għal-liġi*** *permezz tal-ġisem ta' Kristu, biex intom tkunu ta' ħaddieħor, jiġifieri, ta' dak li kien imqajjem mill-imwiet, sabiex nagħmlu l-frott għal Alla.*"

**Galatin 5:4**,

> "*Lilkom, li intom iġġustifikati* ***bil-liġi****, Kristu* ***sar ma jiswielkom xejn****, intom waqajtu mill-grazzja.*"

**Ġwanni 1:17,**

> "*Għax il-liġi kienet mogħtija b'Mosè: iżda l-grazzja u l-verità ġew b'Ġesù Kristu.*"

Indunajt int li qiegħed taqra x'aħna qegħdin nagħmlu? Qegħdin inħallu l-Kelma ta' Alla tgħidilna hi jekk aħna aħniex marbutin mat-Testment il-Qadim jew le. *Għaliex nerġgħu mmorru lura għal liġi?* Dan ifakkarni f'"*Intom tgħidu u Alla jgħid*" (Mattew 15:4, 5). Lest int li tħalli lil l-Ispirtu s-Santu jgħidlek Hu lil min għandek int tisma' llum jekk hux lill-profeti tat-Testment il-Qadim jew inkella lil Kristu? Iddeċiedi wara li tkun qrajt dawn:

**Mattew 17:5,**

> "*Fil-waqt li kien għadu jitkellem, ara, sħaba tiddi għattiethom: u, ara, ġie leħen mis-sħab, li qal: Dan hu Ibni l-għażiż, li bih nitgħaxxaq:* ***isimgħu lilu****.*"

Staqsi lilek innifsek, issa, qiegħed int tisma' lil Isaija, lil Eżekjel, lil Danjel jew lil Żakkarija u lil xi wieħed mill-profeti tat-Testment il-Qadim jew lil Iben l-għażiz ta' Alla? Jekk int tgħid li għad hemm profeziji tat-Testment il-Qadim li għad iridu jitwettqu fil-futur allura int għadek qiegħed tisma' mill-profeti tat-Test-

ment il-Qadim u mhux mill-Iben l-għażiz ta' Alla! Malli int tgħid: "Għax Danjel jgħid…" int tkun qiegħed tisma' minn Danjel u mhux minn Kristu! Kif int tgħid, "Għax Eżekjel jgħid…." Int tkun qiegħed tmur kontra dak li jgħidlek Alla biex tisma' lil Ibnu! Imma ħalli nkomplu nħallu lil l-Ispirtu s-Santu jgħid-ilna Hu minn min għandna nisimgħu!

**Lhud 1:1-2,**

> "*Alla, li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem* ***fl-imgħoddi lil missirijietna bil-profeti. F'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu****…*"

Jiena nemmen b'qalbi kollha lit-Testment il-Qadim huwa l-Kelma ta' Alla (2 Timotju 3:16-17). Imma dak kollu li hemm fih kien indirizzat lil poplu Lhudi u mhux lilna. "Lil missirijietna" kellimhom Alla "*bil-profeti.*" Issa, f'Dawn l-aħħar jiem, fl-Epoka Krist-jana, fil-jiem tat-Testment il-Ġdid, "*kellimna b'Ibnu.*" Temmnu dan int? Mela, jekk jiġi xi ħadd u jgħidli li Isaija, Eżekjel, Danjel, Żakkarija jew xi profeta ieħor mit-Testment il-Qadim qal hekk u hekk u dak li qalu għad irid ikun imwettaq fil-futur jiena nwieġeb bil-kunfidenza kollha, "Lili għidli xi jgħid Kristu u mhux xi jgħidu Isaija, Eżekjel, Danjel, Żakkarija jew xi wieħed mill-profeti tat-Testment il-Qadim għaliex is-sa, "*f'dawn l-aħħar jiem*" **Alla jkellimna b'Ibnu**, Sidna Ġesù Kristu u mhux bil-profeti! Qiegħed tara kif "Alla jgħid" u "intom" il-profeti u l-għalliema foloz moderni "tgħidu." Hija għażla sempliċi ħafna li

wieħed għandu jagħmel, jew jaċċetta li jobdi lil Alla jew lill-bnedmin! Imma m'għandniex ninsew li:

> "*Aħna għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin*" (Atti 5:29).

Sfortunatament xi wħud mhumiex lesti li jwarrbu t-tagħlim falz tal-bnedmin u jisimgħu minn Alla.

**Ġakbu 1:25,**

> "*Imma dak li jagħarbel sewwa l-liġi* ***perfetta*** *tal-ħelsien, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan fil-għemil tiegħu.*"

**Lhud 10:1, 14,**

> "*Il-liġi ta' Mosè billi għandha biss id-dell tal-ġid li għandu jiġi, u mhux dan l-istess ġid, lil dawk lil jersqu qrib lejn Alla ma tista' qatt tagħmilhom perfetti bis-saħħa ta' dawk is-sagrifiċċji li huma joffru bla waqfien minn sena għal sena...Għax hu b'offerta waħda* ***għamel perfetti għal dejjem*** *lil dawk li huwa jqaddes.*"

Kristu, "b'offerta waħda" għamel perfetti **għal dejjem**, li dawk li huwa jqaddes. Issa ma teħtieġ ebda offerta oħra jew saltna ta' elf sena fuq l-art! X'ikun l-iskop għal Kristu biex jerġa' jiġi fuq l-art, u joqgħod fuq it-tron letterali ta' David, f'Ġerusalem, u minn hemm isaltan għal elf sena oħra meta *bl-offerta l-waħda Tiegħu* huwa wettaq il-pjan ta' Alla **għal**

**dejjem**? Jew għal dejjem, jew għad jonqsu elf sena oħra xi jwettaq! Għalhekk il-ħafna twissijiet fl-Iskrittura Mqaddsa biex ma nħallux lil min iqarraq bina bl-ebda mod! (Kolossin 2:8; Efesin 5:6; 2 Tessalonikin 2:3; 1 Ġwanni 3:7).

## MELA GĦALIEX NERĠGĦU NĠIBU LIL KRISTU LURA FID-DINJA?
## (It-Tielet Parti)

1. **Il-Missjoni Tiegħu tal-Fidwa hija Kompluta:– Efesin 1:1-10,**

> "*Pawlu, appostlu ta' Ġesù Kristu bir-rieda ta' Alla, lill-qaddisin li huma f'Efesu, u lill-fidili fi Kristu Ġesù: Grazzja lilkom, u sliem, mingħand Alla Missierna, u mingħand il-Mulej Ġesù Kristu. Imbierek ikun Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna fi Kristu b'kull barka spiritwali fis-smewwiet. Bħal ma għażilna fih qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisin u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba; Billi ippredestinana biex inkunu wliedu adottivi għalih innifsu b'Ġesù Kristu, skond l-intenzjoni tajba tar-rieda tiegħu, Għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, li biha għamilna mil-qugħin fil-Maħbub. Li fih għandna l-fidwa permezz ta' demmu, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu; Li minnha fawwar fuqna b'kull għerf u prudenza; Billi għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, skond l-intenzjoni tajba tiegħu li għoġbu jagħmel min qabel fih stess: Biex fil-pjan tal-milja taż-żminijiet, jiġbor kollox*

*flimkien fi Kristu, sew dak li hemm fis-sema, u kemm dak li hemm fl-art; iva, fih.*"

**Kolossin 1:13-14,**

"*Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub, li bih* ***għandna l-fidwa*** *b'demmu, il-maħfra tad-dnubiet.*"

**Lhud 9:12,**

"*Hu daħal darba għal dejjem fis-santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa għal dejjem.*"

2. **Ir-Rivelazzjoni Tiegħu hija Kompluta**:

**Efesin 3:1-11,**

"*Għal din ir-raġuni jien Pawlu, il-priġunier ta' Ġesù Kristu għalikom il-Ġentili, Jekk intom smajtu bix-xogħol mogħti lili mill-grazzja ta' Alla għalikom: Kif b'rivelazzjoni għarrafni l-mi-steru; (bħal ma ktibt qabel fi ftit kliem, Li bihom, meta taqraw, tistgħu tifhmu x'naf jien mill-misteru ta' Kristu,) li fi żminijiet imgħoddija ma kienx imgħarraf lil ulied il-bniedem, bħalma hu irrivelat issa bl-ispirtu lill-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti;*

*Biex il-Ġentili jkunu sħab fil-wirt, u mill-istess ġisem, u jaqsmu fil-wegħda tiegħu fi Kristu permezz ta' l-evanġelju: Li tiegħu jien sirt ministru, skond id-don tal-grazzja ta' Alla mogħti lili bil-ħidma tas-setgħa tiegħu. Lili, li jien l-iżgħar fost il-qad-disin kollha, hi mogħtija dil-grazzja, li nxandar fost il-Ġentili l-għana bla tarf ta' Kristu; U biex nuri lil kullħadd x'inhi x-xirka tal-misteru, li sa mill-bidu tad-dinja kien moħbi f'Alla, li ħalaq kollox b'Ġesù Kristu. Biex ikun imgħarraf is-sa lill-prinċipati u lis-setgħat fis-smewwiet, permezz tal-knisja, il-għerf ta' mezzi bla tarf ta' Alla, skond il-pjan etern li hu għamel fi Kristu u Sidna.*"

**Ġuda 3,**

"*…inħeġġiġikom għal dik il-fidi li ngħatat* ***darba għal dejjem*** *lill-qaddisin.*"

3. **L-Awtorità Tiegħu hija Kompluta** :

**Mattew 28:18,**

"*Lili ngħatat l-awtorità kollha fis-sema u fl-art.*"

**Efesin 1:20-23,**

"*Li għamel fi Kristu, meta qajmu mill-imwiet, u qiegħdu n-naħa tal-lemin*

*tiegħu stess fis-smewwiet. Wisq 'l fuq minn kull prinċipat, u setgħa, u qawwa, u ħakma, u kull isem li jissemma, mhux biss f'did-dinja, imma f'dik ukoll li ġejja: U qiegħed kollox taħt riġlejh, u lilu għamlu fuq kollox, biex ikun ir-ras tal-knisja. Li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox.*"

**4. Is-Saltna Tiegħu hija Kompluta:**

**Kolossin 1:13,**

"*Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u* ***daħħalna*** ***fis-saltna*** *ta' Ibnu l-maħbub.*"

**Lhud 12:28,**

"*Mela roddu ħajr lil Alla għax* ***aħna ħadna saltna li ma titħarrikx****; u nagħ-tuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieħ u bil-biża'.*"

**2 Timotju 4:1,**

"*Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, li għandu jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-dehra tiegħu* ***u s-saltna tiegħu****.*"

Il-ħaqq ikun skond is-saltna, skond il-liġi tas-saltna tiegħu:

**Rumani 2:16**,

"*Fil-jum meta Alla jagħmel ħaqq mill-egħmil moħbi tal-bnedmin skond l-*

*evanġelju tiegħi permezz ta' Ġesù Kristu."*

**2 Tessalonikin 1:8**,

"*F'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu."*

5. **It-Tron Tiegħu huwa Komplut**:

**Lhud 4:14,**

"*Mela meta aħna għandna l-qassis il-Kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha."*

**Lhud 1:8**,

"*Imma għal l-Iben igħid: "It-tron tiegħek, O Alla, għal dejjem ta' dejjem, ix-xettru tal-ġustizzja hu x-xettru ta' saltnatek."*

6. **L-Isem Tiegħu huwa Komplut**:

**Efesin 1:22,**

"*Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-knisja kollha."*

**Kolossin 3:17,**

"*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu."*

**Filippin 2:9-11,**

> "*Għalhekk Alla għolieh wisq, u tah isem li hu fuq kull isem: Biex għall-isem tiltewa kull irkobba, ta' ħlejjaq fis-sema, u ta' ħlejjaq fuq l-art, u ta' ħlejjaq taħt l-art; U li kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu Mulej, għall-glorja ta'Alla l-Missier.*"

7. **Il-Glorja Tiegħu hija Kompluta**:

**1 Pietru 1:20-21,**

> "*Hu kien ippredestinat sa minn qabel ma saret id-dinja, imma deher fl-aħħar taż-żminijiet minħabba fikom. Bih intom temmnu f'Alla, li qajmu mill-imwiet* ***u tah il-glorja****; hekk il-fidi tagħkom hi wkoll tama f'Alla.*"

8. **Ix-Xogħol Tiegħu Fuq l-Art hu Komplut**:

**Ġwanni 17:4,**

> "*Jien igglorifikajt lilek* ***fuq l-art billi temmejt*** *ix-xogħol li tajtni nagħmel.*"

**Ġwanni 4:34,**

> "*Qalilhom Ġesù: L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' dak li bagħatni, u* ***ntemm*** *xogħolu.*"

9. **Fl-aħħar—Fi Kristu Aħna Kompluti**:

**Kolossin 2:10**,

*"U intom kompluti (mimlijin) fih, hu li hu r-ras ta' kull prinċipati u setgħa."*

## 10. Mhux Aktar fid-Dinja:

**Ġwanni 17:11,**

*"U jien **ma għadnix aktar fid-dinja**, iżda huma għadhom fid-dinja, u jiena ġej għandek. Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu ħaġa waħda bħalna."*

"*Ma għadnix aktar*" tfisser "*ma għadnix aktar*" u dan ifisser li Ġesù mhux se jkun aktar fuq l-art "SKOND IL-ĠISEM," jiġifieri, li Ġesù qatt aktar ma Hu se jmiss l-art! IMKIEN fil-Bibbja kollha ma hemm xi vers wieħed li juri li Ġesù se jerġa' jinżel fuq l-art. Il-premillenjalisti jippruvaw jikkwotaw Atti 1:11 bħala prova, imma jekk aħna nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha u mhux lill-bniedem, din tgħidilna ċar x'se jiġri meta Ġesu jerġa' jiġi.

**Atti 1:9,**

*"Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq, u **sħaba** ħaditul-hom minn quddiem għajnejhom."*

Huma rawh tiela fis-sema fi "sħaba." X'tgħidilna l-Iskrittura dwar meta Ġesù jerġa' jiġi? U hawn hu meta jkollna xi diffikultà aħna għandna nirrikorru għall-Iskrittura u mhux għat-tagħlim żbaljat tal-bned-min. Waqt li Pawlu qiegħed jispjega dwar se jiġri

meta l-Mulej jerġa' jiġi, hu jgħid hekk dwar il-ġusti mejtin u ħajjin:

**1 Tessalonikin 4:17,**

> "*Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn, ninħatfu magħom fl-ajru* ***fis-sħab*** *biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru.* ***Hekk inkunu dejjem mal-Mulej****.*"

"Hekk inkunu DEJJEM mal-Mulej." Fejn? Fuq l-art? żgur li le! Din hija l-interpretazzjoni li jagħtina l-Ispirtu s-Santu dwar Atti 1:9! U hawn, għal darb'oħra għandna, "Intom tgħidu" imma "Alla jgħid" (Mattew 15:4, 5).

**2 Korintin 5:16,**

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx* ***aktar hekk****.*"

"*Issa ma nagħarfuhx aktar hekk*" ma jfissirx li għad irridu nagħrfuh *skond il-ġisem* għal elf sena oħra!!

## 11. Mela Għaliex Inġibuh Lura.

Ma hemm xejn Għalih x'jagħmel fuq l-art! Meta Ġesù jerġa' jiġi, Hu jiġi mhux biex isaltan minn fuq l-art imma biex jeħodna Miegħu *fis-sema*! Ara x'jgħidilna Ġesù:

**Ġwanni 14:1-3,**

> "*La tħallux qalbkom titħawwad: temmnu f'Alla, temmnu wkoll fija. F'dar*

*Missieri hemm ħafna agħmajjar: kieku ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Jien sejjer inħejji post għalikom. U jekk immur u nħejji post għalikom, nerġa' niġi u nilqagħkom għandi;* ***biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll****.*"

Minn dan  il-kliem minn fomm il-Mulej Innifsu, wieħed għandu jara ċar kemm huwa żbaljat dak it-tsgħlim li jgħid li xi wħud sejrin jibqgħu jgħixu fuq l-art. Il-Mulej qalilna:

"*…biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll.*"

Ġesù ma marx Ġerusalem biex iħejji post għalina imma mar *fis-smewwiet*. Kemm jaqbel dan il-kliem mal-kliem Tiegħu li naqraw f'Mattew 5:12,

"*Ifirħu, u thennew wisq; għax kbir hu ħlaskom* ***fis-smewwiet****….*"

# “KOLLOX HU MITMUM”
## (Ir-Raba’ Parti)

**Ġwanni 19:30,**

> “*Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: “**Kollox hu mitmum!**” Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu.*”

**KOLLOX** hu mitmum! X’nifhmu aħna bil-kelma “KOLLOX”? Għandi jiena **awtorità** li nispjega minn moħħi xi tfisser jew aħjar x’fisser Ġesù meta qal li “KOLLOX HU MITMUM”?

**Mattew 28:18,**

> “*L-awtorità **kollha** hija mogħtija LILI fis-sema U FL-ART.*”

Dwar xhix kien qiegħed jitkellem meta Ġesù qal dak il-kliem, jiġifieri li “*kollox hu mitmum*? X’temm Ġesù? Biex ma jkunx hemm xi ħadd u jaħseb li jiena qiegħed nipprova nikkwota dan il-kliem b’mod ħażin, jiġifieri, “kollox mitmum,” il-kliem ta’ Ġesù skond il-Grieg huwa “ġie fit-tmiem.” Ma rridux ninsew li l-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

> “*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija ta’ l-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta’ Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu*” (2 Pietru 1:20-21).

Mela ħalli aħna nħallu l-Ispirtu s-Santu jfissrilna xi jfisser il-kliem ta' Ġesù billi naqraw skritturi oħra li għandhom l-istess kliem. Il-kelma Griega hija *teleò* li nsibu fi Ġwanni 19:30 li tfisser, li "ġġib fit-tmiem," jew "mitmum." Din il-klema nsibuha wkoll f'Mattew 26:1, fejn naqraw,

> "*U ġara, wara li Ġesù* ***spiċċa*** *(teleò) dawn it-taħditiet kollha, illi qal lid-dixxipli tiegħu:*"

Insibuha wkoll fit-Tieni Timotju 4:7 fejn Pawlu jgħid dwaru nnifsu:

> "*Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt (teleò) il-ġirja tiegħi, żammejt il-fidi.*"

Minn dawn l-Iskritturi (u oħrajn) wieħed jifhem eżatt dak li qal Ġesù fuq is-salib. Ġesù qal li *temm*, *ġab fit-tmiem*" xi ħaġa. Imma ħalli nkomplu nħallu lil l-Isirtu s-Santu jgħidilna "**x'temm Ġesù**" u mhux ngħidu aħna jew xi profeta falz!

X'temm Ġesù meta Hu qal li "KOLLOX hu mitmum"?

**Ġwanni 17:4,**

> "*Jiena igglorifikajt lilek* ***fuq l-art BILLI TEMMEJT*** *ix-xogħol li tajtni nagħmel.*"

X'temm Ġesù? Ġesù temm "ix-xogħol li tah jagħmel il-Missier." La Ġesù qal li TEMM ix-xogħol KOLLU allura Hu ma baqagħlu ebda xogħol ieħor FUQ L-ART x'jagħmel! Naqblu ma' dan? Dan qalu Ġesù u mhux jien!

**Lhud 9:27-28,**

> "*U kif inhu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-ġudizzju, hekk ukoll Kristu, wara li offra lilu nnifsu darba biss biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd, għad jerġa' jidher darb'oħra, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isal-va lil dawk li qegħdin jistennewh bil-ħerqa.*"

Ġesù għad jerġa' jidher **darb'oħra** mhux biex isaltan għal elf sena fuq l-art "IMMA BIEX ISALVA LIL DAWK LI QEGĦDIN JISTENNEWH BIL-ĦER-QA"! Dan hu dak li qiegħed jgħid l-Ispirtu s-Santu! Kristu se jerġa' jidher DARB'OĦRA. Mhux darbtejn oħra! Imma l-profeti u l-għalliema foloz jgħidu: "Kristu għandu jerġa' jidher biex isaltan f'Ġerusalem għal elf sena." Għal darb'oħra, "Alla jgħid," u "intom tgħidu." (Mattew 15:4, 5).

Imma x'kien dan ix-xogħol li Ġesù TEMM FUQ L-ART? L-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

**Luqa 24:25-27, 44-48**,

> "*Qalilhom Ġesù: 'Kemm intom boloh u tqal biex temmnu* ***kull ma qalu*** *l-profeti! U ma kellux il-Messija jgħad-di minn dawn il-ħwejjeġ* ***u hekk*** ***jid-ħol fil-glorja tiegħu****? U beda minn Mosè u l-profeti* ***kollha*** *jfissrilhom* ***kull ma kien hemm*** *fl-Iskrittura fuqu...*" ***44-49***

> *"Imbagħad qalilhom: 'Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawk il-kelmiet, '***Jeħtieġ li jseħħ** *KULL MA NKITEB fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.' Imbagħad fetħilhom moħħhom* **biex jifhmu** *l-Iskrittura. U qalilhom: "***Hekk kien miktub***, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem. Intom xhud ta' dan. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu*"

**Vers 25,**

> "*Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh* ***u tqal*** *biex temmnu KULL MA qalu l-profeti!*"

"KULL MA QALU L-PROFETI." Mhux parti milli qalu l-profeti! Lanqas dwar XI suġġett jew suġġetti li qalu l-profeti! Imma dwar **KULL MA** qalu l-profeti. Mill-A saz-Z.

**Vers 26,**

> "*U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ U HEKK* ***jidħol fil-glorja tiegħu****?*"

Ġesù għadda "*minn dawn il-ħwejjeġ.*" X'kienu "dawn il-ħwejjeġ"? Ġesù stess igħidilna: "Dawn il-

ħwejjeġ" kienu "**KULL MA QALU L-PROFETI**." Kollha jew xi wħud minnhom? Jista' jkun li forsi għad hemm xi kliem li qalu **xi** profeti li għad irid ikun imwettaq FIL-FUTUR? L-Ispirtu s-Santu jgħidilna dwar dan ukoll:

**Vers 27**,

> "*U beda* ***minn Mosè u l-PROFETI KOLLHA*** *jfissrilhom KULL MA hemm fl-Iskrittura FUQU.*"

"U beda minn Mosè." Mosè kien l-ewwel profeta ta' l-Epoka Lhudija. "U l-PROFETI **KOLLHA**." Mela issa nafu, minn għand Ġesù Nnifsu, li ebda profeta ma tħalla barra! Issa NAFU minn Ġesù Nnifsu li KULL MA QALU FUQU l-profeti KOLLHA kellu JINTEMM jew ISEĦĦ fi żmien Ġesù u l-appostli. Nistaqsi jien: Dak li qal Ġesù SEĦĦ? Iva, għaliex Ġesù qal li "KOLLOX HU MITMUM" "MIĠJUB FIT-TMIEM." Iva, għaliex Ġesù qal:

> "*Jiena igglorifikajt lilek FUQ L-ART billi* ***TEMMEJT*** *ix-xogħol li tajtni nagħmel.*"

Jekk għad **baqa' xi jseħħ fuq l-art fil-futur** wara li Kristu jerġa' jiġi, allura l-kliem li Ġesù qal, u li sejrin naqrawh issa mar żmerċ!

**Vers 44,**

> "*Imbagħad qalilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet...*"

Meta Ġesù qalilhom dawn il-kelmiet? Dan Ġesù qalu lit-tnax **f'Luqa 18:31**. "Dawn il-kelmiet" kienu:

> "*JEĦTIEĠ LI JSEĦĦ KULL MA NKITEB FUQI.*"

Mhux fuq "it-twelid" Tiegħu biss. Mhux fuq "it-tfulija" Tiegħu biss. Mhux fuq "il-magħmudija" Tiegħu" biss. Mhux fuq "it-tagħlim" Tiegħu biss. Mhux fuq "il-mewt" Tiegħu biss. Mhux fuq "il-qawmien" Tiegħu biss. Mhux fuq "il-knisja" Tiegħu biss. Mhux fuq "it-tron" Tiegħu biss. Mhux fuq "is-saltna" Tiegħu biss. Mhux fuq "l-awtorità" Tiegħu biss. Mhux fuq "id-Divinità" Tiegħu biss. Mhux fuq "l-umanità" Tiegħu biss. **Imma fuq "KULL MA NKITEB FUQI"** jgħid Ġesù! Jekk inkiteb xi ħaġa dwar is-saltna Tiegħu ta' elf sena fuq l-art, allura dan ukoll kien JEĦTIEĠ LI JSEĦĦ! Imma dan ma jintqal imkien fil-profezija!! Imma għall-argument, li kieku xi ħadd jipprova juri xi siltiet mit-Testment il-Qadim u jagħtihom interpretazzjoni li huma profezija dwar dan, allura dawk ukoll kienu jeħtieġu li jitwettqu jew li jseħħu fi żmien Ġesù! Inkella Ġesù kien żbaljat!

**MA BAQA' XEJN xi jseħħ fuq l-art fil-futur** minn Ġesù.

**Lhud 9:27-28,**

> "*U bħalma hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss, iżda wara dan isir il-ħaqq; Hekk Kristu, kien offrut darba biex jarfa' d-dnubiet ta' ħafna; u jidher għat-tieni darba, mhux biex ineħħi*

*d-dnub, imma għas-salvazzjoni ta' dawk li jistennewh.*"

"**JEĦTIEĠ**" qal Ġesù. Kien hemm IL-ĦTIEĠA u mhux sempliċiment xi ħaġa taż-żmien! Din il-ĦTIEĠA kienet li **JSEĦĦ KULL MA NKITEB:**

Fil-liġi ta' Mosè – fil-profeti KOLLHA – u fis-Salmi! Biex l-Ispirtu s-Santu juri li meta Ġesù jerġa' jiġi ma jkun BAQA' XEJN AKTAR xi jsir FUQ L-ART: Barra li qal li kollox għandu jintemm billi jkun maħruq bin-nar (2 Pietru 3:10-13), Hu qal ukoll bi kliem l-aktar ċar li Ġesù:

> "*se jibqa' miżmum fis-sema SA MA JSEĦĦ it-tiġdid tal-ĦWEJJEĠ KOLLHA*" (Atti 3:21).

Dan juri biċ-ċar li meta Ġesù jerġa' jiġi MA JKUN BAQA' XEJN x'jiġġeded. Aktar u aktar elf sena oħra *fuq l-art*! Li Kristu se jsaltan għal elf sena *fuq l-art imkien ma jintqal fil-Bibbja*!! IMKIEN!!! Dan ma jistax ikun ippruvat mill-Kelma ta' Alla!

Kif diġà rajna aktar qabel, l-Ispirtu s-Santu wkoll qal permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Għalhekk aħna **ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem, JEKK** GĦARAFNA LIL KRISTU SKOND IL-ĠISEM, **ISSA** MA NAGĦRFUHX AKTAR **HEKK***" (2 Korintin 5:16).

Sfortunatament, llum qegħdin jgħallmu li Kristu se jiġi fuq l-art, SKOND IL-ĠISEM, u jsaltan għal elf sena letterali fuq l-art. **Huma** jgħidu u **Alla** jgħid!!! (Mattew 15:4, 5; ara paġni 24 u 25). Sfortunatament,

dawk l-għalliema foloz qegħdin isemmu pajjiżi bħala li, skond huma, jinsabu msemmija fil-profeziji bħal: l-Amerika, ir-Russja, iċ-Ċina, l-Ewropa, u oħrajn. Fejn fil-Bibbja kollha jissemmew dawn! (Rivelazzjoni 18:18-19).

"**Aħna MA NAGĦARFU LIL ĦADD SKOND IL-ĠISEM**" jgħidilna l-Ispirtu s-Santu. M'hemmx għax dak Taljan jew Amerikan jew Russu jew Ċiniż jew ta' xi nazzjon ieħor!

> "*Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd*" (Atti 10:34; Kolossin 3:25; Efesin 6:9; 1 Pietru 1:17).

Imma l-bnedmin iħobbu jħarsu lejn l-uċuħ. Imma l-Ispirtu s-Santu, billi jaf li se jkun hawn dan it-tagħlim falz kollu, jgħidilna:

**Kolossin 3:1-3,**

> "*Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, **fittxu l-ħwejjeġ tas-sema**, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla. **Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk ta' l-art**.*"

Jekk xi ħadd jgħidilkom dwar l-Ewropa, dwar l-Amerika jew ir-Russja jew iċ-Ċina **f'sens li dawn huma ipprofetizzati fil-Bibbja**: Ftakru fil-kliem ta' l-Ispirtu s-Santu u warrbuhom fil-ġenb! L-Ispirtu s-Santu jgħidilna permezz ta' Pawlu:

> "*Għax dawk li jimxu wara l-ġisem jaħsbu fil-ħwejjeġ tal-ġisem; iżda dawk li jgħixu skond l-Ispirtu fil-ħwejjeġ ta'*

*l-Ispirtu. Għax il-moħħ tal-ġisem hi l-mewt; iżda l-moħħ ta' l-Ispirtu huma l-ħajja u s-sliem. Għaliex il-moħħ tal-ġisem hu għadu ta' Alla; għax mhux suġġett għal-liġi ta' Alla, u lanqas tassew ma jista' jkun. Għalhekk mela dawk li jgħixu fil-ġisem ma jistgħux jogħġbu 'l Alla*" (Rumani 8:5-8; ara versi 1-17).

**Il-miġja ta' Kristu u l-qawmien iġibu t-*tmiem* u mhux il-bidu ta' saltna ta' elf sena:**

**1 Korintin 15:22-28,**

"*Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ukoll ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd skond kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu. Imbagħad,* ***it-tmiem****, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħak-ma u kull setgħa u kull qawwa. Għax jeħtieġ li hu jsaltan "sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh." Fl-aħħar jinqered l-aħħar għadu: il-mewt; għaliex Alla "qiegħed kollox taħt riġlejh." Imma meta jgħid: "Tqiegħed kollox taħtu", jidher ċar li kollox minn barra Dak li qiegħed kol-lox taħt Alla. U meta kollox ikun im-*

*qiegħed taħtu, imbagħad l-Iben stess jitqiegħed taħt Alla li jkun qegħidlu kollox taħtu, sabiex Alla jkun kollox f'kollox.*"

**Vers 24,**

F'dak il-waqt Kristu jerħi s-saltna lil Alla l-Missier, fejn ikun neħħa l-għedewwa kollha. Kristu issa jsaltan fuq is-saltna Tiegħu u jibqa' jsaltan sa-kemm l-egħdewwa kollha jkunu mqiegħda taħtu; l-aħħar għadu li jkun meqrud hija l-mewt, u din tkun meqruda permezz tal-qawmien (versi 25, 26). Il-Missier ikun qiegħed il-ħwejjeġ kollha f'sottomissjoni għal Kristu barra Minnu Nnifsu (v. 27). Meta l-ħwejjeġ kollha jkunu mqiegħda taħt l-Iben, imbagħad l-Iben Innifsu jkun imqiegħed taħt Dak li kien qiegħed il-ħwejjeġ kollha taħtu, **sabiex Alla jkun kollox f'kollox** (v. 28). Kristu, ikun *il-Logos,* Alla li naqraw f' Ġwanni 1:1,

"*Fil-bidu kienet il-Kelma (logos), u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla.*"

"Il-Logos," li kien "daqs Alla" u li "*xejjen lilu nnifsu u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bniedem*" (Filippin 2:6-7; Ġwanni 1:14), issa, jerġa' lura għal dik il-pożizzjoni li kellu fil-bidu meta kien "ma' Alla," jiġifieri, li jkun "Alla li jista' kollox" (Mattew 28:19).

L-istampa hawn hija lis-saltna jew il-ħakma ta' Kristu wettqet l-iskop tagħha; Kristu Hu Sultan perfett u l-ħakma Tiegħu kienet magħmula kompluta;

issa Hu jirritorna lura s-saltna lill-Missier. Dan ma jfissirx li l-Missier mhuwiex qiegħed isaltan issa, lanqas ma jfisser li l-Iben se jieqaf milli jkompli jsaltan għall-eternità.

Pjuttost dan jindika tmiem ta' uffiċċju distint biex b'hekk **l-Alla fi tlieta etern** – **Il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu** – ikunu **kollox f'kollox**.

L-istampa hawn murija hija dik ta' l-Iben f'relazzjoni għall-inkarnazzjoni Tiegħu u x-xogħol tiegħu tal-fidwa, billi lesta għal kollox dak ix-xogħol, voluntarjament jagħti kollox lura lil Alla. Imma Alla Hu fi tlieta, u l-Iben għandu jaqsam il-ħakma eterna li tappartjeni għad-Divinità. Ma jkun hemm ebda arranġament medjatorjali. L-awtorità kollha tkun eżerċitata minn Alla bħala Alla, u dan ma jeskludix lil xi wieħed mit-tliet membri tad-Divinità. Ebda wieħed mit-tlieta ma jeżerċità xi dominju distint. Għalhekk il-magħmudija hija **F'ISEM** u mhux FL-ISMIJIET tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu! (Mattew 28:19).

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13, 14).

## PROFEZIJI U T-TWETTIQ TAGĦHOM
## (Il-Ħames Parti)

**Dewt. 4:27**

> *"U l-Mulej ixerridkom fost il-ġnus, u jibqa' minnkom għadd żgħir fost il-ġnus, fejn il-Mulej imexxikom."*

Din is-silta hija introduzzjoni għall-profeziji ta' Mosè dwar il-Lhud u l-art tagħhom. Impoġġija ma' Levitku 26 u Dewteronomju 28, Mosè ipprofetizza li l-Lhud ikunu ftit u mxerrda fost il-ġnus, l-art tagħhom tkun milquta, maqlugħa u moħlija. L-art hija xhieda, kif ukoll il-poplu, għall-eżattezza storika ta' din it-taħbira profetika ħafna sekli qabel. Il-profezija ta' Mosè kienet fi tlieta: L-ewwel, kontra l-Lhudija; it-tieni kontra Ġerusalem; it-tielet, kontra l-Lhud infushom. Il-Lhudija—l-art tal-Palestina u l-limiti tagħha—ikunu milquta, moħlija, imħassra, invaduti, u mħollija mingħajr difiża. It-tieni, Ġerusalem tkun mirbuħa u t-tempju tagħha meqrud, u dan jimmarka t-tmiem ta' l-istat tagħhom. It-tielet, Il-Lhud ikunu poplu mirbuħ, imqiegħed taħt nazzjon mill-bogħod, li l-lingwa tiegħu l-Lhud ma jkunux jafuha, u huma jkunu mxerrdin imma mhux meqrudin—in-nazzjon tagħhom jiġi fit-tmiem imma r-razza tagħhom tibqa', għalkemm jibqgħu ftit fin-numru fost il-ġnus li fihom huma jmorru. Illum, fid-dawl ta' l-istorja, dawn il-profeziji kollha twettqu. Ir-Rumani li kienu qerrieda, u li l-lingwa tagħhom il-Lhud ma fehmux, ġew mil-bogħod biex iwettqu kull dettall tad-deskrizzjoni Możajka, ħarbtu l-art u rebħuha, u ssuġġettaw lil-Lhud u xerduhom

fost il-ġnus kollha tad-dinja. Kull marka kienet imneħħija, l-art tagħhom spiċċat, in-nazzjon tagħhom ġie fit-tmiem u r-razza tagħhom weħidha, mingħajr il-ġenealoġiji ta-għhom, baqgħet. Illum ma għadx hemm Lhud veri, puri minħabba li l-ġenealoġiji spiċċaw! Il-Lhud tal-lum huma kollha mħallta! U dan huwa punt importani ħafna li wieħed jirrealizzah!

Dwar Ġerusalem, il-profeziji tal-Pentatewku b'riferenza għall-assedju tagħha huma fi qbil sħiħ mad-deskrizzjonijiet tal-Mulej ta' dik il-ġrajja li kienet fuqhom matul il-ministeru Tiegħu kif insibuha mniżż-la fit-tliet rakkonti tal-Vanġeli f'Mattew 24, f'Mark 13 u f'Luqa 21.

Id-daqqa finali li ta Mosè lil din l-istorja profetika tal-Lhud tinsab f'Dewteronomju 28:29. Il-Lhud imxerrda u bla dar jibqgħu poplu stinat u rriġettat, milqut fil-agħma, jimxi fid-dlam f'nofs id-dawl, ukoll f'dan iż-żmien tagħna huma għadhom sejrin hekk billi ma jaċċettawx lil Kristu u l-Kristjaneżmu.

F'konsiderazzjoni ta' dawn il-profeziji ta' Mosè fuq id-destin tal-Lhud fiżiċi u razzjali, *għandha tkun magħmula distinzjoni bejn il-profeziji li jikkonċernaw il-jasar tagħhom u l-profeziji li huma fuq l-istat finali u permanenti tagħhom*.

F'Dewteronomju 30 Mosè jiddeskrivi l-kawżi tal-jasar tagħhom, il-wegħda tar-ritorn u l-kondizzjonijiet tar-restawrazzjoni tagħhom f'arthom. Dawn il-profeziji, bħal dawk il-profeziji ta' Ġeremija, kienu mwettqa fil-jasar Assirjan u dak ta' Babel u r-ritorn mill-pajjiżi kollha tagħhom ta' eżilju. Imma, u hawn wieħed għandu jkun attent, il-profeziji ta' Levitku 26 u

Dewteronomju 28 **mhumiex profeziji ta' jasar u restawrazzjoni**. Dawn jilħqu 'l fuq mill-eżilju kollu temporanju għall-kondizzjoni finali tal-Lhudi fiżiku, irriġettat u mxerred, **biex qatt aktar ma jkun irrestawrat nazzjonalment**.

Imma xi ħaġa aħjar minn restawrazzjoni nazzjonali u glorja u kburija skond il-ġisem hija estiża lirrazza mxerrda tagħhom—*dik ir-restawrazzjoni* ***spiritwali*** *flimkien ma l-Iżraelin ta' Galatin 6:16* li l-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu, li hu nnifsu kien Iżraelit, huma msejħa "**l-Iżrael ta' Alla**" fil-Mulej Ġesù Kristu. Hija ħasra u sfortuna kbira li ħafna reliġjużi sinċiera dan ma jarawħx u jibqgħu japplikaw profeziji bħal dawn għall-poplu etniku Lhudi meta dawn huma kollha mwettqa **fl-Iżrael ta' Alla li huwa l-knisja ta' Kristu**.

**It-tron tad-dinja ta' Iżrael hu mneħħi mill-eżistenza.—Ġeremija 22:24-30.**

It-tron tad-dinja ta' David spiċċa għal kollox f'Konjaħu u Ġeremija iddikjara li *ebda bniedem* minn nisel tiegħu m'għandu jkollu r-riżq, ipoġġi fuq it-tron ta' David, u jaħkem f'Ġuda. Naqraw f'Ġeremija 22: 24-30,

> "*Daqskemm jien ħaj, jgħid il-Mulej, imqar kieku Konjaħu, bin Ġeħojakim, sultan ta' Ġuda, kien siġill f'idi l-leminija, minn hemm naqilek….Jaqaw dan Konjaħu hu idolu mkabbar, imkisser? Jaqaw hu ħaġa li ma togħġobx? Għaliex mormijin hu u nislu, mormijin f'art li huma ma jafuhiex? Ja art, art,*

*art, isma' l-kelma tal-Mulej. Hekk jgħid il-Mulej: Iktbu lil dar-raġel, raġel bla wlied, li ma jkollux riżq f'ħajtu:* ***għax ħadd minn nislu ma jkollu riżq, billi joqgħod fuq it-tron ta' David, u jarġa' jaħkem fuq Ġuda***" (Ġeremija 22: 24, 28).

Issa, Konjaħu kien jappartjeni għal-linja ta' David u kien minn nisel ta' David. Hu ma kienx bla tfal fis-sens fiżiku, hu kien missier ta' bosta wlied subjien, u l-ismijiet tagħhom huma mogħtija f'bosta postijiet fir-rakkont tat-Testment il-Qadim. Hu kien bla tfal fis-sens irreferut minn Ġeremija. Din kienet proklama lit-tron tad-dinja ta' David ma jibqax aktar, hu ma jkollux aktar nisel warajh fuq it-tron, it-tron ta' David spiċċa. Ir-raġel li segwih fuq it-tron kien Sedekija, ibnu, imma hu kien il-prinċep ta' Nebukadnessar, qaddej tas-sultan ta' Babel, u ma kellu ebda dritt għat-tron. Dan il-fatt huwa msemmi fit-Tieni Kronaki 36:10, impoġġi fil-kronaki divini għal skop li Nebukadnessar "*għamel lil Sedekija sultan fuq Ġuda u Ġerusalem.*" Li hu ma kellux dritt għat-tron hu enfasizzat aktar 'il quddiem b'dikjarazzjoni elokwenti tal-profeta Eżekjel. Jitkellem dwar Sedekija, il-profeta jesklama:

"*U int, o prinċep ta' Iżrael, bla ġieh u midgħi, li wasal jumu, fiż-żmien ta' tmiem il-ħażen. Hekk jgħid il-Mulej: Neħħi t-turbant u aqla' l-kuruna: xejn ma jibqa' kif inhu: għolli lil min hu baxx, u baxxi lil min hu għoli. Ħerba!*

> *ħerba! Nagħmilha: hi wkoll ma tibqax iżjed, sama jiġi min lilu tmiss bil-ħaqq, u nagħtihielu*" (Eżekjel 21:25-27).

Billi ma kellux dritt għat-tron, Alla neħħa "t-turbant (dijadema) u qala' l-kuruna" minn Sedekija, u t-tron tiegħu kien maqlub.

Imma Ġeremija qal li ebda wieħed minn nisel ta' Konjaħu ma jkollu r-riżq, billi joqgħod fuq it-tron ta' David, u jarġa' jaħkem fuq Ġuda. X'tifsira għandha din id-dikjarazzjoni fuq is-suġġett? Sempliċiment din: Ġesù Kristu ġie minn nisel ta' Konjaħu skond il-ġenealoġiji ta' Mattew u Luqa, waħda tistabbilixxi n-nisel naturali u l-oħra n-nisel legali ta' Ġesù Kristu, waħda permezz ta' Ġużeppi u l-oħra permezz ta' Marija. Ir-rakkont tat-Testment il-Ġdid idaħħal l-ismijiet ta' Ġekonija u Saltijel ibnu, fil-linja diretta fiżika ta' Ġesù Kristu. Ġesù, billi huwa minn nisel dinji ta' Konjaħu, ma jistax, mela, skond Ġeremija, "*jkollu r-riżq u joqgħod fuq it-tron ta' David, u jerġa' jaħkem fuq Ġuda*"—innota l-kliem, "*u jerġa' jaħkem fuq Ġuda.*" Jekk Ġesù Kristu kellu jiġi fuq din l-art u joqgħod fuq it-tron ta' David f'Ġuda, Ġeremija jgħid pożittivament li Hu ma jistax ikollu r-riżq fuq dak it-tron**, u jerġa' jaħkem fuq Ġuda**. *Dan iġib fit-tmiem it-tron dinja ta' David;* dan ġie fit-tmiem, spiċċa għal kollox f'Konjaħu. Kien meħud minn Sedekija. Alla neħħa t-turbant jew dijadema u ħadlu l-kuruna tiegħu, qaleb it-tron tiegħu, u Eżekjel qal li dan ma jibqax *iżjed "sa ma jiġi min lilu tmiss bil-ħaqq.*" Dak li kellu jiġi kien Kristu, li Lilu biss jappartjeni t-tron, u Kristu

joqgħod fuqu mhux "f'Ġuda" imma **fis-smewwiet**. Barra minn dan, Eżekjel qal ċar li "xejn ma jibqa' kif inhu," ma jibqax l-istess. Tinsix x'qal l-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem,* ***issa ma nagħarfuhx aktar hekk***" (2 Korintin 5:16. Enfasi tiegħi).

Żgur li dan il-kliem ma jaqbilx mat-tagħlim falz tal-millennjalisti li Ġesù Kristu se jerġa' jiġi fil-ġisem u jsaltan għal elf sena fuq l-art fuq it-tron ta' David! It-tron tad-dinja ta' David spiċċa, qatt aktar ma jerġa' jeżisti. U dan il-fatt jippreżenta diffikultà kbira oħra fit-triq tar-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali. Din tieqaf direttament kontra dawn it-teoriji foloz.

**Fl-aħħarnett—ir-reġistrar kollu tal-ġenealoġiji tan-nazzjon ta' Iżrael spiċċa u mar, u l-Kristjani Lhud kienu ikkmandati biex jaħarbuhom kwistjonijiet bħal dawn.—Titu 3:9.**

Pawlu qal lil Titu:

> "*Imma aħrab kwistjonijiet boloh, u sensil tan-nisel (ġenealoġiji), u ġlied, u tilwim fuq il-liġi; għax huma bla fejda u fiergħa*" (Titu 3:9).

Lil Timotju, Pawlu qallu:

> "*Bħal ma tlabtek biex tibqa' iżjed Efesus, meta jien mort il-Maċedonja, biex tordna lil x'uħud biex ma jgħallmux tagħlim ieħor, lanqas iħabblu rashom*

*bi ħrejjef u sensil bla tarf tan-nisel (ġenealoġiji) li jqanqlu ġlied, aktar milli jibnu l-qdusija li tiġi mingħand Alla; u dan bil-fidi: hekk agħmel*" (1 Timotju 1:3-4).

Pawlu evidentament ma kienx qiegħed iħeġġeġ lil dawn il-Kristjani Lhud biex ipoġġu t-tamiet tagħhom fuq linja fiżika u restawrazzjoni skond il-ġisem!

Ikun jeħtieġ miraklu perpetwu biex ma jħallix lil-Lhud infushom milli jitħalltu wkoll fiż-żwiġijiet Lhud tagħhom ħalli b'hekk jippriservaw it-tribujiet u l-wirt tagħhom, u b'hekk jagħmlu possibbli restawrazzjoni għall-istat tagħhom, li mingħajr dan, skond Mosè, Ġer-emija, Esdra, u Neħemija, ir-restawrazzjoni għall-art ta-għhom tkun fiżikament u skond il-liġi impossibbli. Alla kien, huwa Nnifsu, li neħħa dak is-suġġett mill-qasam tad-dibattitu u l-kontroversja. Huma biss dawk li huma għomja bit-teoriji li jistgħu jinjoraw il-fatti ta' dawn biex ikomplu dak l-istorbju ta' spekulazzjoni li l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ikkundanna u ħalla lil Timotju biex jopponi f'Efesus.

Mela, kif tgħid l-Iskrittura Mqaddsa, il-wegħda tar-restawrazzjoni kienet ibbażata fuq ubbidjenza għal-liġi ta' Mosè, u dik il-liġi kienet imneħħija; il-wirt jista' jkun stabbilit biss permezz ta' l-istat tal-familja tal-Lhud li kien ilu ħafna li ġie meqrud għal kollox u għal dejjem; is-saltna ta' Iżrael, l-għaxar tribujiet, spiċċaw biex qatt aktar ma jerġgħu jeżistu; it-tron dinji ta' David spiċċa f'Konjaħu u ebda bniedem qatt ma jista' jkollu r-riżq li joqgħod fuq it-tron ta' David, jaħkem f'Ġuda. Il-ġenealoġiji tal-Lhud spiċċaw; u l-appostlu

Pawlu ikkmanda lill-Kristjani Lhud, u lill-Kristjani l-oħra kollha, *biex iwarrbu kull spekulazzjoni ta' Iżrael fiżiku nazzjonali bħal din*. ***Għalhekk, ir-restawrazzjoni ta' Iżrael fiżiku nazzjonali hija fiżikament, legalment u spiritwalment impossibbli.***

## IL-VERU IŻRAEL
## (Is-Sitt-Parti)

Matul il-ktieb ta’ Danjel insibu konflitt wara konflitt. Dak li ġara f’Babel l-antika huwa bħala eżempju ta’ dak li għandu jiġri lill-poplu ta’ Alla fiż-żmien tat-tmiem. L-aħbar it-tajba tal-ktieb ta’ Danjel hija li Alla fl-aħħar se jirbaħ dan il-konflitt. In-nies ta’ Alla jistgħu jkunu mhedda, mitfugħin fil-ħabs, jew saħansitra maqtula. Imma fl-aħħarnett huma jkunu meħlusa. Din hija assigurazzjoni tal-għaġeb! Din hija aħbar tajba u glorjuża għall-poplu ta’ Alla!

## IL-JUM TAL-ĦELSIEN

**I. Xi tliet ħwejjeġ jiġru dwar il-poplu ta’ Alla “fiż-żmien tat-tmiem”?**

**Tweġiba: Danjel 12:1,**

(1) F’dak iż-żmien iqum ............ (Mikiel)
(2) Ikun hemm żmien .............. (ta’ diqa).
(3) U f’dak iż-żmien jinħeles il-poplu ......... (tiegħek).

**INNOTA**:

Dan il-messaġġ ta’ assigurazzjoni kien indirizzat lil Danjel. Il-poplu tiegħu jkun il-poplu Lhudi, billi Danjel kien Lhudi. Ifisser dan li nies Lhud biss ikunu meħlusa fil-konflitt finali? Qiegħed Danjel jitkellem dwar l-Iżraeliti li kienu qegħdin jgħixu fil-Lvant Nofsani, fi New York, jew xi mkien ieħor?

It-terminu “Iżrael” (il-poplu ta’ Danjel), għal min japplika fl-aħħar jiem? Sabiex nifhmu t-tifsira kollha

ta' din il-profezija, aħna neħtieġu li neżaminaw bil-għaqal it-terminu "Iżrael" kif dan jidher matul l-Iskrittura. Fl-istudju tagħna aħna nsibu lit-terminu "Iżrael" jibdel it-tifsira tiegħu jiddependi fuq min huma n-nies jew il-poplu ta' Alla f'dak iż-żmien partikulari. It-terminu "Iżrael" huwa isem tal-patt għall-poplu ta' Alla.

## IŻRAEL FIT-TESTMENT IL-QADIM

**II. X'żewġ ħwejjeġ wiegħed Alla lil Abraham meta Hu sejjaħlu barra mill-art ta' Ur?.**

**Tweġiba**: **Ġenesi 13:14-16**

(1) L-art kollha

(2) U lil nislu għal dejjem

**III. Min huma n-nisel ta' Abraham"**

**Tweġiba: Galatin 3:16,**

(1) Kristu

**IV. X'inhi l-art imwiegħda lil Abraham"**

**Tweġiba: Lhud 11:10, 16,**

(1) Imma issa jixtiequ pajjiż aħjar— jiġifieri, wieħed ………… (tas-sema).

**INNOTA:**

Il-wegħdi magħmula lil Abraham dwar l-art u n-nisel kienu wegħdi speċjali ħafna. Dan ma rriferixxix SEMPLIĊIMENT li jkollu ħafna dixxendenti u li jirtu l-art ta' Kangħan. Dawn il-wegħdi kienu wkoll we-

għdi **spiritwali** li wieħed ikun l-antenat tal-Messija u li jiret is-saltna tas-sema.

Billi dawn kienu wegħdi spiritwali mogħtija lill-persuna spiritwali, mhux id-dixxendenti kollha ta' Abraham irċevew il-wegħdi. Iżakk irċevihom, imma Ismagħel ma rċevihomx. Ġakobb irċevihom imma Għesaw ma rċevihomx. Billi kienu barkiet spiritwali, dawn setgħu jinagħtaw biss lill-poplu spiritwali.

**V. X'kellu jkun l-isem il-Ġdid ta' Ġakobb wara li hu ssara ma' l-anġlu?** – Ġenesi 32:27-28.

**Tweġiba:**

(1) Iżrael.

**INNOTA:**

Dan huwa l-ewwel darba li l-isem "Iżrael" jidher fil-Bibbja. Dan ifisser, "wieħed li żamm ma' Alla – wieħed li jegħleb." Dan huwa terminu *spiritwali* applikat għall-persuna *spiritwali* li kienet daħlet f'relazzjoni ma' Alla b'patt. Kif għadda ż-żmien, l-isem "Iżrael" sar l-isem għall-poplu ta' Alla tal-patt li kienu prinċipalment id-dixxendenti etniċi ta' Abraham fit-Testment il-Qadim. Għalhekk, in-nies li ħarġu mill-Eġittu taħt Mosè kienu msejħa Iżraelin meta huma daħlu fil-patt ma' Alla fil-Muntanja Sinaj u saru l-poplu tal-patt.

Taħt David u Salamun, huma saru nazzjon qawwi. Sakemm huma kienu fidili lejn Alla, it-terminu "Iżrael" applika għalihom. Wara, iżda, l-għaxar tribujiet tat-tramuntana nfirdu mis-saltna magħquda u ħadu l-isem "Iżrael," imma huma ma baqgħux fidili lejn

Alla. Alla, imbagħad, isejħilhom żienja (Ġeremija 2: 20; 3:1; Eżekjel 23:5) għaliex huma kienu jipprofessaw li huma Iżraelin imma ma kinux. Is-saltna tan-nofs in-nhar ħadet l-isem ta' "Ġuda," u sakemm huma kienu fidili, huma wkoll, kienu jistgħu jkunu msejħa Iżraelin. Kif sejrin naraw aktar ċar fit-Testment il-Ġdid, it-terminu "Iżrael" jirriferi għan-nies fidili tal-patt ta' Alla, dawk kollha u kull fejn huma jistgħu jkunu.

**VI. Semmi żewġ individwi li ma kinux ulied Abraham li saru Iżraelin u wkoll antenati tan-nisel imwiegħed, Ġesù?** –

**Tweġiba: Ġożwè 6:25; Rut 4:13-22; Mattew 1:5.**

(1) Raħab
(2) Rut

**INNOTA:**

Bogħaż kien dixxendent ta' Raħab. Hu żżewweġ lil Rut u sar in-nannu ta' David. Dawn iż-żewġ nisa nobbli saru l-antenati ta' Ġesù u dehru fil-ġenealoġija tiegħu. B'hekk, kien possibbli fiż-żminijiet tat-Testment il-Qadim li wieħed isir Iżaelit ukoll għalkemm ma kienx imwieled Iżraelit.

## PROFEZIJA KONDIZZJONALI
## (Is-Seba' Parti)

**I. Jekk Alla jħabbar li nazzjon jew poplu jkun meqrud u huma jindmu: sejjer Alla jwettaq id-diżastru, jew jekk Alla jħabbar it-tajjeb dwar nazzjon u huma jirrifjutaw li jobduh, sejjer Alla jġib 'il quddiem it-tajjeb?**

**Tweġiba: Ġeremija 18:7-10,**

a. Le, mhuwiex.

**INNOTA:**

Hemm żewġ tipi ta' profezija fil-Bibbja:

a. Profeziji mogħtija b'digriet divin.
b. Profeziji li jinvolvu għażla umana.

Il-lista kbira ta' profeziji ta' Danjel u Rivelazzjoni li jagħtuna l-għarfien minn qabel ta' Alla dwar ġrajjiet umani mhumiex kondizzjonali. Iżda, il-profeziji li jinvolvu l-għażliet tal-bnedmin u ġnus bħal dawk mogħtija f'Ġeremija huma kondizzjonali fuq l-ubbidjenza tal-bniedem. Per eżempju: Meta Ġona ppriedka lin-nies ta' Ninwè, erbgħin jum oħra, u Ninwè tiġġarraf" (Ġona 3:4), Ninwe ma kinetx meqruda f'erbgħin jum. Kien Ġona profeta falz? Le. Il-kondizzjonijiet inbidlu. In-nies nidmu u Alla ma qeridx il-belt ta' Ninwè.

Meta Alla bassar futur glorjuż għan-nazzjon etniku ta' Iżrael, dan kien jiġri *li kieku n-nazzjon ta' Iżrael baqa' leali lejn Alla*. Billi huma *ma baqgħux leali lejn Alla*, il-futur imbassar glorjuż qatt ma ġara għaliex profezija bħal din dejjem hija kondizzjonali fuq l-għażla tal-bniedem biex jobdi r-rieda ta' Alla.

**VIII. X'bassar Alla li kellu jiġri lil Iżrael jekk huma jkunu diżubbidjenti u taħt liema kondizzjonijiet huma jkunu jistgħu jmorru lura fl-art tagħhom?**

**Tweġiba: Dewteronomju 4:27-30,**

"*U* ***jxerridhom*** *il-Mulej fost il-ġnus,…* [29]*jekk minn hemm* ***tfittex*** *il-Mulej, Alla tiegħek, int issibu…dur lejn il-Mulej, Alla tiegħek, u* ***isma'*** *minn leħnu.*"

INNOTA:

Kien hemm kondizzjonijiet għar-ritorn tagħhom mill-jasar. Kien biss jekk huma kienu se jfittxu l-Mulej u kienu jkunu ubbidjenti Lejh huma qatt kienu jistgħu jmorru lura f'arthom. B'riżultat ta' l-apostasija tagħhom l-Iżraelin kienu meħuda fil-jasar ta' Babel. Danjel għex f'dan iż-żmien u kien jaf li kienu d-dnubiet tal-poplu tiegħu li kienu kkawżaw dan il-għawġ terribbli li kellu jiġi.

**IX. Ġeremija bassar il-jasar ta' Babel. Jagħti wkoll Ġeremija tbassira dwar ir-ritorn tagħhom għal l-art tal-Palestina?**

**Tweġiba: Ġeremija 30:3, 11,**

"u **nreġġagħhom lura** lejn l-art…"

INNOTA:

Ġeremija mhux biss ra minn qabel is-sebgħin sena ta' jasar f'Babel, imma bassar ukoll li miġemgħa kbira ta' Lhud jerġgħu lura għal l-art tal-Palestina

meta l-jasar jispiċċa (ara Ġeremija 31:8-9). Huwa interessanti li tinnota li xi wħud jużaw dawn it-testi ħażin fejn jgħidu li dawn jirriferu għar-ritorn tal-Lhud fil-Palestina fl-1948 fejn attwalment dawn huma t-tbassir tar-ritorn tagħhom mill-jasar ta' Babel. Dawn il-profeziji kondizzjonali m'għandhom x'jaqsmu xejn mat-twaqqif tan-nazzjon ta' Iżrael fl-1948.

**X. Meta l-Lhud irritornaw mill-jasar ta' Babel, kemm tahom żmien Alla?**

**Tweġiba: Danjel 9:24,**

"**Sebgħin** ġimgħa."

**INNOTA:**

Dawn is-sebgħin ġimgħa jirriferu għal 490 sena li l-Lhud kienu mogħtija biex jirranġaw l-affarijiet bħala l-poplu tal-patt. Meta Alla ħalla lil-Lhud biex imorru lura mill-jasar ta' Babel, Hu tahom din l-aħħar opportunità ta' 490 sena. Fit-tmiem tagħha, huma rriġettaw il-Messija, sallbuh, u bdew persekuzzjoni sistematika tad-dixxipli Tiegħu billi ħaġġru lil Stiefnu. In-nazzjon li darba kien id-depożitu onorat tal-verità ta' Alla qatel lil l-Iben ta' Alla. Għalhekk, it-terminu spiritwali "Iżrael," ma kienx jista' jkun applikat aktar għalihom. Huma ma kinux aktar "dawk li jgħelbu."

## IL-MESSAĠĠ TA' ĠESÙ LIL IŻRAEL

**XI. Is-siġra tat-tin kienet simbolu tan-nazzjon ta' Iżrael. X'qal Ġesù li kien se jiġri lis-siġra tat-tin jekk din ma tagħtix frott?**

**Tweġiba: Luqa 13:6-9, "wara** aqtagħha"

**XII. Għaliex Ġesù ma kienx jista' jiġbor lil Iżrael Miegħu Nnifsu u x'kellu jiġri jekk huma jirrifjutaw li jkunu miġbura għand Ġesù?**

**Tweġiba: Luqa 13:34-35,**

"*Ja Ġerusalem, Ġerusalem, li toqtol il-profeti, u tħaġġar lil dawk li jinbagħtulek; kemm-il darba ridt niġma' lil uliedek flimkien, bħalma tiġieġa tiġma' l-flieles tagħha taħt ġwinħajha,* ***u int ma ridx****! Ara, darkom tibqagħlkom* ***ħerba****: u tassew ngħidilkom: Ma tarawnix, sama jasal il-waqt li tgħidu: Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.*"

**INNOTA:** Il-preżenza ta' Alla tkun imneħħija u Iżrael ma jkollux aktar il-privileġġ li jkunu l-poplu magħżul ta' Alla.

**XIII. X'kien se jiġri mill-privileġġ ta' Iżrael etniku li jkunu l-poplu magħżul ta' Alla?**

**Tweġiba: Mattew 21:43-45,**

"*Għalhekk ngħidilkom: Is-saltna ta' Alla* ***tittieħed*** *minn għandkom, u tingħata lill-ġens li jagħti l-frott minnha. U kull min jaqa' fuq dil-ġebla jitkisser: iżda fuq kull min taqa', titħnu trab. U x'ħin il-qassisin il-kbar u l-Fariżej semgħu l-parabboli tiegħu, għarfu li tkellem* ***fuqhom****.*"

**INNOTA**: Din hija tħabbira ta' l-għaġeb! Il-privileġġ li kienu l-poplu magħżul ta' Alla kien se jittieħed mil-Lhud u jkun mogħti lil xi ħadd ieħor li jipproduċi l-frott.

## IŻRAEL TAT-TESTMENT IL-ĠDID
## (It-Tmien Parti)

**XIV. Skond l-appostlu Pawlu, min huwa Lhudi tassew wara s-salib?**

**Tweġiba: Rumani 2:28-29,**

> "*Għax mhux min* ***jidher minn barra****, hu Lhudi; lanqas m'hi ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem:* ***Iżda*** *hu Lhudi, dak li hu wieħed* ***minn ġewwa****; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-Ispirtu, u mhux fl-ittra; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma ta' Alla.*"

**INNOTA:**

L-appostlu Pawlu jagħmilha ċara ħafna li wara s-salib il-veru Lhudi mhuwiex aktar il-Lhudi etniku. "Iżda," jgħid l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Pawlu, il-veru Lhudi hu wieħed li aċċetta lil Ġesù bħala l-Messija. Pawlu jindika ċar li t-terminu "Iżrael," huwa terminu *spiritwali* għall-poplu *spiritwali*. Sfrotunatament illum ħafna reliġjużi għadhom japplikaw it-terminu Iżrael għan-nazzjon Lhudi u mhux f'sens *spiritwali* kif japplikaw l-Ispirtu s-Santu!

**XV. Min huma l-veru ulied ta' Alla fit-Testment il-Ġdid? L-ulied skond il-ġisem jew l-ulied skond il-wegħda?**

**Tweġiba: Rumani 9:6-9,**

*"Mhux bħallikieku l-kelma ta' Alla sfat fix-xejn. Għax mhumiex kollha Iżraelin, dawk kollha li huma Iżraelin: Lanqas, għax huma nisel Abraham, huma kollha wlied Abraham; iżda: minn Iżakk jissemma nislek. Jiġifieri, dawk li huma wlied il-ġisem, dawn* ***mhumiex*** *ulied Alla; imma* ***wlied il-wegħda huma*** *magħdudin bħala nisel. Għax din hi l-kelma tal-wegħda: Bħal daż-żmien niġi, u Sara jkollha tifel."*

**XV1. Kif, mela, jista' biss Lhudi etniku jsir Lhudi spiritwali, skond it-Testment il-Ġdid?**

**Tweġiba: Rumani 11:14, 15, 19-21, 23**

*"Jekk b'xi mezz nista' nqajjem il-għira ta' dawk li huma demmi, u* ***nsalva*** *x'uħud minnhom. Għax jekk ir-rimi tagħhom sar ir-rikonċiljazzjoni tad-dinja, x'ikun id-dħul tagħhom, ħlief ħajja mill-mewt?...Għid mela: Inqatgħu l-friegħi, biex nitlaqqam jien. Tajjeb; minħabba n-nuqqas tat-twemmin tagħhom inqatgħu, u int bqajt iżżomm bil-fidi. La titkabbarx, imma ibża': għax jekk Alla ma ħelishiex lill-friegħi naturali, lanqas jeħlisha lilek, ...U dawk ukoll****, jekk ma jibqgħux ma jemmnux****, ikunu mlaqqmin: għax Alla jista' jlaqqamhom mill-ġdid."*

**INNOTA:**

L-uniku mod li *Lhudi etniku* jista' jsir *Iżraeli veru* wara s-salib huwa billi jaċċetta lil Ġesù bħala l-Messija u jsir wieħed li jemmen. It-Testment il-Ġdid huwa ċar ħafna dwar lit-terminu "Iżrael" li ma jirreferix aktar għal nazzjon etniku. Dan jirreferi għall-poplu *spiritwali* li kienu aċċettaw lil Ġesù bħala l-Mulej u s-Salvatur tagħhom. Għalhekk l-Ispirtu s-Santu jgħid, permezz ta' Pawlu, "**U hekk** Iżrael kollu jkun salvat…" (Rumani 11:26). "U hekk," b'dan il-mod. B'liema mod? Billi jaċċettaw lil Ġesù bħala l-Messija u s-salvatur tagħhom (Rumani 10). "***U hekk Iżrael kollu jkun salvat***.—Rumani 11:26-27.

Ħalli naqraw Rumani 11:26-27:

> "*U hekk Iżrael kollu jkun salvat: bħalma hu miktub: Minn Sijon joħroġ il-Feddej, u jwarrab il-ħażen minn Ġakobb: Għax din hi r-rabta tiegħi magħhom, meta nneħħi dnubiethom.*"

Il-kelma "*hekk*," li ħafna ma tantx jagħtu każ tagħha, f'dan il-vers hija avverbju ta' mod jew manjiera. "*Hekk iżrael kollu jkun salvat*"—"*Hekk*," f'dan il-mod, Iżrael "kollu," bħall-fdal, għandu Iżrael ikun salvat; ilkoll ikunu salvati kif kienu salvati l-fdal, il-"parti."

F'vers 27 l-appostlu jikkwota minn Isaija 59:20 fejn naqraw:

> "*U l-Feddej jiġi Sijon, u għal dawk ta' Ġakobb li jikkonvertu minn dnubiethom, jgħid il-Mulej. U jien, din hi r-*

> *rabta tiegħi magħhom, jgħid il-Mulej; l-Ispirtu tiegħi li hu fuqek, u kliemi li qegħidt f'fommok, ma jżulux minn fommok, jew minn fomm uliedek, u lanqas minn fomm ulied uliedek, jgħid il-Mulej, minn issa u għal dejjem.*"

Issa, il-premillenjalisti, sabiex jipprovdu għat-teorija mhux Skritturali tagħhom, kienu sfurzati biex jagħmlu l-profezija ta' Isaija tirreferi għat-tieni miġja ta' Kristu, billi jwarrbu għal kollox u jaqbżu l-ewwel miġja ta' Kristu u l-Patt il-Ġdid, huma japplikaw il-profezija għat-tieni miġa ta' Kristu u l-patt li Hu jagħmel f'dak iż-żmien ma' Iżrael irrestawrat fil-millenju. F'dan l-isforz l-argument tagħhom jistrieħ fuq l-affermazzjoni vaga tagħhom, għalkemm Pawlu jikkwota din il-profezija u japplikaha għall-patt il-ġdid. Sekli qabel l-ewwel miġja ta' Kristu Isaija qal li minn Sijon jiġi dan "il-Feddej" u "Ħellies." Il-premillenjalisti jgħidu li l-Feddej u l-Ħellies ma jiġix; Pawlu qal li "l-Feddej" ġie "*minn Sijon joħroġ*," u Pawlu kien qiegħed jikkwota dawn il-profeziji biex jikkonnvinċi lil-Lhud li dan il-Ħellies u Feddej ġie, u jirreferi għall-wegħda magħmula lilhom permezz ta' Isaija, fejn qal,

> "*Għax din hi r-rabta tiegħi magħhom, meta nneħħi dnubiethom*" (Rum. 11: 27).

Innota l-kelma "*din*" li ftit ukoll jagħtu każ tagħha—"*din hi r-rabta tiegħi*"—x'kienet ir-rabta jew patt? "*Meta nneħħi dnubiethom.*" Jekk dik il-profezija ma kenitx imwettqa, il-Lhud ma jistgħux issa jkollhom

dnubiethom imneħħija. Imma jekk dnubiethom jistgħu jkunu mneħħija issa, dik il-profezija kienet imwettqa—dik kienet ir-rabta jew patt, li dnubiethom ikunu mneħħija. Jista' l-patt il-ġdid jagħmel dan għal-Lhud? Jagħmlu dan il-patt il-ġdid? Jekk le, mela Alla għandu jagħmel patt ieħor fil-futur, *it-tielet* patt, li bih isalva lil Iżrael u għaldaqstant il-premillenjaliżmu ma jagħrafx il-patt il-ġdid bħala l-mezz tas-salvazzjoni għal-Lhud. Jekk il-premillenjalisti huma korretti fit-twemmin tagħhom, l-appostlu Pawlu, li kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu kien żbaljat meta qal f'Rumani 1:16,

> "*Għax jien ma nistħix mill-evanġelju ta' Kristu: għax hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' kull min jemmen; l-ewwel tal-Lhudi u tal-Grieg ukoll.*"

Il-kwotazzjoni ta' din il-profezija f'vers 27 u l-applikazzjoni tagħha għall-patt il-ġdid tikkonstitwixxi ċaħda tad-dottrina premillenjali ta' patt fil-futur, *it-tielet* patt għat-taqsima millennjali.

Il-patt li jneħħilhom dnubiethom jispjega "*u hekk Iżrael kollu jkun salvat*"—f'ebda mod ieħor; l-istess salvazzjoni għal kulħadd, u fl-istess mod—"ilkoll" ikunu salvati kif il-"fdal" kienu salvati. Mhijiex dikjarazzjoni ta' salvazzjoni universali għal-Lhud jew restawrazzjoni ta' Iżrael, imma pjuttost tgħid il-kondizzjonijiet li fuqhom Iżrael kollu l-istess għandhom ikunu salvati. Il-kelma "*hekk*" ukoll hija avverbju tal-mod. Il-"fdal" kienu salvati billi aċċettaw il-"patt" tal-maħfra, l-Evanġelju. "Hekk," bl-istess mod, u bl-ebda mod ieħor, Iżrael kollu jkun salvat. Nazzjon

jista' jaġixxi biss bħala ġisem organizzat, imma li taċċetta l-Evanġelju huwa att individwali. Il-Lhud jistgħu jkomplu fl-ebusija sat-tmiem sakemm Rumani kapitlu ħdax huwa kkonċernat.

**Fl-aħħarnett—ir-reġistrar kollu tal-ġenealoġiji tan-nazzjon ta' Iżrael spiċċa u mar, u l-Kristjani Lhud kienu ikkmandati biex jaħarbuhom kwistjonijiet bħal dawn.—Titu 3:9.**

Pawlu qal lil Titu:

> "*Imma aħrab kwistjonijiet boloh, u sensil tan-nisel (ġenealoġiji), u ġlied, u tilwim fuq il-liġi; għax huma bla fejda u fiergħa*" (Titu 3:9).

Lil Timotju, Pawlu qallu:

> "*Bħal ma tlabtek biex tibqa' iżjed Efesus, meta jien mort il-Maċedonja, biex tordna lil x'uħud biex ma jgħallmux tagħlim ieħor, lanqas iħabblu rashom bi ħrejjef u sensil bla tarf tan-nisel (ġenealoġiji) li jqanqlu ġlied, aktar milli jibnu l-qdusija li tiġi mingħand Alla; u dan bil-fidi: hekk agħmel*" (1 Timotju 1:3-4).

Pawlu evidentament ma kienx qiegħed iħeġġeġ lil dawn il-Kristjani Lhud biex ipoġġu t-tamiet tagħhom fuq linja fiżika u restawrazzjoni skond il-ġisem!

Ikun jeħtieġ miraklu perpetwu biex ma jħallix lil-Lhud infushom milli jitħalltu wkoll fiż-żwiġijiet Lhud tagħhom ħalli b'hekk jippriservaw it-tribujiet u l-wirt

tagħhom, u b'hekk jagħmlu possibbli restawrazzjoni għall-istat tagħhom, li mingħajr dan, skond Mosè, Ġeremija, Esdra, u Neħemija, ir-restawrazzjoni għall-art tagħhom tkun fiżikament u skond il-liġi impossibbli. Alla kien, huwa Nnifsu, li neħħa dak is-suġġett mill-qasam tad-dibattitu u l-kontroversja. Huma biss dawk li huma għomja bit-teoriji li jistgħu jinjoraw il-fatti ta' dawn biex ikomplu dak l-istorbju ta' spekulazzjoni li l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ikkundanna u ħalla lil Timotju biex jopponi f'Efesus.

Mela, kif tgħid l-Iskrittura Mqaddsa, il-wegħda tar-restawrazzjoni kienet ibbażata fuq ubbidjenza għal-liġi ta' Mosè, u dik il-liġi kienet imneħħija; il-wirt jista' jkun stabbilit biss permezz ta' l-istat tal-familja tal-Lhud li kien ilu ħafna li ġie meqrud għal kollox u għal dejjem; is-saltna ta' Iżrael, l-għaxar tribujiet, spiċċaw biex qatt aktar ma jerġgħu jeżistu; it-tron dinji ta' David spiċċa f'Konjaħu u ebda bniedem qatt ma jista' jkollu r-riżq li joqgħod fuq it-tron ta' David, jaħkem f'Ġuda. Il-ġenealoġiji tal-Lhud spiċċaw; u l-appostlu Pawlu ikkmanda lill-Kristjani Lhud, u lill-Kristjani l-oħra kollha, *biex iwarrbu kull spekulazzjoni bħal din ta' Iżrael fiżiku nazzjonali. Għalhekk, ir-restawrazzjoni ta' Iżrael fiżiku nazzjonali hija fiżikament, legalment u spiritwalment impossibbli.*

B'konklużjoni għal-lezzjoni tagħna fuq Iżrael fit-Testment il-Ġdid, huwa fl-ordni li niddiskutu l-konverżjoni tal-Lhud—jekk u meta u kif il-Lhud għandhom jikkonvertu għal Kristu—fid-dawl ta' l-argument ta' fuq ta' Pawlu:

*"U hekk Iżrael kollu jkun salvat"* (Rumani 11:26).

**XVII. Għad hemm xi diviżjoni bejn il-Lhud u dawk li mhumiex Lhud fit-Testment il-Ġdid?**

**Tweġiba: Efesin 2:14, 16, 19-22.**

*"Għax hu s-sliem tagħna,* ***u t-tnejn għamilna wieħed****, u waqqa' l-ħajt tan-nofs li kien jifridna;…U biex iħabbibkom* ***it-tnejn f'ġisem wieħed*** *ma' Alla* ***bis-salib****, wara li jkun qered bih il-mibegħda….Issa mela m'għadkomx aktar barranin u għorba, imma nies ta' l-istess belt mal-qaddisin, u tad-dar ta' Alla, mibnijin fuq il-pedamenti ta' l-appostli u tal-profeti, b'Ġesù Kristu nnifsu bħala l-ġebla tax-xewka; li fih il-bini kollu mgħaqqad tajjeb flimkien jikber f'tempju mqaddes fil-Mulej: li fih intom ukoll mibnijin flimkien biex tkunu l-agħmara ta' Alla permezz ta' l-Ispirtu."*

**INNOTA:**

Ma għadx hemm aktar **żewġ** gruppi separati, Lhud u Ġentili. L-appostlu Pawlu jafferma li dawk kollha li jemmnu, inkwantu l-oriġini etniku tagħhom, huma issa parti mill-ġisem—il-knisja ta' Kristu. Skond l-appostlu Pawlu, dan il-ġisem **wieħed** (Efesin 4:4), issa huwa *l-Iżrael il-ġdid*.

**XVIII. Jekk persuna tkun ta' Ġesù, xi jsejħilha Pawlu?**

**Tweġiba: Galatin 3:28-29,**

> *"Mhemmx la Lhudi u lanqas Grieg; mhemmx la lsir u lanqas ħieles; mhemmx la raġel u lanqas mara: għax intom ilkoll wieħed fi Kristu Ġesù. U jekk intom ta' Kristu, intom mela* ***nisel*** *Abraham, u* ***werrieta*** *skond il-wegħda."*

**INNOTA:**

Hawn l-appostlu Pawlu jgħid bil-qawwa verità kbira: Jekk inti ta Kristu, int nisel Abraham. Nisel Abraham kien imsejjaħ Iżrael. *Għalhekk, il-Kristjani fidili kollha huma l-veru Iżraeliti*. Pawlu jkompli jgħid li dan *l-Iżrael il-ġdid*, il-knisja li hija l-ġisem tal-Kristjani, huwa l-werriet skond il-wegħda magħmula lil Abraham. Għalhekk, il-wegħdiet kollha tat-Testment il-Qadim magħmula lil Iżrael u li jsibu t-twettiq tagħhom wara s-salib huma mwettqa f'Iżrael il-ġdid li ġie fl-eżistenza—il-Knisja ta' Kristu. Kull riferenza, mela, għal Iżrael fit-tmiem taż-żmien għandha tirreferi mhux għan-nazzjon ta' Lhud etniċi, imma għal *l-Iżrael il-ġdid* miġjub fl-eżistenza permezz tas-salib—il-knisja ta' Kristu.

Li tapplika xi profezija fil-Bibbja għan-nazzjon etniku ta' Iżrael fil-Lvant Nofsani llum huwa li tiċħad għal kollox it-tagħlim tat-Testment il-Ġdid fuq in-nazzjon ta' Iżrael u b'hekk tkun qiegħed tgħallem tagħlim tax-xjaten.

## L-IŻRAEL FINALI

**XIX. Il-144,000 jintqal li għandhom ikunu ssiġillati u lesti għal Ġesù biex jiġi. Min fejn jiġu l-144,000?**

**Tweġiba: Rivelazzjoni 7:4,**

> "*U smajt il-għadd ta' dawk li kienu immarkati: u kien hemm immarkati mija erbgħa u erbgħin elf mit-tribujiet kollha ta'* ***wlied Iżrael****.*"

**INNOTA:**

Billi din hija riferenza għal l-aħħar jiem, il-144,000 magħmula mit-tribujiet ta' Iżrael *għandha ti-rreferi għal Lhud spiritwali u mhux għal Lhud etniċi*, nazzjonali, kif jippruvaw jagħtu interpretazzjoni xi wħud għal din is-silta. Jintqal li dawn kienu "mit-tribujiet **kollha** ta' wlied Iżrael." Imma t-tribujiet ta' Dan u ta' Efrajm mhumiex imsemmija f'versi 5 sa 8! Dan huwa prova ċara li l-144,000 huma **l-Iżrael spiritwali**.

**XX. Wara min jimxu l-144,00?**

**Tweġiba: Rivelazzjoni 14:4,**

> "*Dawn huma dawk li ma tniġġsux man-nisa; għax huma verġni. Dawn huma dawk li jimxu* ***wara l-Ħaruf*** *kull fejn imur. Dawn kienu mixtrija minn fost il-bnedmin, billi kienu l-ewwel frott għal Alla u l-Ħaruf.*"

**INNOTA:**

"Il-Ħaruf" jirriferi għal Ġesù l-Messija (Ġwanni 1:29). Il-144,000 jimxu wara Ġesù. Ovvjament, dawn mhumiex Lhud etniċi, *imma huma Kristjani*.

**XXI. Xi ġrajjiet qegħdin jiġru fuq l-art meta l-144,000 huma ssiġillati?**

**Tweġiba: Rivelazzjoni 7:1-4,**

> "*U wara dawn il-ħwejjeġ rajt erba' anġli weqfin fuq l-erba' rkejjen ta' l-art, iżomu l-erbat irjieħ ta' l-art, biex ma jonfoħx ir-riħ la fuq l-art, la fuq il-baħar, lanqas fuq l-ebda siġra. U rajt anġlu ieħor tiela' mil-lvant, li kellu s-siġill ta' Alla l-ħaj: u għajjat b'leħen qawwi lill-erba' anġli, li lilhom kien mogħti li jagħmlu ħasara lill-art u lill-baħar. Billi qal: La tagħmlux* ***ħsara*** *lill-art, u la lill-baħar, u lanqas lis-siġar, sakemm nimmarkaw il-qaddejja ta' Alla tagħna fuq ġbinhom. U smajt il-għadd ta' dawk li kienu immarkati: u kien hemm immarkati mija erbgħa u erbgħin elf mit-tribujiet kollha ta' wlied Iżrael.*"

**INNOTA:**

Iż-żmien finali ta' nkwiet kien se jibda. Imma qabel ma dan jiġi Alla jissiġilla l-Iżrael finali Tiegħu. Imbagħad fit-tmiem Hu jeħlishom.

**XXII. Xi jgħid Danjel li hu meħlus fiż-żmien finali ta' nkwiet, jew diqa?**

**Tweġiba: danjel 12:1,**

> "*F'dak iż-żmien iqum Mikiel, il-kap il-kbir, li qiegħed fuq ulied il-poplu tiegħek; u jkun hemm żmien ta' diqa, li bħalha qatt ma kienet mindu kien hemm ġens sa dak iż-żmien: u f'dak iż-żmien* ***jinħeles*** *il-poplu tiegħek, kull min jinsab miktub fil-ktieb.*"

**INNOTA:**

Danjel jindika li huwa l-poplu tiegħu li se jkun meħlus fit-tmiem taż-żmien. Ġwanni r-rivelatur jgħidilna li huma l-144,000 li sejrin jinħelsu. B'żieda għal 144,000, Ġwanni ra folla kbira li ebda bniedem ma kien jista' jgħoddha (Riv. 7:9). Ovvjament, mill-billjuni kollha tad-dinja, aktar minn 144,000 ikunu salvati. Il-poplu ta' Danjel u l-144,000 huma *l-istess*, huma l-knisja kollha ta' Kristu.

**XXIII. Xi jfittex li jagħmel id-dragun lill-bqija tal-poplu ta' Alla?**

**Tweġiba: Rivelazzjoni 12:17,**

> "*U tgħaddab id-dragun għall-mara, u telaq biex jagħmel* ***gwerra*** *mal-bqija ta' nisilha, dawk li jħarsu l-kmandamenti ta' Alla, u għandhom ix-xhieda ta' Ġesù Kristu.*"

## INNOTA:

Rivelazzjoni 12:17 jiddeskrivi l-battalja finali li tfittex biex teqred il-bqija tal-poplu ta' Alla li jħarsu l-kmandamenti ta' Alla u l-fidi f'Ġesù Kristu. Hija l-battalja finali imbassra f'Danjel 11-12. Hija l-aħħar attentat ta' Satana biex jirbaħ lil Iżrael ta' Alla.

## KONKLUŻJONI

Ħalli nagħmlu reviżjoni ta' bosta punti li aħna tgħallimna f'dan l-istudju:

1. It-terminu "Iżrael" huwa terminu *spiritwali* li jirreferi għall-poplu spiritwali.
2. It-terminu "Iżrael" oriġinarjament irrefera għad-dixxendenti etniċi ta' Abraham fit-Testment il-Qadim. Madankollu, ukoll f'dak iż-żmien, dawk li ma kinux Lhud kienu jistgħu jsiru Iżraelin jekk huma kienu jaċċettaw lil Alla tas-sema.
3. Il-profeziji kollha li jinvolvu l-għażliet tal-bnedmin u tal-ġnus huma kondizzjonali, għalhekk il-profeziji tal-futur glorjuż ta' Iżrael kienu kondizzjonali fuq l-ubbidjenza. Billi huma ma kinux ubbidjenti, it-tbassir mhuwiex imwettaq permezz ta' Iżrael etniku imma huwa, minflok, imwettaq permezz ta' l-Iżrael il-ġdid spiritwali.
4. Ġesù wissa li l-privileġġ li jkunu l-poplu magħżul ta' Alla, l-Iżrael ta' Alla, ikun meħud mil-Lhud u mogħti lill-poplu ieħor li jagħti l-frott. L-appostlu Pawlu jivverifika din l-entità ġdida li ġiet fl-eżistenza. Hu jiddikjara din l-entità li hija l-knisja ta' Kristu, il-ġisem wieħed.

5. Wara s-Salib it-terminu "Iżrael" jirreferi *biss* għal dawk in-nies jew poplu li aċċettaw lil Ġesù Kristu bħala l-Messija.
6. It-terminu "Iżrael" illum jirreferi għall-poplu finali ta' Alla li qegħdin jippreparaw biex jiltaqgħu ma' Ġesù meta jiġi, u mhux għal nazzjon fil-Lvant Nofsani!
7. Il-battalja ta' Danjel 11:45 ma tirreferix għall-battalja fil-Lvant Nofsani, imma għal l-attentat finali ta' Satana biex jeqred il-poplu ta' Alla imfisser f'Rivelazzjoni 12:7.

## DANJEL
## (Id-Disa' Parti)

1. **Danjel 2:44**,

   *"U fi żmien dawk is-slaten, iqajjem Alla tas-sema* ***saltna****, li qatt ma titwaqqa';* ***saltna li ma titħalliex għal poplu ieħor****; iżda hi tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, U HI TIBQA' GĦAL DEJJEM."*

2. **Danjel 7:18,**

   *"Iżda l-qaddisin ta' l-Għoli jieħdu s-saltna, u jżommu s-saltna GĦAL DEJJEM, U GĦAL DEJJEM TA' DEJJEM."*

3. **Danjel 7:27,**

   *"Is-saltna u s-setgħa u l-kobor tas-saltniet ta' taħt is-smewwiet kollha jingħataw lill-poplu tal-qaddisin ta' Alla, l-Għoli. SALTNATU SALTNA GĦAL DEJJEM, u kull setgħa taqdih u tisma' minnu."*

4. **Luqa 1:30-33,**

   *"U qalilha l-anġlu: La tibżax, Marija: għax int sibt grazzja quddiem Alla. U, ara, int tnissel f'gufek, u tiled iben, u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jissemma Bin il-Għoli: u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' missieru David: U JSALTAN GĦAL DEJJEM fuq id-dar*

*ta' Ġakobb; U GĦAL SALTNATU*
*<u>MA JKUNX HEMM TMIEM</u>.*"

Jew is-**saltna** hija GĦAL DEJJEM JEW LE! Fil-Jum ta' Pentekoste, Pietru ddikjara li l-wegħda ta' Alla lil David kienet twettqet fil-qawmien u fit-tlugħ fis-sema ta' Ġesù Kristu fl-id il-leminijia tat-tron ta' Alla (**Atti 2:30-34**). Is-saltna hija **spiritwali**. Ġesù **rrifjuta** milli jħalli lin-nies li jagħmluh sultan wara li tema' l-ħamest elef ruħ (**Ġwanni 6:14-15**). Ġesù qal lil Pilatu:

> "*Is-saltna tiegħi mhijiex ta' din id-dinja.*" (Ġwanni 18:36).

5. **1 Korintin 15:24,**

> "*Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa.*"

It-tmiem jasal meta Ġesù **jerħi s-saltna** lill-Missier. Hawn l-appostlu Pawlu kien qiegħed jirreferi għall-fażi tad-dinja tas-saltna.

6. **2 Pietru 1:11**,

Pietru wkoll għamel riferenza għal dan meta qal,

> "*U hekk ikollkom miftuħ beraħ quddiemkom il-bieb tad-**dħul fis-saltna ta' dejjem** ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.*"

7. **Mattew 13** kollu.

8. **Mark 1:14-15**,

"***IŻ-ŻMIEN HUWA MITMUM***, *U S-SALTNA TA' ALLA* ***WASLET***, *indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba.*"

9. **Kolossin 1:13,**

"*Li ħelisna mill-ħakma tad-dlam,* ***u daħħalna*** *fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub.*"

Il-Missier, wara li "*ħelisna mill-ħakma tad-dlam*" permezz ta' Ibnu, DAĦĦALNA FIS-SALTNA TA' IBNU" u mhux Ibnu għad irid iwaqqaf saltna fil-futur! Kull Kristjan tat-Testment il-Ġdid jinsab ISSA fis-saltna!

10. **Rivelazzjoni 1:9,**

"*Jien Ġwanni, li jien ukoll ħukom, u seħibkom fit-tiġrib, u* ***fis****-saltna u fis-sabar ta' Ġesù Kristu, kont fil-gżira li jisimha Patmos, minħabba l-kelma ta' Alla, u x-xhieda ta' Ġesù Kristu.*"

L-appostlu Ġwanni KIEN fis-saltna waqt li hu kien fuq il-gżira ta' Patmos, l-istess kif hu kien "fit-tiġrib" u l-istess kif hu kien "fis-sabar ta' Ġesù Kristu." Hekk ukoll, aħna, bħala l-knisja ta' Kristu ninsabu fis-saltna waqt li aħna qegħdin fuq il-gżira ta' Malta l-istess kif Ġwanni kien fis-saltna waqt li hu kien fuq il-gżira ta' Patmos! Ninsabu fis-saltna għaliex aħna "saċerdozju *rjali*" bi Kristu bħala s-Sultan tagħna (Rivelazzjoni 1:6; 1 Pietru 2:9; 1 Timotju 1:17; Rivelazzjoni 17:14; ara l-lezzjoni li jmiss).

## QIEGĦED ĠESÙ JSALTAN ILLUM JEW LE? (L-Għaxar Parti)

**1. 1 Timotju 6:13-16,**

> *"Nwissik quddiem Alla li jagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha, u quddiem Kristu Ġesù li xehed u għamel l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzu Pilatu. Nwissik biex tħares il-liġi u żżomm ruħek bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad juriha f'waqtha. Dak li hu hieni u waħdu setgħani, is-**SULTAN TAS-SLATEN** u s-Sid tas-sidien, li hu biss ma jmut qatt u jgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh, hu li ebda bniedem qatt ma rah u anqas jista' sarah. Lilu ġieħ u setgħa għal dejjem! Amen."*

Ċertament li skond din is-silta Ġesù Kristu HU SULTAN! **JISTA' JKUN SULTAN MINGĦAJR SALTNA?** Kristu jsaltan fis-smewwiet għaliex it-tron ta' David qiegħed fis-smewwiet, u issa Kristu qiegħed isaltna fuq it-tron ta' David:

**Salm 89:35-37,**

> *"Darba ħlift bi qdusiti li ma nigdibx lil David. In-nisel tiegħu jdum għal dejjem, u t-tron tiegħu jkun bħax-xemx quddiemi. Iżomm sħiħ għal dejjem*

*bħall-qamar, u bħal xhud fidil fis-sema.”*

**Luqa 1:33,**

“*U jsaltan għal dejjem fuq id-dar ta’ Ġakobb; u għal saltnatu ma jkunx hemm tmiem.”*

**Atti 2:29-36,**

“*Irġiel u aħwa, ħalli nkellimkom bla tlaqliq fuq il-patrijarka David, li hu mejjet u midfun, u l-qabar tiegħu għadu fostna sal-lum. Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien wiegħdu b’ħalfa, li mill-frott ta’ ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem ’il Kristu biex joqgħod fuq it-tron tiegħu; Hu, billi ra minn qabel, tkellem fuq il-qawmien ta’ Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir. Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħna lkoll xhud. Għalhekk billi kien imgħolli bil-leminija t’Alla, u billi ħa mingħand il-Missier il-wegħda ta’ l-Ispirtu s-Santu, hu xerred dan, li intom qegħdin taraw u tisimgħu issa. Għax David ma talax fis-smewwiet: iżda hu stess jgħid: Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fil-lemin tiegħi, Sa ma nagħmel l-egħdewwa tiegħek b’mirfes riġlejk. Mela ħa tkun taf fi żgur id-dar kollha ta’ Iżrael, li Alla għamel lil dan stess*

*Ġesù, li intom sallabtu, sew Mulej u kemm Kristu.*"

**Rivelazzjoni 17:14,**

"*Dawn jagħmlu gwerra lill-Ħaruf, u l-Ħaruf jirbaħhom: għax hu Sid tas-sidien, u Sultan tas-slaten: u dawk li huma miegħu huma msejħin, u maħtu-rin, u fidili.*"

**Rivelazzjoni 19: 16,**

"*U kellu fuq il-mantar tiegħu u fuq wirku isem miktub: SULTAN TAS-SLATEN, U SID TAS-SIDIEN.*"

**Rivelazzjoni 1:6,**

"*U li għamilna saltna, qassisin għal Alla tiegħu Missieru.*"

**Rivelazzjoni 5:10,**

"*U għamilna saltna, qassin…*"

# IL-ĦOLMA TA' NEBUKADNESSAR
# (Il-Ħdax-il Parti)

## IL-ĦOLMA, IT-TIFSIRA, IT-TWETTIQ

Ras tad-Deheb Nebukadnessar (2:38) – Imperu ta' Babel (era finali) – 626 Q.K. sa 539 Q.K.

Sider u Dirgħajn tal-Fidda – It-Tieni Saltna (2:39) – Imperu Medo-Persjan – 539Q.K. sa 331 Q.K.

Żaqq u Kuxtejn tar-ram – It-Tielet Saltna (2:39) – Imperu Grieg – 331 Q.K. sa 168 Q.K.

Saqajn tal-Ħadid u Riġlejn tat-Tafal – Ir-Raba' Saltna (2:40) – Imperu Ruman – 133Q.K. sa 476 W.K.

Ġebla li Laqtet l-Istatwa – Saltna ta' Dejjem (2:44) – Saltna ta' Kristu, il-Knisja Tiegħu – 33 W.K. għal l-eternità

# IL-PROFEZIJI TAT-TESTMENT IL-QADIM IMWETTQA
## (Tnax-il Parti )

Il-profeziji tat-Testment il-Qadim kienu mwettqa. Ġesù qal **meta** l-profezija kollha tkun imwettqa.

> "*Għax dawk ikunu jiem ta' vendetta,* ***li fihom iseħħ <u>kull</u> ma hemm miktub***" (Luqa 21:22; enfasi tiegħi).

Hawn hu l-kuntest. Ġesù kien qiegħed ibasar il-waqa' ta' Ġerusalem (ara versi 5-7). Waqt li kien qiegħed jiddeskrivi dik il-ġrajja Hu qal:

> "*…li fihom iseħħ* ***kull*** *ma hemm miktub.*"

Hawn huma xi fatti interessanti:

Dwar il-kelma Griega għal "kull" jew il-ħwejjeġ "kollha." Il-kelma Griega għal "kull" hawn hija *pas* li tfisser li ma baqa' xejn aktar xi jsir. Imma ħalli naraw il-kliem differenti fil-Grieg għal din il-kelma.

## "KULL jew KOLLHA"

(*pas; hapas; holos; pantos; pamplèthei; hekastos; kata; ana; kath hen; tis ti*)

Dan il-kliem Grieg kollu ta' fuq ifisser fil-Malti "kollox" jew "kull." Fil-Malti jew fl-Ingliż (all jew every) tintuża kelma waħda jew l-aktar tnejn, imma fil-Grieg hemm kelma għal kull tifsira jew sens, kif sejrin naraw.

1. **Kolossin 1:15** – "Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq _kollha_."
   - **Grieg**: _pas_ – (kulħadd, kull min hu maħluq jew kull ħaġa li teżisti)

   a. **Rumani 5:12b** – "…u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin _kollha_, għax _kollha_ dinbu."

   b. **Mattew 10:1** – "Sejjaħ lit-tnax-il dixxiplu tiegħu, u tahom is-setgħa fuq l-ispirti ħżiena biex ikeċċuhom, u jfejqu _kull_ xorta ta' mard u 'l _kull_ min kien nieqes minn saħħtu."

   c. **Luqa 21:22** – "Għax dawn huma jiem ta' vendetta, li fihom iseħħ _kull_ ma hemm miktub" (Luqa 21:22).

      i. Dan juri kemm huwa tagħlim falz dak it-tagħlim li Kristu għad irid isaltan fuq l-art għal elf sena.

      ii. Il-kelma "_kull_" hawn turi li *dak kollu li kien miktub qabel* issa hu mwettaq. Ma baqa' xejn aktar x'jitwettaq! Jekk wieħed ikun tassew sinċier u jrid jobdi lil Alla, dan għandu jwarrab it-tagħlim premillenjali kollu fil-ġenb!

      iii. Imma xi wħud jippreferu li jaċċettaw it-tagħlim tal-bnedmin milli dak tal-Kelma ta' Alla!

2. **Mattew 6:32** – "Għax dawn huma _kollha_ ħwejjeġ li jfittxuhom il-pagani…"

- **Grieg:** *hapas* – (kollha jew kollox flimkien)

a. **Mattew 28:11** – "Huma u sejrin, xi wħud mill-għases marru l-belt għand il-qassisin il-kbar u tawhom l-aħbar ta' *kull* ma kien ġara."

3. **Mattew 1:22** – "Dan *kollu* ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta,…"

- **Grieg:** *holos* – (il-ħaġa sħiħa, jew kollha)

a. **Mattew 4:23** – "U dar il-Galilija *kollha* jgħallem fis-sinagogi tagħhom…"

4. **1 Korintin 16:12** – "Dwar Apollos ħuna, ħeġġiġtu ħafna biex jiġi għandkom ma' l-aħwa: iżda ma kenitx *għalkollox* ir-rieda tiegħu li jiġi issa; iżda jiġi meta jkun jista'."

- **Grieg:** *pantòs* – (għal-kollox)

5. **Luqa 23:18** – "Iżda huma qabdu jgħajtu *lkoll* f'daqqa: "Agħtih il-mewt lil dan!…"

   **Grieg**: *pamplèthei* (kollha flimkien)

6. **Mattew 16:27** – "Għax Bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil *kull wieħed* skond ma wieħed ikun għamel."

- **Grieg**: *hekastos* – (kull wieħed, individwalment)

a. **Mattew 25:15** – Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, *kull wieħed* skond il-ħila tiegħu. U siefer.”

7. **Luqa 2:41** – Issa l-ġenituri tiegħu kienu jmorru *kull* sena Ġerusalem għall-festa tal-għid.”
   - **Grieg:** kata – (matul)

   a. **Lhud 9:25** – “U daħal hemm mhux biex minn żmien għal żmien joffri lilu nnifsu bħalma l-qassis il-kbir jidħol *kull* sena fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor.”

   b. **Atti 8:3** – “Imma Sawl kien iħarbat il-knisja, billi kien jidħol f’*kull* dar, u jkarkar rġiel u nisa, u jitfagħhom fil-ħabs.”

8. **Mattew 20:9** – “Ġew dawk li daħlu għax-xogħol għal xi l-ħamsa u ħadu dinar *kull* wieħed.”
   - **Grieg:** ana – (*biċċa*)
     a. **Mattew 20:10** – “Ġew ta’ l-ewwel, u stennew li kienu se jriċievu iktar, iżda huma wkoll ħadu dinar *kull* wieħed.”

9. **Ġwanni 21:25** – Iżda hemm ukoll bosta ħwejjeġ oħra li għamel Ġesù. Li kieku wieħed kellu jikteb *kollox* ħaġa ħaġa….”
   - **Grieg:** kath hen – (wieħed wieħed)

   a. **Rumani 12:5** – “Hekk aħna, billi aħna ħafna, ġisem wieħed fi Kristu, u *kull* wieħed membri ta’ xulxin.”

10. **Mark 15:24** – "Imbagħad sallbuh, u qassmu lbiesu, billi tefgħu x-xorti fuqhom, b'kemm <u>*kull*</u> wieħed jieħu."

- **Grieg:** <u>*tis ti*</u> – (*min*)

Minn dan wieħed jista' jara kemm il-Bibbja Mqaddsa tispjega lilha nfisha bl-aktar mod ċar. Id-diffikultajiet li xi wħud ikollhom, ma jkunux minħabba li l-Bibbja mhix ċara, imma minħabba li l-bnedmin iċappsuha bit-tagħlim falz tagħhom! Li kieku aħna nitkellmu biss fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta allura jiena ċert li ħafna mid-diffikultajiet li xi wħud ikollhom dawn ikunu solvuti.

Il-premillenjalisti jgħidu li l-unika parti tal-Għolja taż-Żebbuġ, [jiġifieri Mattew 24 u l-paralleli, Mark 13, Luqa 21], li tapplika għall-qirda ta' Ġerusalem hija Luqa 21:20-24. Huma jinsistu li l-bqija jitkellem dwar iż-żmien tagħna, It-Tribulazzjoni l-Kbira, ir-restawrazzjoni ta' Iżrael, eċċ. Imma hemm problema hawn!

Meta wieħed jammetti li Luqa 21:22 jitkellem dwar il-qirda ta' Ġerusalem u dik il-ġenerazzjoni, Luqa 21:32, dan b'hekk ikun qiegħed jammetti li ma hemm aktar profeziji x'jitwettqu! Ġesù qal f'dawk il-jiem tal-waqa' ta' Iżrael "IL-ĦWEJJEĠ *KOLLHA* LI HUMA MIKTUBA GĦANDHOM JITWETTQU." Jiena nistaqsi lil min qiegħed jaqra dan l-istudju, "Kemm il-profezija tibqa' barra minn "KOLLHA"? Jew KOLLHA jew xi wħud minnhom! Qal Ġesù li "l-profeziji kollha "*barra*" ftit, jew barra minn xi wħud ikunu mwettqa f'dak iż-żmien? Il-kliem ta' Ġesù

hawn għandhom jagħmluna naħsbu l-konċetti tagħna mill-ġdid dwar il-profezija u "l-aħħar ħwejjeġ."

Il-problema hija li xi wħud huma wżati wisq f'li jaħsbu f'modi letteralistiċi meta huma jaqraw dwar "l-aħħar jiem," "it-tmiem taż-żmien," eċċ. U huma jonqsu milli jaraw it-tifsira Biblika vera ta' dawn l-ideat. "Iż-żmien tat-tmien" per eżempju, mhuwiex "it-tmiem taż-żmien." [Attwalment dak it-terminu ma jinsab f'ebda traduzzjoni proprja tal-Bibbja.] Biblikament, "iż-żmien tat-tmiem" meta l-profeziji kollha jkunu mwettqa, kien it-tmiem taż-Żmien Antik ta' Iżrael u t-twaqqif sħiħ tad-Dinja Ġdida taż-Żmien tal-Messija. Dak hu kollox lis-70 ġimgħa ta' Danjel hija dwar, per eżempju u tikkorrispondi perfettament ma' dak li qal Ġesù dwar meta l-profezija kollha tkun imwettqa. Dak hu "t-tmien taż-żmien" lid-dixxipli staqsew dwaru f'Mattew 24:3.

Meta aħna b'mod żbaljat nemmnu li l-Bibbja hija kkonċernata dwar "it-tmiem taż-żmien" minflok "iż-żmien tat-tmiem" aħna ma nistgħux inħallu l-kliem ta' Ġesù f'Luqa 21:22 li jitkellem għalih innifsu. Meta aħna nwarrbu fil-ġenb l-ideat preġudikati tagħna u s-suppervja, u nħallu l-Bibbja biex tgħidilna META l-ħwejjeġ kellhom jiġru, aħna nersqu aktar qrib għall-Verità.

Luqa 21:22 mhuwiex l-uniku vers li jgħidilna meta l-profeziji *kollha (pas*) kellhom ikunu mwettqa —u dawn kollha jaqblu ma' Ġesù f'Luqa 21:22.

Il-profeziji tat-Testment il-Qadim kienu mwettqa. Aħna m'aħniex qegħdin nistennew għal xi ħaġa/xi

ħadd ieħor biex iwettaq dak lit-Testment il-Qadim qal. Dawn kienu mwettqa. Ħalli naraw xi eżempji.

**Il-profeziji li jikkonċernaw il-Mulej tagħna kienu *kollha* mwettqa**

1. *It-twelid tal-Mulej tagħna kien twettiq tal-profezija*:

   - **Isaija 7:14; 8:8, 10** – "*Għalhekk is-Sid, hu nnifsu, jagħtikom sinjal; Ara, xebba titqal, u tiled iben u ssemmih Emmanuwèl….Imbagħad tgħaddi minn Ġuda, tfawwar u tgħarraq, sama tilħaq sal-għonq; u l-firxa ta' ġwinħajha timla l-wisa' ta' artek, o Emmanuwèl… Agħmlu ħsieb, iżda ħsiebkom jisfa fix-xejn; tkellmu kelma, iżda ma sseħħx: għax Alla magħna.*"
   - **Mattew 1:21-23** – "*U tiled iben; u int issemmih Ġesù: għax hu jeħles il-poplu tiegħu minn dnubiethom. Issa dan kollu ġara, biex iseħħ dak li ngħad mill-Mulej bil-profeta, li jgħid: Ara, xebba titqal, u tiled iben, u jsemmuh Emmanuwèl, li jfisser: Alla magħna*"

2. *Li Ġesù kien meħud fl-Eġittu kien ukoll twettiq tal-profezija*:

   - **Hosegħa 11:1** – "*Meta Iżrael kien tifel, jien ħabbejtu, u mill-Eġittu sejjaħt lil ibni.*"
   - **Mattew 2:14-15** – "*Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu bil-lejl, u warrab lejn l-Eġittu, u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi. B'hekk seħħ dak li kien qal il-Mulej permezz*

*tal-profeta, meta qal, 'Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni'*"

3. *Il-qtil li ordna Erodi kien twettiq tal-profezija*:
   - **Ġeremija 31:15** – "*Hekk jgħid il-Mulej: In-stama' leħen f'Rama, tinwiħ, u biki ta' mrar; Raħel tibki lil uliedha, u tistabar ma tridx, għax m'għadhomx iżjed.*"
   - **Mattew 2:17-18** – "*Imbagħad seħħ dak li ntqal minn Ġeremija l-profeta, li jgħid: In-stama' leħen f'Rama, tinwiħ, u biki ta' mrar; Raħel tibki lil uliedha, u tistabar ma tridx, għax m'għadhomx iżjed.*"

4. *Il-belt li fiha Ġesù kien imrobbi kien twettiq tal-profezija*:
   - **Isaija 11:1** – "*Imbagħad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessi, u Rimja minn għeruqu tinbet*" (Fl-Ebrajk l-isem Nażaret ifisser "Rimja").
   - **Mattew 2:23** – "*U ġie u għammar f'belt jisimha Nażaret: biex iseħħ dak li ntqal mill-**profeti**: Jissejjaħ Nażarenu*"
5. *Meta Ġesù ppriedka fil-postijiet li Hu għamel dan, dan kien twettiq tal-profezija tat-Testment il-Qadim*:
   - **Isaija 9:1-2** – "*Iżda d-dlamijiet ma jdumux għal dejjem fuq l-art li kienet fid-dwejjaq. Bħalma qabel Alla kesa bil-għajb l-art ta' Żebulun, u l-art ta' Naftali, hekk fl-aħħar jimla*

*bil-glorja t-triq tal-baħar 'il hemm mill-Ġurdan, il-Galilija tal-Ġentili.*"

- **Mattew 4:13-16** – "*U wara li ħalla 'l Nażaret, ġie u għammar f'Kafarnahum, li qiegħed ħdejn il-baħar, fit-truf ta' Żebulun u Neftali: Biex iseħħ dak li ntqal mill-profeta Isaija, li jgħid: L-art ta' Żebulun, u l-art ta' Naftali, fit-triq tal-baħar 'il hemm mill-Ġurdan, il-Galilija tal-Ġentili; Il-poplu li kien fid-dlamijiet ra dawl kbir; u lil dawk li kienu qegħdin fl-art u d-dell tal-mewt telgħalhom id-dawl.*"

6. *Meta Kristu fejjaq lill-morda, dan kien twettiq ta' profezija oħra ta' Isaija*:

- **Isaija 53:4** – "*Tassew hu rafa' l-mard tagħna, u tgħabba bl-uġigħ tagħna; u aħna ħsibnieh milqut, midrub minn Alla, u umiljat!*"
- **Mattew 8:16-17** – "*Filgħaxija mbagħad ġibulu quddiemu bosta li kienu maħkuma mix-xitan, u bl-ordni tiegħu l-ispirti ħarġu, u fejjaq il-morda kollha. Hekk seħħ dak li kien intqal mill-profeta Isaija, meta qal, 'Hu rafa' fuq l-mard tagħna, u tgħabba bl-uġigħ tagħna.'*"
- **Isaija 42:1-4** – "*Ara l-qaddej tiegħi, li jien inwieżnu; il-maħtur tiegħi, li fih ruħi titgħaxxaq; qegħidt l-Ispirtu tiegħi fuqu: hu jxandar il-ħaqq lill-Ġentili. Ma jgħajjatx, u lanqas iħambaq, u lanqas igħolli leħnu biex jinstama' fit-triq. Qasba mġelġla ma jiksirhiex, u ftila ddaħħan ma jitfihiex: hu jxandar il-ħaqq bis-sewwa. La*

*jinfena u lanqas jitfarrak, sakemm iqiegħed il-ħaqq fuq l-art: u l-gżejjer jistennew il-liġi tiegħu.*"

- **Mattew 12:15-21** – "*Iżda meta Ġesù sar jaf dan, warrab minn hemm: u ġmiegħi kbar ta' nies marru warajh, u fejjaqhom kollha; U wissiehom biex ma jxandruhx: Biex iseħħ dak li kien qal il-profeta Isaija, li jgħid: Ara l-qaddej tiegħi, li jiena ħtart; il-maħbub tiegħi, li fih titgħaxxaq ruħi; l-ispirtu tiegħi nqiegħed fuqu, u hu jgħarraf il-ħaqq tal-Ġentili. Hu la jiġġieled, u la jgħajjat; lanqas ħadd ma jisma' leħnu fit-toroq. Qasba mġelgla ma jaqsamx, u ftila ddaħħan ma jitfix, sama jġib il-ħaqq għar-rebħa. U f'ismu l-Ġentili jittamaw.*"

7. *Kristu jitkellem bil-parabboli, u r-rispons tan-nies wettaq wkoll il-profezija*:

- **Isaija 6:9-10** – "*U qal: Mur, u għid lil dal-poplu:Tisimgħu, iva, imma ma tifhmux; u tassew taraw, imma ma tagħrfux. Webbes qalb dal-poplu, u soddlu widnejh; li ma jarax b'għajnejh, u jisma' b'widnejh, u qalbu tifhem, u jdur, u jit-fejjaq.*"

- **Mattew 13:13-15, 34-35** – "*Għalhekk inkellimhom bil-parabboli: għax huma u jaraw, ma jarawx; u huma u jisimgħu, ma jisimgħux, lanqas jifhmu. U fihom isseħħ il-profezija ta' Isaija, li jgħid: bis-smigħ tisimgħu, u ma tifhmux; u intom u taraw, taraw, u ma tindunawx. Għax qalb dal-poplu ħxienet, u widnejhom tqal*

*biex jisimgħu, u għajnejhom għalqu; li f'xi żmien ma jarawx b'għajnejhom, u jisimgħu b'widnejhom, u jifhmu b'qalbhom, u jikkonvertu, u jkolli nfejjaqhom ….Dawn il-ħwejjeġ kollha f'parabboli tkellem Ġesù mal-ġmiegħi tan-nies; u mingħajr parabboli ma tkellimx magħhom; Biex iseħħ dak li ntqal mill-profe-ta, li jgħid: Bil-parabboli niftaħ fommi; ingħarraf ħwejjeġ li nżammu moħbija mit-tisjis tad-dinja."*

8. *Il-mod li bih Ġesù daħal f'Ġerusalem għal l-aħħar darba wettaq il-profezija ta'*:

- **Żakkarija 9:9** – "*Ifraħ o bint Sijon, għajjat bil-ferħ, o bint Ġerusalem! Ara, is-Sultan tiegħek ġej lejk; hu ġust, u vittorjuż, umli u riekeb fuq ħmar, fuq felu ta' ħmara.*"
- **Mattew 21:1-5** – "*U xħin qorbu lejn Ġerusalem, u ġew Betfaġe, lejn il-għolja taż-Żebbuġ, Ġesù bagħat żewġ dixxipli, Hu u jgħidilhom: Morru fir-raħal li qiegħed biswitkom, u minnufih issibu ħmara marbuta, u felu magħha: ħolluhom, u ġibuhomli. U jekk xi ħadd jgħidilkom xi ħaġa, għidu: Il-Mulej għandu bżonnhom; u minnufih jibgħathom. Dan kollu sar biex iseħħ dak li ntqal mill-profeta, li jgħid: Għidu lil bint Sijon: Ara, is-Sultan tiegħek jiġi għandek, ġwejjed, u riekeb fuq ħmara, u felu bin ħmara.*"

9. *Il-profeziji dwar wieħed ġej biex imut għall-bnedmin u biex ibati, u jqum fit-tielet jum kienu mwettqa fi Kristu*:

- **Isaija 53** – (Aqra).
- **Mattew 16:21** – *"Minn dak iż-żmien beda Ġesù juri lid-dixxipli tiegħu, kif jaħtieġlu jmur Ġerusalem, u jbati ħafna ħwejjeġ mix-xjuħ u mill-qassisin il-kbar u l-iskribi, u jinqtel, u fit-tielet jum iqum."*
- **Luqa 18:31-33** – *"Imbagħad ħa miegħu t-tnax, u qalilhom: Ara, aħna telgħin Ġerusalem, u jseħħu l-ħwejjeġ* ***kollha*** *li nkitbu mill-profeti dwar Bin il-bniedem; Għax jagħtuh f'idejn il-Ġentili, u jiddieħku bih, u jgħajruh, u jobżqulu: U jsawtuh, u joqtluh: u mat-tielet jum jerġa' jqum."*

10. *Ġesù Kristu ddikjara l-profeziji* ***kollha*** *li jikkonċernaw Lilu kienu mwettqa*:

- **Isaija 53** – **Hosegħa 6:2**
- **Luqa 24:25-27, 44-45** – [25-27]*"Imbagħad qalilhom: Ja boloh, u tqal fil-qalb biex temmnu dak kollu li qalu l-profeti: Ma kellux Kristu jbati dawn il-ħwejjeġ, u jidħol fil-glorja tiegħu? U beda minn Mosè u l-profeti kollha, u fissrilhom dawk il-ħwejjeġ li fl-iskrittura kollha hemm fuqu....*[44-45]*U qalilhom: Dawn huma l-kelmiet li għidtlilkom, meta kont għadni magħkom, li jaħtieġ li jseħħu l-ħwejjeġ kollha, li nkitbu fil-liġi ta' Mosè, u fil-profeti, u fis-salmi, fuqi."*

11. *Fil-mewt Tiegħu, Ġesù Kristu ddikjara. "Kollox mitmum"*:

- **Ġwanni 19:28, 30** – "*Wara dan, billi kien jaf Ġesù li* ***kollox <u>issa</u> kien mitmum****, biex isseħħ l-iskrittura, qal: Għandi l-għatx… Mela meta ħa l-ħall, Ġesù qal:* ***Kollox mitmum****; u mejjel rasu, u radd ruħu.*"

12. *Dak kollu li kien ippreparat Għalih biex jagħmel kien magħmul*:

- **Ġwanni 17:4** – "*Jien igglorifikajtek fuq l-art;* ***temmejt*** *ix-xogħol li tajtni biex nagħmel*"

Ġesù Kristu wettaq il-profeziji *kollha* tat-Testment il-Ġdid Dwaru. Hu **temm** kollox u ċertament li **"temmejt"** ma tfissirx li Hu għad baqagħlu elf sena oħra fil-futur xi jsaltan fuq l-art!

13. *Il-profeziji li jikkonċernaw lil Iżrael kienu mwettqa wkoll*:
    a. Alla għamel tliet wegħdiet lil Iżrael.
        i. *Wegħda ta' l-art*:
        - **Ġenesi 17:8** – "*U nagħti lilek, u lil nislek warajk, l-art li fiha inti qiegħed barrani, l-art kollha ta' Kangħan, biex tkun tagħkom għal dejjem; u jien inkun Alla tagħhom*
        ii. *Wegħda tan-nisel*:
        - **Ġenesi 12:7** – "*U l-Mulej deher 'l Abram, u qal: Lil nislek nagħti din l-*

*art: u hemm bena artal lill-Mulej, li kien deherlu*"

- **Ġenesi 15:5** – "*U ħarġu 'l barra, u qal: Issa ħares lejn is-sema, u għodd il-kwiekeb, jekk tista' tgħoddhom: u qallu: Hekk ikun nislek.*"
- **Ġenesi 17:7** – "*U nżomm il-għaqda tiegħi bejni u bejnek, u bejn nislek warajk, matul il-ġenerazzjonijiet tagħhom għall-patt għal dejjem, biex inkun Alla tiegħek, u ta' nislek warajk.*"

iii. *Wegħda ta' nazzjon*:

- **Ġenesi 12:2-3** – "*U nagħmel minnek ġens kbir, u nbierkek, u nkabbar ismek; u int tkun barka: U nbierek lil min ibierkek, u lil min jistħek, nisħtu: u jitbierku bik il-familji kollha ta' l-art.*"
- **Ġenesi 17:5-6** – "*Lanqas ma jissejjaħ iżjed ismek Abram, iżda ismek ikun Abraham; għax missier ta' ħafna ġnus għamiltek. U nkabbrek qatigħ, u ġnus nagħmel minnek, u slaten joħorġu minnek.*"

b. *Il-wegħda ta' l-art imwettqa*:

- **Dewteronomju 19:8-10** – "*U jekk il-Mulej, Alla tiegħek, iwassa' truf artek, bħal ma ħalef lil missirijietek, u* ***jagħtik*** *l-art kollha, li wiegħed li jagħti lil missi-*

*rijietek; Jekk tqis li tħares dawn il-kmandamenti kollha biex tagħmihom, li llum qiegħed nagħtik, li tħobb il-Mulej Alla tiegħek, u timxi dejjem fi triqatu; int iżżid tlitt ibliet oħra għalik, barra dawn it-tlieta: Biex id-demm bla ħtija ma jixxerridx f'artek, li l-Mulej, Alla tiegħek,* ***sa jagħtik*** *b'wirt, u int ma jkollox fuqek il-ħtija tad-demm.*"

- **Ġożwè 23:15-16** – "*Għalhekk jiġri, illi bħal ma ġew fuqkom il-ħwejjeġ it-tajbin kollha li wiegħed il-Mulej, Alla tagħkom, hekk il-Mulej iġib fuqkom il-ħwejjeġ kollha ħżiena, sakemm jeqridkom minn fuq din l-art it-tajba* ***li takom*** *il-Mulej, Alla tagħkom. Jekk tiksru r-rabta tal-Mulej, Alla tagħkom, li ikkmandakom, u tmorru taqdu allat oħra, u tqimuhom, għadab il-Mulej jixgħel għalikom, u tinqerdu malajr minn fuq l-art it-tajba* ***li takom****.*"
- **Neħemija 9:7-8** – "*Int hu l-Mulej, Alla, li ħtart lil Abram, u ħriġtu minn Ur tal-Kaldin, u semmejtu Abraham. U int sibt qalbu fidila quddiemek, u rbatt miegħu għaqda li tagħtih art il-Kangħanin, il-Ħittin, l-Amurrin, il-Periżin, il-Ġebusin, u l-Girgasin lil nilsu;* ***int żammejt kelmtek****; għax int ġust.*"

- **Ġożwè 21:43-45** – "*U hekk il-Mulej* ***ta*** *lill-Iżrael l-art* ***li kien ħalef lil missirijiethom li jagħtihom: ħaduha u qagħdu fiha****. U l-Mulej tahom is-serħan minn kulli-mkien,* ***kollox bħal ma kien ħalef lil missirijiethom****, u ħadd mill-egħdewwa tagħhom kollha ma waqaf quddiemhom; il-Mulej erħilhom f'idhom l-egħdewwa tagħhom kollha.* ***Ma baqa' xejn mill-wegħdi ta' ġid li l-Mulej għamel lil dar Iżrael li ma seħħx; kollox sar.***" (enfasi tiegħi.)

c. *Il-wegħda tan-nisel imwettqa*:

- **Galatin 3:16** – "*Issa 'l Abraham u lil nislu saru l-wegħdi. Ma jgħidx: U lin-nislijiet, bħallikieku kienu ħafna; imma għal wieħed: U lil nislek, li hu Kristu.*"

d. *Il-wegħda tan-nazzjon imwettqqa*:

- **Eżodu 33:13** – "*Għalhekk issa nitolbok, jekk jien sibt ħniena quddiemek, urini t-triq tiegħek, biex nagħrfek, u nsib ħniena quddiemek: u qis li dal-poplu hu niesek.*"

- **Dewteronomju 4:6-8** – "*Ħarsuhom u agħmluhom; għax dan hu għerfkom u dehenkom quddiem il-ġnus, li jisimgħu dawn l-istatuti kollha, u jgħidu: Tassew, dal-ġens kbir hu poplu għaref u ta' dehen. Għax liema ġens hemm li hu hekk*

*kbir, li għandu lil Alla hekk qrib lejhom, bħalma l-Mulej, Alla tagħna, hu f'kulma nitolbuh? U liema ġens hemm, li hu hekk kbir, li għandu statuti u ordinanzi hekk tal-ħaqq, bħal din il-liġi kollha, li jien qiegħed inqiegħed quddiemkom il-lum?*"

- **2 Samwel 7:23** – "*U liema ġens hawn fuq l-art bħall-poplu tiegħek, bħal Iżrael, li mar Alla jifdih għalih innifsu bħala poplu, u biex jagħtih isem, u biex jagħmel ħwejjeġ kbar għalik, u ħwejjeġ tal-biża' għal artek, quddiem il-poplu tiegħek, li int fdejt għalik innifsek mill-Eġittu, mill-ġnus u l-allat tagħhom?*"

e. *Għalhek, Alla diġà wettaq il-wegħdiet Tiegħu lil Abraham*:

- **Ġożwè 21:45** – "***Ma baqa' xejn*** *mill-wegħdi ta' ġid li l-Mulej għamel lil dar iżrael* ***li ma seħħx****; KOLLOX SAR.*"
- **Ġożwè 23:14** – "*U, ara, jien sejjer illum fit-triq tad-dinja kollha; u intom għandkom tagħrfu f'qalbkom kollha u b'ruħkom kollha,* ***li ma baqa' <u>anqas kelma waħda li ma seħħitx</u> mill-ħwejjeġ it-tajbin kollha li wiegħed il-Mulej, Alla tagħkom, għalikom; kollox sarilkom, u ma baqa' anqas waħda minnhom li ma seħħitx***" (enfasi tiegħi).

- **1 Slaten 8:56** – *"Imbierek il-Mulej, li ta l-mistrieħ lill-poplu tiegħu Iżrael,* ***skond kulma wiegħed: Ma sfatx fix-xejn kelma waħda mill-wegħdiet kollha tiegħu*** *tajba, li wiegħed permezz ta' Mosè, il-qaddej tiegħu."*

14. *Il-profeziji li jikkonċernaw l-Isem il-Ġdid kienu wettqa:*

- **Isaija 56:5** – *"Nagħtihom f'dari, u ġewwa s-swar tiegħi, tifkira, u isem aħjar minn dak ta' wlied u bniet: nagħtihom isem għal dejjem, li ma jinqatax."*
- **Isaija 62:2** – *"U l-Ġentili jaraw is-sewwa tiegħek, u s-slaten kollha l-glorja tiegħek: u jsejħulek b'isem ġdid, li jagħżlu fomm il-Mulej."*
- **Isaija 65:15** – *"U tħallu isimkom bħala saħta għall-maħturin tiegħi. Hekk Sidi, il-Mulej, joqtlok! Iżda hu jsejjaħ il-qaddejja tiegħu b'isem ieħor:"*

Imwettqa:

- **Atti 11:26** – *"U meta sabu, ġiebu Antijokija, U ġara, illi damu sena sħiħa jinġemgħu flimkien mal-knisja, u għallmu ħafna nies. U f'Antijokija d-dixxipli kienu msejħin l-ewwel darba Kristjani."*

15. *Il-profeziji li jikkonċernaw is-saltna kienu mwettqa*:

   a. **2 Samwel 7:12-17** – "*U meta jintemmu jiemek, u torqod ma' missirijietek, inqajjem nislek warajk, li joħroġ minn ġewwienik, u newttaq is-saltna tiegħu. Hu jibni dar għal ismi, u jien inwettaq għal dejjem is-saltna tiegħu. Jien inkunlu missieru, u hu jkunli ibni. Jekk jagħmel il-ħażin, inwiddbu bil-ħatar tan-nies, u bid-daqqiet ta' wlied il-bnedmin: Imma l-ħniena tiegħi ma titwarrabx minnu, bħal ma warrabtha minn Sawl, li jien neħħejtu minn quddiemek. U darek u saltnatek idumu għal dejjem quddiemek: it-tron tiegħek ikun imwettaq għal dejjem. Natan kellem lil David, skond dal-kliem kollu, u skond did-dehra kollha.*"

      - **Atti 2:30-35** – "*Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien wiegħdu b'ħalfa, li mill-frott ta' ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem 'il Kristu biex joqgħod fuq it-tron tiegħu; Hu, billi ra minn qabel dan, tkellem fuq il-qawmien ta' Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir. Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħna lkoll xhud. Għalhekk billi kien imgħolli bil-leminija ta' Alla, u billi ħa mingħand il-Missier il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu, hu xerred dan, li intom qegħdin taraw u tisimgħu issa. Għax David ma talax fis-*

*smewwiet: iżda hu stess jgħid: Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fil-lemin tiegħi, Sa ma nagħmel l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġlejk.*"

- Kristu issa qiegħed isaltan.

b. **Danjel 2:44** – "*U fiż-żmien dawk is-slaten, iqajjem Alla tas-sema saltna, li qatt ma titwaqqa'; saltna li ma titħalliex għal poplu ieħor; iżda hi tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, u hi tibqa' għal dejjem.*"

- **Mark 1:14-15** – "*Issa wara li Ġwanni ntafa' l-ħabs, Ġesù ġie fil-Galilija, ixandar l-evanġelju tas-saltna ta' Alla. U jgħid: 'Għalaq iż-żmien, u s-saltna ta' Alla qorbot: indmu, u emmnu l-evanġelju.'*:
- **Mark 9:1** – "*U qalilhom: Tassew ngħidilkom: Hemm x'uħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna t'Alla ġejja bil-qawwa.*"
- **Atti 2:1-4** – "*U meta wasal jum il-Ħamsin, kienu kollha b'fehma waħda, f'post wieħed. U f'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha ta' fejn qegħdin. U hemm dehrulhomn ilsna mifruqin qishom tan-nar, li qagħdu fuq kull wieħed minnhom. U mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu, u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, kif l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.*"

- **Kolossin 1:13** – "*Li ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u* ***daħħalna*** *fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub.*"
- **Lhud 12:28** – "*Mela rroddu ħajr lil Alla għax aħna* ***ħadna*** *saltna li ma titħarrikx; u nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieh u bil-biża'.*"
- **Rivelazzjoni 1:9** – "*Jien Ġwanni, li jien ukoll ħukom, u seħibkom fit-tiġrib,* ***u fis-saltna*** *u fis-sabar ta' Ġesù Kristu, kont fil-gżira li jisimha Patmos, minħabba l-kelma t'Alla, u x-xhieda ta' Ġesù Kristu.*"
- Is-Saltna murija bħala li *hija* fl-eżistenza.

Mela, x'baqa'? Aħna neħtieġu li nirrispettaw il-Bibbja, u ħwejjeġ bħal dawn bħala r-reġistrar tat-twettiq tal-profeziji huwa prova tal-verità ta' l-Iskrittura mingħajr ebda dubju. Il-Bibbja hija ispirata minn Alla:

> "*L-Iskrittura kollha hi mogħtija b'ispirazzjoni minn Alla, u tiswa għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ħaqq: Biex il-bniedem t'Alla jkun perfett, imrawwam għal kull egħmil tajjeb*" (2 Timotju 3:16-17).

Għalhekk wieħed għandu joqgħod attent il-ħin kollu li ma jħalli lil ħadd iqarraq bih billi jgħidlu li għad hemm ċerti profeziji mit-Testment il-Qadim li għad iridu jkunu mwettqa fil-futur! It-tagħlim tal-premillenjalisti huwa tagħlim fatali u għandna nwarrbuh għalkollox!

## PROFEZIJI BIBLIĊI
## (It-Tlettax-il parti)

Li ġejjin huma sittin profezija fuq Ġesù Kristu mit-Testment il-Qadim; kollha kienu mwettqa fit-Testment il-Ġdid:


| Numru | | Paġna |
|---|---|---|
| 61. | Imwieled minn mara | 101 |
| 62. | Verġni tikkonċepixxi | 101 |
| 63. | Bin Alla | 102 |
| 64. | Bin Abraham | 107 |
| 65. | Bin Iżaak | 107 |
| 66. | Bin Ġakobb | 108 |
| 67. | Mit-tribù ta' Ġuda | 109 |
| 68. | Toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessi | 109 |
| 69. | Bin David | 110 |
| 70. | Imwieled f'Betlehem | 112 |
| 71. | Rigali jkunu ppreżentati Lilu | 113 |
| 72. | Il-massakru tas-subjien kollha ta' sentejn u taħt f'Betlehem u fl-inħawi tagħha | 114 |
| 73. | Il-ħarba lejn l-Eġittu | 114 |
| 74. | Il-preżenza eterna ta' Kristu sa minn qabel is-sisien tad-dinja u minn dejjem ta' dejjem | 115 |
| 75. | Ikun imsejjaħ Mulej | 116 |
| 76. | Huma jsejħu Ismu Għimmanu-El (Alla magħna) | 118 |
| 77. | Ikun profeta | 118 |
| 78. | Qassis għal dejjem | 119 |
| 79. | Jiġġudika | 120 |

| Numru | | Paġna |
|---|---|---|
| 80. | Ikun Sultan | 121 |
| 81. | L-Ispirtu tal-Mulej joqgħod fuqu | 123 |
| 82. | Il-ħeġġa ta' darek kilitni | 125 |
| 83. | Messaġġier għandu jipprepara t-triq qablu (Ġwanni l-Battista) | 126 |
| 84. | Għandu jibda l-ministeru pubbliku Tiegħu fil-Galilija | 127 |
| 85. | Il-mirakli Tiegħu | 128 |
| 86. | Għandu jgħallem bil-parabboli | 130 |
| 87. | Minnufih jiġi fit-tempju Tiegħu | 130 |
| 88. | Id-dħul Tiegħu fil-belt riekeb fuq ħmar | 131 |
| 89. | Ġebla ta' tfixkil għal Iżrael | 133 |
| 90. | Id-dawl tad-dinja | 134 |
| 91. | Ħabib jitradixxih | 135 |
| 92. | Is-servizz tar-Ragħaj it-Tajjeb…għal tletin biċċa tal-fidda | 136 |
| 93. | Il-flus ikunu mitfuha fit-teżorerija tat-tempju | 137 |
| 94. | Il-flus ikunu wżati biex tinxtara għalqa tal-fuħħari | 138 |
| 95. | Id-dixxipli Tiegħu jabbandunawh u Jaħarbu | 138 |
| 96. | Xhieda foloz jixhdu Kontrih | 139 |
| 97. | Hu ssottometta u ma fetaħx fommu | 140 |
| 98. | Hu kien miġruħ għal-ħtijietna, misħuq għal dnubietna | 141 |
| 99. | Huma jobżqulu fuq wiċċu u jsawwtuh | 142 |
| 100. | Huma jiddieħku bih | 143 |
| 101. | Huma jniffdulu jdeh u riġlejh | 143 |

| Numru | | Paġna |
|---|---|---|
| 102. | Hu kien magħdud mal-midinbin | 145 |
| 103. | Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu | 145 |
| 104. | Imkeċċi u mwarrab mill-ġens Tiegħu | 145 |
| 105. | Huma kienu jobogħduh mingħajr kawża | 146 |
| 106. | Il-maħbubin Tiegħu baqgħu 'l bogħod | 147 |
| 107. | Niex iċaqalqu rashom | 148 |
| 108. | Nies iħarsu u jiċċassaw Lejh | 148 |
| 109. | huma qasmu ħswejġu fosthom, u għal libsa Tiegħu tefgħu x-xorti | 149 |
| 110. | Meta kont bil-għatx, huma tawni ħall biex nixrob | 150 |
| 111. | Hu għajjat…Alla Tiegħi, għaliex abbandunajti | 151 |
| 112. | F'idejh nerħi l-ispirtu Tiegħi | 151 |
| 113. | Ebda waħda mill-għadam Tiegħu ma kienet miksura | 152 |
| 114. | Ġenbu mniffed | 152 |
| 115. | Dlam fuq l-art kollha | 152 |
| 116. | Ma' l-għonja fil-mewt tiegħu | 153 |
| 117. | Il-qawmien Tiegħu mill-mewt fit-tielet jum | 155 |
| 118. | It-tlugħ Tiegħu fis-sema | 158 |
| 119. | Hu qagħad fuq il-leminija tal-Missier | 158 |
| 120. | Qirda ta' Ġerusalem u t-tempju fis-sena 70 W.K. | 159 |

## PROFEZIJI BIBLIĊI

1. **Imwieled minn mara**

   **Testment il-Qadim:**

   - **Ġenesi 3:15** – "*U nqiegħed mibegħda bejnek u l-mara, u bejn nislek u nisilha: hu jisħaqlek rasek, u int tisħaqlu għarqubu.*"

   **Testment il-Ġdid:**

   - **Galatin 4:4-5** – "*Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat 'l Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-liġi, Biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, u biex insiru wlied adottivi.*"

2. **Verġni tikonċepixxi**

   **Testment il-Qadim:**

   - **Isaija 7:14** – "*Għalhekk is-Sid, hu nnifsu, jagħtikom sinjal; Ara xebba titqal, u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-El.*"

   **Testment il-Ġdid:**

   - **Mattew 1:18** – "*Issa t-twelid ta' Ġesù Kristu kien hekk: meta ommu Marija tgħarrset lil Ġużeppi, qabel ma marru flimkien instabet tqila mill-Ispirtu s-Santu.*"
   - **Mattew 1:22-25** – "*Issa dan kollu ġara, biex iseħħ dak li ngħad mill-Mulej bil-profeta, li jgħid: Ara, xebba titqal, u tiled iben, u jsemmuh Għimmanu-El, li jfisser: Alla magħna. Imbagħad wara li Ġużeppi qam mill-irqad tiegħu għamel bħal ma qallu l-anġlu tal-Mulej, u ħa miegħu 'l*

*martu: U baqa' ma għarafhiex sama wildet iben: u semmieh ĠESÙ.*"

- **Luqa 1:34-35** – "*U mbagħad Marija qalet lill anġlu: Kif ikun dan, la jien ma nagħrafx raġel? U wieġeb l-anġlu, u qalilha: L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tgħattik: għalhekk ukoll dik il-ħaġa qaddisa li titwieled minnek tissejjaħ Bin Alla.*"

3. **Bin Alla**

   **Testment il-Qadim:**

- **Salm 2:7** – "*Id-degriet tal-Mulej ngħarraf: il-Mulej qalli: Int Ibni: illum nissiltek.*"

- **2 Samwel 7:12-16** – "*U meta jintemmu jiemek, u torqod ma' missirijietek, inqajjem nislek warajk, li joħroġ minn ġewwienik, u nwettaq is-saltna tiegħu. Hu jibni dar għal ismi, u jien inwettaq għal dejjem is-saltna tiegħu. Jien inkunlu missieru, u hu jkunli ibni. Jekk jagħmel il-ħażin, inwiddbu bil-ħatar tan-nies, u bid-daqqiet ta' wlied il-bnedmin: Imma l-ħniena tiegħi ma titwarrabx minnu, bħal ma warrabtha minn Sawl, li jien neħħejtu minn quddiemek. U darek u saltnatek idumu għal dejjem quddiemek; it-tron tiegħek ikun imwettaq għal dejjem.*"

- **1 Kronaki 17:11-14** – "*U jiġri, meta jintemmu jiemek biex tmur ma' missirijietek,*

*illi nqajjem wieħed minn nislek warajk, li jkun minn uliedek, u nwettaq is-saltna tiegħu. Hu jibnili dar, u jien inwettaq it-tron tiegħu għal dejjem. Jien inkun missieru, u hu jkun ibni: u ma nwarrabx il-ħniena tiegħi minn miegħu, bħal ma warrabtha minn ma' dak li kien qablek. Inwettqu f'dari, u f'saltnati għal dejjem: u t-tron tiegħu jżomm sħiħ għal dejjem.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 3:17** – "*U, ara, leħen mis-smewwiet għid: Dan hu Ibni l-maħbub, li bih nitgħaxxaq.*"
- **Mattew 8:29** – "*U, ara, huma għajtu, jgħidu: X'għandna naqsmu miegħek, Ġesù Bin Alla? Ġejt hawn biex taħqarna qabel iż-żmien?*"
- **Mattew 14:33** – "*Imbagħad dawk li kienu fid-dgħajsa ġew u tawh qima, billi qalu: Tassew, int l-Iben t'Alla.*"
- **Mattew 16:16** – "*U Xmun Pietru wieġeb u qal: Inti l-Kristu, Bin Alla l-ħaj.*"
- **Mattew 26:63** – "*Iżda Ġesù baqa' sieket. U l-qassis il-kbir wieġeb u qallu: Nitolbok għal Alla l-ħaj, li tgħidilna jekk intix il-Kristu, l-Iben t'Alla.*"
- **Mattew 27:54** – "*Issa kif iċ-ċenturjun, u dawk li kienu miegħu jgħassu 'l Ġesù, raw*

*it-theżhiż ta' l-art, u l-ħwejjeġ li kienu ġraw, beżgħu wisq, u qalu: Tassew dan kien l-Iben t'Alla.*"

- **Mark 3:11** – "*U l-ispirti mniġġsa, meta rawh, xteħtu quddiemu, u għajtu, jgħidulu: Int l-Iben t'Alla.*"
- **Mark 5:7** – "*U għajjat b'leħen għoli, u qal: X'għandi x'naqsam miegħek, Ġesù, Bin Alla l-ogħla? Nitolbok għal Alla, la taħqarnix.*"
- **Mark 9:7** – "*U kien hemm sħaba li għattiethom: u ġie leħen mis-sħaba jgħid: Dan hu Ibni l-għażiż: Isimgħuh.*"
- **Mark 15:39** – "*U kif iċ-ċenturjun, li kien qiegħed quddiemu, ra li kien għajjat hekk, u radd ruħu, qal: Tassew dar-raġel kien Bin Alla.*"
- **Luqa 1:32** – "*Hu jkun kbir, u jissemma Bin il-Għoli: u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' missieru David.*"
- **Luqa 1:35** – "*U wieġeb l-anġlu, u qalilha: L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tgħattik: għalhekk ukoll dik il-ħaġa qaddisa li titwieled minnek tissejjaħ Bin Alla.*"
- **Luqa 4:41** – "*U ħarġu wkoll xjaten minn ħafna, igħajtu, u jgħidu: Int Kristu l-Iben t'Alla. U hu ċanfarhom, ma ħalliehomx*

*jitkellmu: għax huma kienu jafu li hu Kristu.*"

- **Luqa 8:28** – "*Malli ra 'l Ġesù, għajjat, u xteħet quddiemu, u qal; b'leħen qawwi: X'hemm bejni u bejnek, Ġesù Bin Alla l-Għoli? Nitolbok illi ma taħqarnix.*"
- **Luqa 9:35** – "*U ġie leħen mis-sħaba jgħid: Dan hu Ibni l-għażiż: lilu isimgħu.*"
- **Luqa 22:70** – "*Imbagħad qalu lkoll: Mela int l-Iben t'Alla? U qalilhom: Intom qegħdin tgħidu, li jien.*"
- **Ġwanni 1:34** – "*U rajt, u tajt xhieda li dan hu l-Iben t'Alla.*"
- **Ġwanni 1:49** – "*Wieġeb Natanael, u qallu: Rabbi, int l-Iben t'Alla: int is-Sultan ta' Iżrael.*"
- **Ġwanni 6:69** – "*U aħna nemmnu u żguri li int dak il-Kristu, Bin Alla l-ħaj.*"
- **Ġwanni 11:27** – "*Qaltlu: Iva, Mulej: jien nemmen li int il-Kristu, Bin Alla, li għandu jiġi fid-dinja.*"
- **Atti 8:37** – "*U Filippu qal: Jekk temmen b'qalbek kollha, tista'. U wieġeb, u qal: Nemmen li Ġesù Kristu hu Bin Alla.*"
- **Atti 13:30-33** – "*Imma Alla qajmu mill-imwiet: U deher għal ħafna jiem lil dawk li telgħu miegħu mill-Galilija għal Ġerusalem, li huma xhieda tiegħu quddiem il-*

*poplu. U aħna nħabbrulkom aħbar tal-ferħ, kif il-wegħda magħmula lil missirijietna, Alla, wettaqha magħna wliedhom, billi raġa' qajjem 'il Ġesù; bħalma hu miktub fit-tieni salm: Int ibni, illum nissiltek.*"

- **Rumani 1:3-4** – "*Fuq Ibnu Ġesù Kristu Sidna, li ġej min-nisel ta' David skond il-ġisem; U li skond l-ispirtu tal-qdusija, kien iddikjarat Bin Alla bis-setgħa, bil-qawmien mill-imwiet.*"
- **Lhud 1:2-6** – "*F'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet; Hu li hu d-dija tal-glorja tiegħu, u x-xbieha perfetta tal-persuna tiegħu, u li jżomm il-ħwejjeġ kollha bil-kelma tas-setgħa tiegħu, wara li bih innifsu naddaf dnubietna, qagħad bil-qiegħda fuq il-lemin tal-Maestà fl-ogħla tas-smewwiet; U sar ħafna aħjar mill-anġli, billi b'wirt kiseb isem bil-wisq iżjed ogħla minnhom. Għax lil min mill-anġli xi darba qal: Int Ibni, illum jien nissiltek? U jerġa': Inkunlu Missier, u hu jkunli Iben? U raġa', meta ġieb l-iben il-kbir fid-dinja, qal: Ħa jqimuh l-anġli kollha t'Alla.*"

4. **Bin Abraham**

   **Testment il-Qadim:**

- **Ġenesi 12:2-3** – "*U nagħmel minnek ġens kbir, u nbierkek, u nkabbar ismek; u int tkun barka: U nbierek lil min ibierkek, u lil min jisħtek, nisħtu: u jitbierku bik il-familji kollha ta' l-art.*"
- **Ġenesi 22:18** – "*U jitbierku f'nislek il-ġnus kollha ta' l-art; għax int smajt leħni.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 1:1** – "*Il-ktieb tan-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham.*"
- **Galatin 3:16** – "*Issa 'l Abraham u lil nislu saru l-wegħdi. Ma jgħidx: U lin-nislijiet, bħallikieku kienu ħafna; imma għal wieħed: U lil nislek, li hu Kristu.*"

5. **Bin Iżakk**

**Testment il-Qadim:**

- **Ġenesi 21:12** – "*U Alla qal lil Abraham: La tagħlix minħabba t-tifel, u minħabba l-qaddejja tiegħek: f'dak kollu li qaltlek Sara, isma' kliemha; għax b'Iżakk jissemma nislek.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 1:2** – "*Abraham nissel lil Iżakk; u Iżakk nissel lil Ġakobb; u Ġakobb nissel lil Ġuda u lil ħutu.*"
- **Luqa 3:34** – "*Li kien bin Ġakobb, li kien bin Iżakk, li kien bin Abraham, li kien bin Teraħ, li kien bin Naħor.*"

6. **Bin Ġakobb**

**Testment il-Qadin:**

- **Ġenesi 35:10-11** – "*U Alla qallu: Jismek Ġakobb: m'għandux jibqa' jissejjaħ iżjed isemek Ġakobb, iżda Iżrael ikun ismek: u semmieh Iżrael. U Alla qallu: Jien Alla li nista' kollox: Għammel u oktor; ġens, anzi ġemgħa ta' ġnus issir minnek, u slaten joħorġu minn ġenbejk.*"
- **Numri 24:17** – "*Narah, imma mhux issa: inħares lejh, imma mhux qrib: titla' Kew-kba minn Ġakobb, u jqum Xettru minn Iżrael, u jkisser ġnub Mowab, u jeqred l-ulied kollha ta' Set.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 1:2** – "*Abraham nissel lil Iżakk; u Iżakk nissel lil Ġakobb; u Ġakobb nissel lil Ġuda u lil ħutu.*"
- **Luqa 1:33** – "*U jsaltan għal dejjem fuq id-dar ta' Ġakobb; u għal saltnatu ma jkunx hemm tmiem.*"
- **Luqa 3:34** – "*Li kien bin Ġakobb, li kien bin Iżakk, li kien bin Abraham, li kien bin Teraħ, li kien bin Naħor.*"

7. **Mit-tribù ta' Ġuda**

**Testment il-Qadim:**

- **Ġenesi 49:10** – "*Ma jitneħħiex ix-xettru minn Ġuda, u lanqas il-bastun tal-kmand minn bejn riġlejh, sakemm jiġi ta' min hu; u minnu jisimgħu l-popli.*"
- **Mikea 5:2** – "*Iżda int, Betlehem ta' Efrata, għalkemm l-iżgħar fost l-eluf ta' Ġuda, minnek joħroġli wieħed li jkun jaħkem fuq Iżrael; li nislu jkun mill-qedem, mill-jiem ta' dejjem.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 1:2** – "*Abraham nissel lil Iżakk; u Iżakk nissel lil Ġakobb; u Ġakobb nissel lil Ġuda u lil ħutu.*"
- **Luqa 3:33** – "*Li kien bin Għamminadab, li kien bin Aram, li kien bin Ħesrom, li kien bin Fares, li kien bin Ġuda.*"
- **Lhud 7:14** – "*Jidher ċar li Sidna ħareġ minn Ġuda; u fuq dan it-tribù Mosè ma qal xejn dwar is-saċerdozju.*"

8. **Toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessi**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 11:1** – "*Imbagħad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessi, u Rimja minn għeruqu tinbet:*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 1:6** – "*U Ġessi nissel lil David is-sultan; u David nissel lil Salamun minn dik li kienet il-mara ta' Urija;*"

- **Luqa 3:32** – "*Li kien bin Ġessi, li kien bin Għobed, li kien bin Bogħaż, li kien bin Salmon, li kien bin Naħson,*"

9. **Bin David**

**Testment il-Qadim:**

- **Ġeremija 23:5** – "*Ara, jiġu jiem, jgħid il-Mulej, li nissel lil David Rimja ġusta, u sultan isaltan u jimxi bil-għaqal, u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa fuq l-art.*"
- **2 Samwel 7:16-17** – "*U darek u saltnatek idumu għal dejjem quddiemek: it-tron tiegħek ikun imwettaq għal dejjem. Natan kellem lil David, skond dal-kliem kollu, u skond did-dehra kollha.*"
- **Salm 132:11** – "*Il-Mulej ħalef fis-sewwa lil David; hu ma jarġax lura mill-ħalfa tiegħu: mill-frott ta' ġismek inqiegħed fuq it-tron tiegħek.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 1:1** – "*Il-ktieb tan-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham.*"
- **Mattew 9:27** – "*U meta Ġesù telaq min hemm, żewġt irġiel għomja marru warajh, jgħajtu, u jgħidu: O Bin David, ikollok ħniena minna.*"
- **Mattew 15:22** – "*U, ara, mara Kangħanija ħarġet minn dawk l-istess naħiet, u għajtet, tgħid: Ikollok ħniena minni, o*

*Mulej, bin David; binti hija maħqura bl-eħrex minn xitan.*"

- **Mattew 20:30-31** – "*U, ara, żewġt irġiel għomja li kienu bil-qiegħda fil-ġenb tat-triq, kif semgħu li Ġesù kien għaddej, għajtu, billi qalu: O Mulej, bin David, ħenn għalina. U l-ġemgħa tan-nies ċanfrit-hom, biex jisktu. Iżda huma bdew jgħajtu aktar, billi qalu: Ħenn għalina O Mulej, Bin Dvid.*"
- **Luqa 3:31** – "*Li kien bin Melja, li kien bin Menan, li kien bin Mattata, li kien bin Natan, li kien bin David.*"
- **Luqa 18:38-39** – "*U għajjat, qal: Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni. U dawk li kienu mexjin quddiem ċanfruh, biex jiskot; iżda hu għajjat wisq aktar qawwi: O Bin David, ikollok ħniena minni.*"
- **Atti 13:22-23** – "*U meta neħħieh, qajmil-hom 'il David biex ikun is-sultan tagħ-hom, li għalih xehed ukoll, u qal: Sibt 'il David bin Ġessi, raġel għal qalbi, li jwett-aq ir-rieda kollha tiegħi. Min-nisel ta' dal-bniedem, Alla skond il-wegħda tiegħu, ħareġ għal Iżrael Salvatur, Ġesù:*"
- **Rivelazzjoni 22:16** – "*Jien Ġesù bgħatt l-anġlu tiegħi biex jixhdilkom dawn il-ħwejjeġ fil-knejjes. Jien ir-rimja u n-nisel ta' David, u l-kewkba tiddi tas-sebħ.*"

10. **Imwieled f'Betlehem**

**Testment il-Qadim:**

- **Mikea 5:2** – *"Inġama' issa fi qtajja, o bint il-qtajja! Issa qiegħed jassedjana: huma jidorbu b'virga ħaddejn l-imħallef ta' Iżrael."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 2:1** – *"Issa meta Ġesù twieled f'Betlehem tal-Lhudija fi żmien is-sultan Erodi, ara, maġi mill-lvant ġew Ġerusalem."*
- **Mattew 2:4-8** –*"U wara li laqqa' flimkien il-qassisin il-kbar kollha u l-iskribi tal-poplu, staqsiehom fejn kellu jitwieled Kristu. U huma qalulu: F'Betlehem tal-Lhudija: għax hekk inkiteb mill-profeta; U int Betlehem, art ta' Ġuda, mintix l-iżgħar fost l-ibliet ewlenin ta' Ġuda: għax minnek joħroġ Mexxej, li jmexxi l-poplu tiegħi ta' Iżrael. Imbagħad Erodi, wara li sejjaħ bil-moħbi lill-maġi, tkixxef bir-reqqa minnhom iż-żmien meta dehret il-kewkba. U bagħathom Betlehem, u qal: Morru fittxu tajjeb it-tarbija; u meta ssibuh, erġgħu għiduli, biex nigi u nagħtih qima wkoll."*
- **Luqa 2:4-7** – *"U tala' Ġużeppi wkoll mill-Galilija, mill-belt ta' Nażaret, fil-Lhudija, fil-belt ta' David, li jismha Betlehem; (billi hu kien mid-dar u mill-fam-*

*ilja ta' David:) Biex jinkiteb ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. U ġara, meta kienu hemm, li għalqilha ż-żmien biex teħles. U wildet l-ewwel tifel tagħha, u fisqietu, u medditu f'maxtura; għax ma kienx hemm wisa' għalihom fil-lukanda. U kien hemm fl-istess naħa xi ragħajja qegħdin fl-egħlieqi, igħassu bil-lejl l-imrieħel tagħhom.*"

- **Ġwanni 7:42** – "*Ma qalitx l-iskrittura: Illi Kristu jiġi min-nisel ta' David, u mir-raħal ta' Betlehem, fejn kien David?*"

11. **Rigali jkunu pprezentati lilu**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 72:10-11** – "*Is-slaten ta' Tarsis u tal-gżejjer iġibulu rigali: is-slaten ta' Xeba' u Seba jagħtuh għotjiet. Iva, is-slaten kollha jqimuh: il-ġnus kollha jaqduh.*"
- **Isaija 60:6** – "*Il-kotra ta' l-iġmla tgħattik, l-iġmla żgħar ta' Midian u Għefa; kollha jiġu minn Xeba': iġibu deheb u nċens; u jxandru t-tifħir tal-Mulej.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 2:11** – "*U meta daħlu d-dar, raw it-tarbija m'ommu Marija; u xteħtu fl-art, u tawh qima: imbagħad fetħu t-teżori tagħhom, u tawh għotjiet; deheb, lubien, u mirra.*"

12. **Il-massakru tas-subjien kollha ta' sentejn u taħt f'Betlehem u fl-inħawi tagħha**

**Testment il-Qadim:**

- **Ġeremija 31:15** – "*Hekk jgħid il-Mulej: Instama' leħen f'Rama, tinwiħ, u biki ta' mrar; Raħel tibki lil uliedha, u tistabar ma tridx, għax m'għandhomx.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 2:16-18** – "*Imbagħad Erodi, meta ra li l-maġi daħku bih, saħan bis-sħiħ, u bagħat joqtol lis-subjien kollha minn sentejn l-isfel, li kienu f'Betlehem, u fl-inħawi tagħha kollha, skond iż-żmien li b'għaqal sar jaf mill-maġi. Imbagħad seħħ dak li ntqal minn Ġeremija l-profeta, li jgħid: Instama' leħen f'Rama, tinwiħ, u biki, u xir kbir; Rakel tibki lil uliedha, u tistabar ma tridx, għax m'għandhomx iżjed.*"

13. **Il-ħarba lejn l-Eġittu**

**Testment il-Qadim:**

- **Hosegħa 11:1** – "*Meta Iżrael kien tifel, jien ħabbejtu, u mill-Eġittu sejjaħt lil ibni.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 2:13-15** – "*U meta telqu, ara, l-anġlu tal-Mulej deher 'il Ġużeppi f'ħolma, jgħid: Qum, u ħu t-tarbija u 'l ommu, u aħrab għall-Eġittu, u oqgħod hemm sama*

*ngħidlek: għax Erodi jfittex it-tarbija biex jeqirdu. X'ħin qam, ħa bil-lejl it-tarbija u lil ommu, u telaq lejn l-Eġittu. U baqa' hemm sal-mewt ta' Erodi: biex iseħħ dak li ntqal mill-Mulej bil-profeta, li jgħid: Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni.*"

14. **Il-preżenza eterna ta' Kristu sa minn qabel is-sisien tad-dinja u minn dejjem ta' dejjem**

**Testment il-Qadim:**

- **Mikea 5:2** – "*Iżda int, Betlehem ta' Efrata għalkemm l-iżgħar fost l-eluf ta' Ġuda, minnek joħroġli wieħed li jkun jaħkem fuq Iżrael; li nislu jkun mill-qedem, mill-jiem ta' dejjem.*"
- **Proverbji 8:22-23** – "*Għand il-Mulej jien kont fil-bidu ta' l-atti tiegħu, qabel l-opri tiegħu, sa mill-qedem. Jien kont imwaqqaf sa minn dejjem, sa mill-bidu, minn ewl id-dinja.*"
- **Isaija 9:6-7** – "*Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jissemma ismu Kunsillier tal-Għaġeb, Alla qawwi, Missier għal dejjem, il-Prinċep tal-Paċi. Mill-kobor tas-setgħa u s-sliem tiegħu ma jkunx hemm tmiem, fuq it-tron ta' David, u fuq saltnatu, biex iwaqqafha, u jwettaqha bil-ħaqq u bis-sewwa, minn issa u għal dejjem. Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Ġwanni 1:1-2** – "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla. Din kienet fil-bidu ma' Alla.*"
- **Ġwanni 8:58** – "*Qalilhom Ġesù: Tassew, tassew, ngħidilkom: Qabel ma kien Abraham, jien hu.*"
- **Ġwanni 17:5** – "*U issa, o Missier, igglorifikani int bik innifsek stess, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja.*"
- **Ġwanni 17:24** – "*Missier, irrid illi dawk ukoll, li inti tajtni, ikunu miegħi fejn inkun jien; biex jaraw il-glorja tiegħi, li inti tajtni: għax ħabbejtni qabel tisjis id-dinja.*"
- **Kolossin 1:17** – "*U hu qabel il-ħwejjeġ kollha, u bih il-ħwejjeġ kollha huma miżmumin flimkien.*" (Ara minn paġna 78, dwar il-kelma Griega għal "kollha").

15. **Ikun imsejjaħ Mulej**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 110:1** – "*Il-Mulej jgħid lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sama nqiegħed l-egħdewwa tiegħek mirfes taħt riġlejk.*"
- **Ġeremija 23:6** – "*Fi żmienu, Ġuda jkun salvat, u Iżrael igħammar fis-sigurtà; u dan hu l-isem li bih isejħulu: Il-Mulej il-Ħaqq Tagħna.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 22:43-46** – "*Qalilhom: Kif mela David fl-ispirtu jsejjaħlu Sidu, billi jgħid: U l-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fil-lemin tiegħi, sa ma nqiegħed l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġeljk? Jekk mela David isejjaħlu Sidu, kif inhu ibnu? U ħadd ma sata' jwieġbu kelma, lanqas ħadd ma kellu ħila minn dak in-nhar 'il quddiem jistaqsih xejn iżjed.*"
- **Mark 12:36-37** – "*Għax David innifsu jgħid bl-Ispirtu s-Santu: Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sama nqiegħed l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġlejk. Mela David innifsu sejjaħlu sidu; u mnejn mela hu ibnu? U l-ġemgħa tan-nies ħadet pjaċir tisimgħu.*"
- **Luqa 2:11** – "*Għax tweldilkom illum fil-belt ta' David, Salvatur, li hu Kristu l-Mulej.*"
- **Luqa 20:41-44** – "*Imbagħad qalilhom: Kif jgħidu li Kristu hu bin David? U David innifsu jgħid fil-ktieb tas-salmi: Qal il-Mulej lil Sidi: Oqgħod f'lemini, Sa ma nqiegħed l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġlejk. David mela jsejjaħlu Sidu, kif inhu ibnu?*"
- **Atti 2:34-36** – "*Għax David ma talax fis-smewwiet: iżda hu stess jgħid: Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fil-lemin tiegħi, Sa*

*ma nagħmel l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġlejk. Mela ħa tkun taf fi żgur id-dar kollha ta' Iżrael, li Alla għamel lil dan stess Ġesù, li intom sallabtu, sew Mulej u kemm Kristu.*"

16. **Huma jsejħu Ismu Għimmanu-El (Alla magħna)**

    **Testment il-Qadim:**

    - **Isaija 7:14** – "*Għalhekk is-Sid, hu nnifsu, jagħtikom sinjal; Ara, xebba titqal, u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-El.*"

    **Testment il-Ġdid:**

    - **Mattew 1:23** – "*Ara, xebba titqal, u tiled iben, u jsemmuh Għimmanu-El, li jfisser: Alla magħna.*"
    - **Luqa 7:16** – "*U qabadhom il-biża' lkoll: u bdew jigglorifikaw 'l Alla, billi jgħidu: Deher fostna profeta kbir; u* ***Alla żar lill-poplu tiegħu****.*"

17. **Ikun profeta**

    **Testment il-Qadim:**

    - **Dewteronomju 18:18** – "*Inqajmilhom Profeta minn fost ħutkom, bħalek, u nqiegħed kliemi f'fommu; u jgħidilhom dak kollu li nordanlu.*"

    **Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 21:11** – "*U l-ġemgħa tan-nies qalet: Dan hu Ġesù l-profeta minn Nażaret tal-Galilija.*"
- **Luqa 7:16** – "*U qabadhom il-biża' lkoll: u bdew jigglorifikaw 'l Alla, billi jgħidu: Deher fostna profeta kbir; u Alla żar lill-poplu tiegħu.*"
- **Ġwanni 4:19** – "*Qaltlu l-mara: Sinjur, nara li inti profeta.*"
- **Ġwanni 6:14** – "*Imbagħad dawk in-nies, xħin raw il-miraklu li kien għamel Ġesù, qalu: Dan hu tassew il-profeta li għandu jiġi fid-dinja.*"
- **Ġwanni 7:40** – "*Għalhekk minn nies, meta semgħu dal-kliem, qalu: Tassew dan hu l-Profeta.*"

18. **Qassis għal dejjem**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 110:4** – "*Ħalef Alla, u ma jisgħobx bih: int qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek.*"
- **Żakkarija 6:12-13** – "*Imbagħad kellmu, għidlu: Hekk jgħid il-Mulej ta' l-eżerċti: Ara, hawn hu r-raġel li jismu RIMJA, mill-post fejn qiegħed hu għad jinbet u jibni t-tempju tal-Mulej: Iva, ikun hu li jibni t-tempju tal-Mulej, u fuqu jkollu l-ġieħ, u joqgħod u jsaltan fuq it-tron tie-*

*għu: u hu jkun qassis fuq it-tron tiegħu, u ftehim ta' sliem ikun hemm bejniethom it-tnejn."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Lhud 3:1** – "*Għalhekk, ħuti qaddisa, int-om li għandkom sehem fis-sejħa tas-sema, aħsbu fuq l-Appostlu u l-Qassis il-Kbir ta' l-istqarrija tal-fidi tagħna, Kristu Ġesù.*"
- **Lhud 5:5-6** – "*Hekk ukoll Kristu ma igg-lorifikax lilu nnifsu biex isir qassis il-kbir; imma dak li qallu: Int ibni, illum nissiltek. Bħal ma qal band'oħra: Inti qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek.*"
- **Lhud 7:15-16** – "*U dan hu wisq aktar ċar: għax laħaq qassis ieħor li jixbah lil Melki-sedek, Li sar, mhux skond il-liġi ta' kman-damenti tal-ġisem, imma skond is-setgħa ta' ħajja bla tmiem.*"

19. **Jiġġudika**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 11:1-5** – "*Imbagħad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessi, u Rimja minn għeruqu tinbet: U l-Ispirtu tal-Mulej joqgħod fuqu, l-ispirtu tal-għerf u tad-dehen, l-ispirtu tal-fehma u tal-qawwa, l-ispirtu tal-għarfa u tal-biża tal-Mulej. U l-għaxqa tiegħu tkun fil-biża' tal-Mulej: ma jaqtax il-ħaqq fuq li jaraw għajnejh, u lanqas iwiddeb fuq li ji-simgħu widnejh: Iżda bis-sewwa jagħmel*

*ħaqq lill-fqar, u jwiddeb kif jixraq għall-imsejknin ta' l-art: u jidrob l-art bil-ħatar ta' fommu, u b'nifs xofftejh joqtol il-ħażin. U l-ħaqq ikun il-ħżiem ta' ġenbejh, u l-fedeltà l-ħżiem ta' qaddtu.*"

- **Isaija 32:1** – "*Ara, sultan isaltan bil-ħaqq, u l-prinċpijiet jaħkmu bis-sewwa.*"
- **Isaija 33:22** – "*Għax il-Mulej l-imħallef tagħna, il-Mulej jagħtina l-liġijiet, il-Mulej is-sultan tagħna; hu jsalvana.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Ġwanni 5:30** – "*Xejn ma nista' nagħmel minni nnifsi: kif nisma', nagħmel ħaqq: u l-ħaqq tiegħi hu ġust; għax ma nfittixx ir-rieda tiegħi, iżda r-rieda tal-Missier li bagħatni.*"
- **2 Timotju 4:1** – "*Nitolbok mela quddiem Alla, u sidna Ġesù Kristu, li jagħmel ħaqq mill-ħajjn u mill-mejtin fid-dehra tiegħu, fis-saltna tiegħu.*"

**20. Ikun sultan**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 2:6** – "*Madankollu jien qegħidt is-sultan tiegħi fuq Sijon, il-għolja mqaddsa tiegħi.*"
- **Ġeremija 23:5** – "*Ara, jiġu l-jiem, jgħid il-Mulej, li nissel lil David Rimja ġusta, u*

*Sultan isaltan u jimxi bil-għaqal, u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa fuq l-art.*"

- **Żakkarija 9:9** – "*Ifraħ ħafna, o bint Sijon, għajjat bil-ferħ, o bint Ġerusalem! Ara, is-sultan tiegħek ġej lejk; hu ġust, u vittorjuż, umli u riekeb fuq ħmar, fuq felu ta' ħmara.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 21:4-5** – "*Dan kollu sar biex iseħħ dak li ntqal mill-profeta, li jgħid: Għidu lil bint Sijon: Ara, is-Sultan tiegħek jiġi għandek, ġwejjed, u riekeb fuq ħmara, u felu bin ħmara.*"
- **Mattew 27:37** – "*U qegħdulu miktuba fuq rasu l-ħtija tiegħu: DAN HU ĠESÙ SULTAN IL-LHUD.*"
- **Ġwanni 18:33-37** – "*Imbagħad Pilatu raġa' daħal fil-pretorju, u sejjaħ 'il Ġesù, u qallu: Int is-sultan tal-Lhud? Wieġbu Ġesù: Qiegħed tgħid dan minnek innifsek, jew oħrajn qaluhulek fuqi? Wieġeb Pilatu: Mela jiena Lhudi? Ġensek stess u l-qassisin il-kbar tawk f'idejja: x'għamilt? Wieġeb Ġesù: Is-saltna tiegħi mhix ta' did-dinja: kieku ta' did-dinja kienet is-saltna tiegħi, il-qaddejja tiegħi kienu jissieltu, biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud: imma issa s-saltna tiegħi mhix ta' hawn. Għalhekk qallu Pilatu: Mela int sultan? Ġesù*

*wieġeb: Int tgħid li jien sultan. Jien twelidt għalhekk, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed lis-sewwa. Kull min hu missewwa jisma' leħni.*"

- **Ġwanni 19:19** – "*U kiteb Pilatu titlu, u qiegħdu fuq is-salib. U t-tiltu kien: ĠESÙ TA' NAŻARET, SULTAN IL-LHUD.*"

## 21. L-Ispirtu tal-Mulej joqgħod fuqu

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 11:2** – "*U l-Ispirtu tal-Mulej joqgħod fuqu, l-ispirtu tal-għerf u tad-dehen, l-ispirtu tal-fehma u tal-qawwa, l-ispirtu tal-għarfa u tal-biża' tal-Mulej.*"
- **Isaija 42:1** – "*Ara l-qaddej tiegħi, li jien inwieżnu; il-maħtur tiegħi, li fih ruħi titgħaxxaq; qegħidt l-ispirtu tiegħi fuqu: hu jxandar il-ħaqq lill-Ġentili.*"
- **Isaija 61:1-3** – "*L-Ispirtu ta' Sidi, il-Mulej, fuqi, għaliex il-Mulej dilikni biex inxandar l-evanġelju lill-umli; bagħatni biex indewwi lil dawk ta' qalbhom muġugħa, biex inniedi l-ħelsien lill-imjassrin, u niftaħ il-ħabs lil dawk li huma marbutin. Biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej, u jum il-vendetta ta' Alla tagħna; biex infarraġ lil dawk kollha li jibku; Biex inferraħ lil dawk kollha li jibku f'Sijon, biex nagħtihom girlanda flok irmied, żejt ta' ferħ flok ilbies ta' viżtu, il-matell tat-tifħir flok*

*spirtu mitluq; biex isejħulhom balluta tas-sewwa, taħwil il-Mulej, ħalli hu jkun igg-lorifikat.*"

- **Salm 45:7** – "*Int tħobb il-ħaqq, u tobgħod il-ħażen: għalhekk Alla, Alla tiegħek, dil-kek biż-żejt tal-hena aktar minn sħabek.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 3:16-17** – "*U malli tgħammed, Ġesù minnufih ħareġ mill-ilma; u, ara, is-smewwiet infetħulu, u ra l-Ispirtu t'Alla nieżel bħal ħamiema, u ġej fuqu: U, ara, leħen mis-smewwiet igħid: Dan hu Ibni l-maħbub, li bih nitgħaxxaq.*"
- **Mattew 12:17-21** – "*Biex iseħħ dak li kien qal il-profeta Isaija, li jgħid: Ara l-qaddej tiegħi, li jiena ħtart; il-maħbub tie-għi, li fih titgħaxxaq ruħi; l-Ispirtu tiegħi nqiegħed fuqu, u hu jgħarraf il-ħaqq lill-Ġentili. Hu la jiġġieled, u la jgħajjat; lan-qas ħadd ma jisma' leħnu fit-toroq. Qasba mġelġla ma jaqsamx, u ftila ddaħħan ma jitfix, sama jġib il-ħaqq għar-rebħa. U f'ismu l-Ġentili jittamaw.*"
- **Mark 1:10-11** – "*U hu u ħiereġ mill-ilma, ra s-smewwiet jinfetħu, u l-Ispirtu bħal ħammiema nieżel fuqu: U leħen ġie mis-smewwiet igħid: Int Ibni l-maħbub, li bik nitgħaxxaq.*"

- **Luqa 4:15-21** – "*U Ġesù fis-setgħa ta' l-Ispirtu raġa' ġie l-Galilija; u hemm ħarġet aħbaru ma' dik in-naħa kollha. U hu kien jgħallem fis-sinagogi tagħhom, imfaħħar minn kulħadd. U ġie Nażaret, fejn kien imrobbi: u, kif kienet id-drawwa tiegħu, daħal fis-sinagoga nhar ta' Sibt, u qam biex jaqra. U newlulu l-ktieb ta' Isaija l-profeta. U x'ħin fetaħ il-ktieb, sab hemm fejn hu miktub: l-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għaliex hu dilikni biex inxandar l-evanġelju lill-foqra; bagħtni biex infejjaq lil dawk ta' qalbhom maqsuma, biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u nagħti d-dawl lill-għomja; biex neħles lill-imgħakksin. Biex inxandar is-sena milqugħa mill-Mulej. U għalaq il-ktieb, u taħ lura lill-qaddej, u qagħad bil-qiegħda. U għajnejn dawk kollha li kienu fis-sinagoga kienu mwaħħlin fih. U beda jgħidilhom: Illum seħħet din l-iskrittura f'widnejkom.*"
- **Ġwanni 1:32** – "*U Ġwanni xehed, billi qal: Jien rajt l-Ispirtu nieżel mis-sema bħal ħammiema, u qagħad fuqu.*"

## 22. Il-ħeġġa ta' darek kilitni

### Testment il-Qadim:

- **Salm 69:9** – "*Għax il-ħeġġa għal darek kilitni; u t-tgħajjir ta' dawk li għajruk waqa' fuqi.*"

- **Salm 119:139** – *"Il-ħeġġa tiegħi kelitni, għaliex l-egħdewwa tiegħi nsew kliemek."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Ġwanni 2:15-17** – *"U wara li għamel sawt bil-ħbula , keċċiehom ilkoll 'il barra mit-tempju, u n-ngħaġ, u l-gniedes ukoll; u xerred il-flus tas-sarrafa, u qaleb l-imwejjed; U lil dawk li kienu jbigħu l-ħamiem qalilhom: Neħħu dawn il-ħwejjeġ minn hawn; u tagħmlux dar Missieri dar tan-negozju."*

23. **Messaġġier għandu jipprepara t-triq qablu (Ġwanni l-Battista)**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 40:3** – *"Leħen ta' wieħed iniedi fid-deżert: Hejju triq il-Mulej, wittu fid-deżert triq lil Alla tagħna!"*
- **Malakija 3:1** – *"Ara, jien sa nibgħat messaġġier tiegħi, u hu jhejji t-triq quddiemi: u minnufih is-Sid, li intom tfittxu, l-anġlu tal-għaqda, li intom tixtiequ, jidħol fit-tempju tiegħu. Ara, ġej, igħid il-Mulej ta' l-eżerċti."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 3:1-3** – *"F'dawk il-jiem ġie Ġwanni l-Battista, ixandar fid-deżert tal-Lhudija, U jgħid: Indmu, għax qorbot is-saltna tas-smewwiet. Għax dan hu dak li*

*fuqu tkellem il-profeta Isaija, li jgħid: Il-leħen ta' wieħed igħajjat fid-deżert: Hejju t-triq tal-Mulej, wittu l-mogħdijiet tiegħu"*

- **Mattew 11:10-11** – "*Għax dan hu dak, li fuqu nkiteb: Ara, jien nibgħat il-messaġġier tiegħi quddiem wiċċek, li jhejjilek triqtek quddiemek. Tassew ngħidilkom: Fost dawk li huma mweldin minn nisa ma deherx wieħed akbar minn Ġwanni l-Battista: iżda dak li hu l-iżgħar fis-saltna tas-smewwiet hu akbar minnu.*"
- **Luqa 1:17** – "*U hu jimxi quddiemu fl-ispirtu u l-qawwa ta' Elija, biex iraġġa' l-qlub tal-missirijiet lejn l-ulied, u lil dawk li ma joqogħdux għall-għerf tan-nies ġusti; biex ihejji poplu lest għall-Mulej.*"
- **Ġwanni 1:23** – "*Qal: Jiena l-leħen ta' wieħed igħajjat fid-deżert: Agħmlu dritta t-triq tal-Mulej, bħal ma qal Isaija l-profeta.*"

**24. Għandu jibda l-ministeru pubbliku Tiegħu fil-Galilija**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 9:1-2** – "*Iżda d-dlamijiet ma jdumux għal dejjem fuq l-art li kienet fid-dwejjaq. Bħalma qabel Alla kesa bil-għajb l-art ta' Żebulun, u l-art ta' Neftali, hekk fl-aħħar jimla bil-glorja t-triq tal-baħar 'il hemm mill-Ġurdan, il-Galilija tal-Ġentili.*

*Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir: dawk li kienu jgħammru fl-art tad-dell tal-mewt, idda fuqhom id-dawl.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 4:12-17** – "*Issa meta Ġesù sama' li Ġwanni ntafa' il-ħabs, telaq lejn il-Galilija; U wara li ħalla 'l Nażaret, ġie u għammar f'Kafarnahum, li qiegħed ħdejn il-baħar, fit-truf ta' Żabulun u Neftali: Biex iseħħ dak li ntqal mill-profeta Isaija, li jgħid: L-art ta' Żabulun, u l-art ta; Naftali, fit-triq tal-baħar, 'il hemm mill-Ġurdan, il-Galilija tal-Ġentili; Il-poplu li kien fid-dlamijiet ra dawl kbir; u lil dawk li kienu qegħdin fl-art u d-dell tal-mewt telgħalhom id-dawl. Minn dak iż-żmien beda Ġesù jxandar, u jgħid; Indmu: għax is-saltna tas-smewwiet qorbot.*"

25. **Il-mirakli Tiegħu**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 35:5-6** – "*U issa ħa ngħidilkom x'sa nagħmel lill-għalqa tiegħi tad-dwieli: inneħħi l-egħluq tagħha, u tittiekel; u nġarraf il-ħajt tagħha, u tkun art ikkalpestata; Nagħmilha ħerba; la tinżabar, u lanqas tingħażaq: iżda fiha jikber għolliq u xewk: u nġiegħel is-sħab biex ma jagħmilx xita fuqha.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 9:33-35** – "*U wara li tkeċċa x-xitan, l-imbikkem tkellem: u l-ġmiegħi tan-nies stagħġbu, billi qalu: Qatt ma deher hekk f'Iżrael! Imma l-Fariżej qalu: Joħroġ ix-xjaten bil-prinċep tax-xjaten. U Ġesù kien idur l-ibliet u l-irħula kollha, jgħallem fis-sinagogi tagħhom, u jxandar l-evanġelju tas-saltna, u jfejjaq kull xorta ta' mard, u kull nuqqas ta' saħħa fost il-poplu.*"
- **Mattew 11:4-6** – "*Wieġeb Ġesù, u qalilhom: Morru għidu 'l Ġwanni l-ħwejjeġ li tisimgħu u taraw: Il-għomja jaraw, u z-zoppop jimxu, l-imġiddmin jindafu, u t-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u l-evanġelju mxandar lill-foqra. U mbierek hu kull min ma jitfixkilx minħabba fija.*"
- **Mark 7:37** – "*U kienu mistagħġbin bla qjies, billi kienu jgħidu: Kollox għamel tajjeb: għamel it-torox jisimgħu, u l-imbikkmin jitkellmu.*"
- **Luqa 7:21-22** – "*U dak il-ħin stess fejjaq ħafna mill-mard tagħhom u flaġelli, u spirti ħżiena; u ħafna li kienu għomja tahom id-dawl. Imbagħad Ġesù wieġeb, qalilhom: Morru u għidu 'l Ġwanni dak li rajtu u smajtu; kif il-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin jitnaddfu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u l-evanġelju mxandar lill-foqra.*"

26. **Għandu jgħallem bil-parabboli**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 78:2** – "*Niftaħ fommi biex ngħid parabboli: ngħid ħwejjeġ moħbija minn żmien il-qedem.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 13:34** – "*Dawn il-ħwejjeġ kollha f'parabboli tkellem Ġesù mal-ġmiegħi tan-nies; u mingħajr parabbola ma tkellimx magħhom.*"
- **Mark 4:2** – "*U għallimhom ħwejjeġ bil-parabboli, u qalilhom fit-tagħlim tiegħu.*"
- **Ġwanni 16:25** – "*Dawn il-ħwejjeġ għid-tilkom bil-qwiel: jiġi ż-żmien meta ma nkellimkomx iżjed bil-qwiel, iżda ngħar-rafkom fuq il-Missier bid-dieher.*"

27. **Minnufih jiġi fit-tempju Tiegħu**

**Testment il-Qadim:**

- **Malakija 3:1** – "*Ara, jien sa nibgħat mes-saġġier tiegħi, u hu jhejji t-triq quddiemi: u minnufih is-Sid, li intom tfittxu, l-anġlu tal-għaqda, li intom tixtiequ, jidħol fit-tempju tiegħu. Ara, ġej, igħid il-Mulej ta' l-eżerċti.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 21:12** – "*U Ġesù daħal fit-tempju ta' Alla, u keċċa 'l barra lil dawk kollha li*

*kienu jbigħu u jixtru fit-tempju, u qaleb l-imwejjed tas-sarrafa, u l-banketti ta' dawk li kienu jbigħu l-ħamiem.*"

## 28. Id-dħul Tiegħu fil-belt riekeb fuq ħmar

**Testment il-Qadim:**

- **Żakkarija 9:9** – "*Ifraħ ħafna, o bint Sijon, għajjat bil-ferħ, o bint Ġerusalem! Ara, is-Sultan tiegħek ġej lejk; hu ġust, u vittorjuż, umli u riekeb fuq ħmar, fuq felu ta' ħmara.*"
- **Salm 8:2** – "*Minn fomm it-tfal u t-trabi int ħriġt il-qawwa, minħabba l-egħdewwa tiegħek, biex issikket lill-għadu, u lil dawk li jivvendika ruħu.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 21:1-11** – "*U x'ħin qorbu lejn Ġerusalem, u ġew Betfaġe, lejn il-għolja taż-Żebbuġ, Ġesù bagħat żewġ dixxipli, Hu u jgħidilhom: Morru fir-raħal li qiegħed biswitkom, u minnufih issibu ħmara marbuta, u felu magħha; ħolluhom, u ġibuhomli. U jekk xi ħadd jgħidilkom xi ħaġa, għidu: Il-Mulej għandu bżonnhom; u minnufih jibgħathom. Dan kollu sar, biex iseħħ dak li ntqal mill-profeta, li jgħid: Għidu lil bint Sijon: Ara, is-Sultan tiegħek jiġi għandek, ġwejjed, u riekeb fuq ħmara, u felu bin ħmara. U d-dixxipli marru, u għamlu kif ordnalhom Ġesù. U*

*ġiebu l-ħmara, u l-felu, u qiegħdu ħwejjiġhom fuqhom, u rikkbuh fuqhom. U ġemgħa kbira ta' nies firxu ħwejjiġhom fit-triq; oħrajn qatgħu friegħi mis-siġar, u xeħtuhom fit-triq. U l-ġemgħat tan-nies li kienu mexjin quddiem, u dawk li kienu ġejjin wara, għajtu, billi qalu: Osanna lil bin David: Imbierek dak li ġej f'isem il-Mulej: Osanna fl-aktar ogħla. U meta daħal Ġerusalem, il-belt kollha tqanqlet, billi qalet: Min hu dan? U l-ġemgħa tan-nies qalet: Dan hu Ġesù l-profeta minn Nażaret tal-Galilija.*"

- **Mattew 21:15-16** – "*U meta l-qassin il-kbar u l-iskribi raw il-ħwejjeġ tal-għaġeb li għamel, u t-tfal igħajtu fit-tempju, u jgħidu: Osanna lil Bin David; għadbu wisq, U qalulu: Tisma' x'qegħdin jgħidu dawn? U qalilhom Ġesù: Iva: qatt ma qrajtu: Minn fomm it-tfal u t-trabi int saħħaħt it-tifħir?*"
- **Luqa 19:35-37** – "*U ġibuh 'il Ġesù; u tefgħu lbieshom fuq il-felu, u qiegħdu 'l Ġesù fuqu. U hu u għaddej, firxu ħwejjiġhom fit-triq. U meta issa kien qrib in-niżla tal-għolja taż-Żebbuġ, il-ġemgħa kollha tad-dixxipli bdew jifirħu u jfaħħru 'l Alla b'leħen għoli għall-egħmejjel kbar kollha li kienu raw.*"

## 29. Ġebla ta' tfixkil għal Iżrael

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 118:22** – *"Il-ġebla li ma ridux il-bennejja saret ras il-għareb."*
- **Isaija 8:14** – *"U jkun bħala santwarju; iżda wkoll bħala ġebla ta' tiġrif, u blata ta' tfixkil għaż-żewġt idjar ta' Iżrael, xibka u nassa għal dawk kollha li jgħammru Ġerusalem."*
- **Isaija 28:16** – *"Għalhekk hekk jgħid Sidi, il-Mulej: Ara, sa nqiegħed f'Sijon ġebla, bħala sisien, ġebla magħżula, għareb prezzjuż, sisien tajjeb: min jemmen fiha, m'għandux għaġla biex jaħrab."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 21:42-43** – *"Ġesù qalilhom: Qatt ma qrajtu fl-iskrittura: Il-ġebla li ma ridux il-bennejja, saret ras il-għareb: dan egħmil il-Mulej, u hu tal-għaġeb f'għajnejna? Għalhekk ngħidilkom: Is-saltna t'Alla tittieħed minn għandkom, u tingħata lill-ġens li jagħti l-frott minnha."*
- **Rumani 9:32-33** – *"Għaliex? Għax ma kinux ifittxuha bil-fidi, imma bl-opri tal-liġi. Għax tfixklu f'dik il-ġebla tat-tfixkil; Kif inhu miktub: Ara, inqiegħed f'Sijon ġebla ta' tfixkil u blata ta' tiġrif: u kull min jemmen fih m'għandux mniex jistħi."*

- **1 Pietru 2:7** – "*Għalikom mela li temmnu hu prezzjuż; imma għal dawk li ma jemmnux, il-ġebla li rmew il-bennejja, din saret ras ix-xewka.*"

30. **Id-dawl tad-dinja**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 49:6** – "*Hu jgħid: Hi ħaġa żgħira li tkun il-qaddej tiegħi, biex tqajjem it-tribujiet ta' Ġakobb, u traġġa' lura dawk li baqgħu fost Iżrael: jien nagħmlek ukoll dawl tal-Ġentili, biex tkun is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art.*"
- **Isaija 60:3** – "*U l-Ġentili jiġu fid-dawl tiegħek, u s-slaten fid-dija tat-tlugħ tiegħek.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Ġwanni 8:12** – "*Imbagħad Ġesù raġa' kellimhom, billi qal: Jiena hu d-dawl tad-dinja: min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam, imma jkollu d-dawl tal-ħajja.*"
- **Ġwanni 9:5** – "*Sama nibqa' fid-dinja, jiena d-dawl tad-dinja.*"
- **Atti 13:47-48** – "*Għax hekk ordnalna l-Mulej, billi qal: Jien qegħidtek biex tkun dawl tal-Ġentili, ħalli tkun int is-salvazzjoni tagħhom sa truf l-art. U meta l-Ġentili semgħu dan, ferħu, u igglorifikaw il-kel-*

*ma tal-Mulej: u emmnu dawk kollha li kienu magħżulin għall-ħajja ta' dejjem.*"

- **Atti 26:23** – "*Li Kristu kellu jbati, u kellu jkun l-ewwel li jqum mill-imwiet, u jħabbar id-dawl lill-poplu u l-Ġentili.*"

31. **Ħabib jitradixxih (Ġuda l-Iskarjota)**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 41:9** – "*Iva, l-istess bniedem li kien ħaġa waħda miegħi, li fih kont nafda, u li kien jiekol ħobżi, rafa' għarqubu għalija.*"
- **Salm 55:12-14** – "*Għax ma kienx għadu li għajjarni; kieku kien hekk kont noqgħod għal dan: lanqas kien wieħed li bagħadni u tkabbar miegħi; kieku kien hekk, kont ninħeba minnu: Iżda kont int, raġel bħali, sieħbi, u ħabib tal-qalb. Konna nitgħaxxqu nitkellmu flimkien; konna nkunu ħaġa waħda fid-dar t'Alla.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 10:4** – "*Xmun il-Kangħani, u Ġuda Iskarjota, li wkoll ittradih.*"
- **Mattew 26:47-50** – "*U fil-waqt li kien għadu jitkellem, ara, Ġuda, wieħed mit-tnax, ġie, u miegħu ġemgħa kbira ta' nies bis-sjuf u bl-oħtra, mill-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu. Issa dak li ittradih tahom sinjal, billi qalilhom: Dak li jien inbus, hu dak stess; żommuh tajjeb. U malajr resaq*

*lejn Ġesù, u qal: Is-sliem għalik, Mgħallem; u biesu. U qallu Ġesù: Ħabib, għalfejn ġejt? Imbagħad resqu, u meddew idejhom fuq Ġesù, u ħaduh.*"

- **Ġwanni 13:21-26** – "*Wara li Ġesù qal hekk, tħawwad fl-ispirtu, u xehed, u qal: Tassew, tassew, ngħidilkom, li wieħed minnkom jittradini. Imbagħad id-dixxipli ħarsu lejn xulxin, billi kienu fid-dubju għal min kien qiegħed jgħid. Issa kien hemm mixħut fuq ħdan Ġesù wieħed middixxipli tiegħu, li Ġesù kien iħobb. Għemżu mela Xmun Pietru, biex jistaqsih fuq min kien qiegħed jgħid. Hu u jitmejjel fuq sider Ġesù, dak qallu: Mulej, min hu? Wieġeb Ġesù: Hu dak, li nagħtih ftieta, wara li nbillha. U wara li bill il-ftieta, taha 'l Ġuda Iskarjota, bin Xmun.*"

32. **Is-servizz tar-Ragħaj it-Tajjeb ikun b'mod ta' disprezz valutat għal tletin biċċa tal-fidda, l-indennità legali (Eżodu 21:32) għal skjav biex jinqatel**

    **Testment il-Qadim:**

    - **Żakkarija 11:12** – "*U għedtilhom: Jekk jidhrilkom li hu tajjeb, agħtuni l-ħlas tiegħi; jekk le, erħulu. U wiżnuli ħlasi; tletin biċċa tal-fidda.*"
    - **Eżodu 21:32** – "*Jekk il-gendus jagħti birras lill-ilsir jew lill-ilsira; iħallas sidu tlet-*

*in xekel tal-fidda lil sidhom, u jitħaġġar il-gendus.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 26:15** – "*U qalihom: Xi tridu tagħtuni, u jien nagħtihulkom f'idejkom? U wiżnulu tletin biċċa tal-fidda.*"
- **Mattew 27:3** – "*Imbagħad Ġuda, li ittradih, meta ra li kien ikkundannat, nidem, u raġa' ġieb it-tletin biċċa tal-fidda lill-qassisin il-kbar u lix-xjuħ.*"

33. **Il-flus ikunu mitfuha fit-teżorerija tat-tempju, jiġifieri, imħallsa lil Alla, b'hekk juri kemm kienu l-imħabba divina Tiegħu u l-kura tiegħu rrikumpensati b'mod ta' għajb**

**Testment il-Qadim:**

- **Żakkarija 11:13** – "*U l-Mulej qalli: Ixħtu lill-fuħħari, dal-prezz għoli li jien kont ipprezzat bih minnhom! U ħadt it-tletin biċċa tal-fidda, u xħetthom lill-fuħħari f'dar il-Mulej.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:5** – "*U xeħet it-tletin biċċa tal-fidda fit-tempju, u telaq, u mar u tgħallaq.*"

34. **Il-flus ikunu wżati biex tinxtara l-għalqa tal-fuħħari**

**Testment il-Qadim:**

- **Żakkarija 11:13** – "*U l-Mulej qalli: Ixħtu lill-fuħħari, dal-prezz għoli li jien kont ipprezzat bih minnhom! U ħadt it-tletin biċċa tal-fidda, u xħetthom lill-fuħħari f'dar il-Mulej.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:6-8** – "*U l-qassisin il-kbar t-tletin biċċa tal-fidda, u qalu: Ma jiswiex li nqegħduhom fit-teżor, għax huma l-prezz tad-demm. U ftiehmu bejniethom, u xtraw bihom il-għalqa ta' wieħed jaħdem il-fuħħar, biex jidfnu l-barranin fiha.*"
- **Atti 1:16-19** – "*Irġiel u aħwa, jaħtieġ li din l-iskrittura sseħħ, li l-Ispirtu s-Santu qal minn qabel b'fomm David fuq Ġuda, li kien il-gwida ta' dawk li ħadu 'l Ġesù. Għax hu kien magħdud fostna, u kellu sehem minn dal-ministeru. Issa dal-bniedem xtara għalqa bi ħlas il-ħażen; u waqa' għal rasu, u nqasam min-nofs, u ħarġu msarnu kollha. U dan sar magħruf minn nies kollha li joqogħdu Ġerusalem; hekk li dik il-għalqa jisimha bi lsienhom Aċeldama, jiġifieri: Il-għalqa tad-demm.*"

**35. Id-dixxipli Tiegħu jabbandunawh u jaħarbu**

**Testment il-Qadim:**

- **Żakkarija 13:7** – "*O sejf, stenbaħ, għar-ragħaj tiegħi, u għar-raġel sieħbi! Jgħid il-Mulej ta' l-eżerċti. Idrob ir-ragħaj, biex*

*in-nagħaġ tiegħu jixterdu! U jien indawwar idi fuq iż-żgħar.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 26:31** – "*Imbagħad qalilhom Ġesù: Intom ilkoll titfixklu minħabba fija l-lejla: għax hu miktub: Insawwat ir-ragħaj, u n-nagħaġ tal-merħla jixterdu.*"
- **Mark 14:27** – "*U qalilhom Ġesù: Il-lejla lkoll titfixklu minħabba fija: għax hu miktub: Jien nolqot ir-ragħaj, u n-ngħaġ jixterdu.*"
- **Mark 14:50** – "*U lkoll ħallewh, u ħarbu.*"

**36. Xhieda foloz jixhdu kontrih**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 35:11** – "*Xhieda qarrieqa jqumu kontra tiegħi; isaqsuni ħwejjeġ li ma nafx bihom.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 26:59-61** – "*Issa l-qassisin il-kbar, u x-xjuħ, u l-kunsill kollu, bdew ifittxu xhieda qarrieqa kontra Ġesù, biex jagħtuh il-mewt; U ma sabu 'l ħadd: iva, għalkemm ħafna xhud qarrieqa ġew, ma sabu 'l ħadd. Fl-aħħar ġew żewġ xhud qarrieqa.*
- **Mark 14:57-59** – "*U qamu x'uħud, u xehdu falz kontra tiegħu, billi qalu: Aħna smajnieh jgħid: Jien inġarraf dat-tempju*

*magħmul bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor magħmul mhux bl-idejn.*"

37. **Għalkemm Hu kien ittrattat bl-aħrax, Hu ssottometta ruħu u ma fetaħx fommu**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 53:7** – "*Kien maħqur, u kien umiljat, u fommu ma fetħux, bħal ħaruf meħud għall-qatla, bħal nagħġa li titbikkem quddiem min iġiżżha, hekk hu ma fetaħx fommu.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:12-14** – "*U meta xlewh il-qassisin il-kbar u x-xjuħ, ma wieġeb xejn. Imbagħad Pilatu qallu: Mintix tisma' kemm ħwejjeġ qegħdin jixhdu kontra tiegħek? U ma wieġbu għall-ebda kelma: hekk li l-gvernatur stagħġeb wisq.*"
- **Atti 8:27-35** – "*U qam u telaq: u, ara, wieħed mill-Etjopja, ewnuku ta' setgħa kbira taħt Kandaka sultana ta' l-Etjopin, li kien fuq it-teżor kollu tagħha, u kien ġie Ġerusalem biex jagħti qima. Kien sejjer lura, bil-qiegħda fuq il-karru tiegħu, jaqra l-profeta Isaija. Imbagħad qal l-Ispirtu 'l Filippu: Ersaq, u aqbad ma' dal-karru. U Filippu ġera lejh, u semgħu jaqra l-profeta Isaija, u qallu: Tifhem dak li qiegħed taqra? U qal: Kif nista', jekk xi ħadd ma jmexxinix? U talab 'il Filippu biex jirkeb*

*u joqgħod ħdejh. Il-biċċa ta' l-iskrittura li kien jaqra kienet din: Bħal nagħġa meħuda għall-qatla; u bħal ħaruf bla leħen quddiem minn iġiżżu, hekk hu ma fetaħx fommu: Fl-umiljazzjoni tiegħu l-ħaqq tiegħu nċaħad: min qatt jista' jfisser nislu? Għax ħajtu neħħewlu mill-art. U l-ewnuku wieġeb 'il Filippu, u qal: Insaqsik: Fuq min qiegħed jgħid dan il-profeta? Fuqu nnifsu jew fuq ħaddieħor? Imbagħad Filippu fetaħ fommu, u beda minn dik l-iskrittura, u xandarlu 'l Ġesù.*"

**38. Hu kien miġruħ għal ħtijietna, misħuq għal dnubietna**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 53:5** – "*Hu kien miġruħ minħabba ħtijietna, misħuq minħabba l-ħażen tagħna: il-kastig, li bih għandna s-sliem kien fuqu; u bil-flaġellazzjoni tiegħu aħna fiqna.*"
- **Żakkarija 13:6** – "*U jgħidulu: X'inhuma dawk il-ġrieħi f'idejk? U jwieġeb: Huma l-ġrieħi li bihom darbuni f'dar ħbiebi.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:26** – "*Imbagħad telqilhom 'il Barabba: u wara li sawwat 'il Ġesù, tah biex ikun imsallab.*"
- **Ġwanni 20:27** – "*Imbagħad qal 'il Tumas: Ġib sebgħek hawn, u ara idejja; u ġib*

*idek, u daħħalha f'ġenbi; u la tkunx bla fidi, iżda emmen.*"

39. **Huma jobżqu fuq wiċċu u jsawwtuh**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 50:6** – "*Irħejt dahri lil dawk li kienu jsawtuni, u ħaddejja lil dawk li kienu jnittfuli l-leħja: wiċċi ma ħbejtux mittagħjir u l-bżieq.*"
- **Mikea 5:1** – "*Inġama' issa fi qtajja, o bint il-qtajja! Issa qiegħed jassedjana: huma jidorbu b'virga ħaddejn l-imħallef ta' Iżrael.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 26:67** – "*Imbagħad besqulu f'wiċċu, u tawh bil-ponn; u oħrajn tawh bil-ħarta.*"
- **Mattew 27:30** – "*U besqu fuqu, u ħadu l-qasba, u sawtuh fuq rasu.*"
- **Luqa 22:63** – "*U l-irġiel li kienu jżommu 'l Ġesù iddieħku bih, u sawtuh.*"
- **Ġwanni 18:22** – "*U malli qal hekk, wieħed mill-għases li kien hemm ta daqqa ta' ħarta 'l Ġesù, u qal: Hekk twieġeb lill-qassis il-kbir?*"

40. **Huma jiddieħku bih**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 22:7-8** – *"Dawk kollha li jarawni jidħku bija: ifettħu xoffithom iħarrku rashom, u jgħidu: Ittama fil-Mulej li jeħilsu: ħa jeħilsu, la kien jitgħaxxaq bih."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:31** – *"U huma u ħerġin, sabu raġel min Ċirene, jismu Xmun: lilu ġiegħlu jarfa' s-salib."*
- **Mattew 27:43** – *"Hu fada f'Alla; ħa jeħilsu issa, jekk iridu: għax hu qal: Jien l-Iben t'Alla."*

41. **Huma jniffdulu jdejh u saqajh**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 22:16** – *"Għax il-klieb dawruni: ġemgħa nies ħżiena rassewni: nifduli jdejja u riġlejja."*
- **Żakkarija 13:6** – *"U jgħidulu: X'inhuma dawk il-ġrieħi f'idejk? U jwieġeb: Huma l-ġrieħi li bihom darbuni f'dar ħbiebi."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Luqa 23:33** – *"U meta waslu fil-post jgħidulu l-Kalvarju, hemm sallbu lilu, u lillħatjin, wieħed fil-lemin, u l-ieħor fix-xellug."*
- **Ġwanni 20:25-27** – *"Għalhekk qalulu d-dixxipli l-oħra: Rajna l-Mulej. Iżda dak qalilhom: Jekk ma narax f'idejh il-marka ta' l-imsiemer, u nqiegħed sebgħi fejn kie-*

*nu l-imsiemer, u ndaħħal idi f'ġenbu, ma nemminx. U wara tmint ijiem id-dixxipli tiegħu reġgħu kienu qegħdin ġewwa, u Tumas magħhom: imbagħad ġie Ġesù, waqt li l-bibien kienu magħluqin, u qagħad fin-nofs, u qal: Is-sliem għalikom. Imbagħad qal 'il Tumas: Ġib sebgħek hawn, u ara idejja; u ġib idek, u daħħalha f'ġenbi; u la tkunx bla fidi, iżda emmen."*

42. **Hu kien magħdud mal-midinbin**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 53:12** – *"Għalhekk nagħtih sehem mal-kbar, u mal-qawwija jaqsam il-priża, talli ta għall-mewt lilu nnifsu, u kien magħdud mal-ħatjin; iżda hu tgħabba bid-dnub ta' ħafna, u talab maħfra għall-ħatjin."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:38** – *"Imbagħad kienu msallbin miegħu żewġ ħallelin, wieħed fil-lemin, u wieħed fix-xellu."*
- **Mark 15:27-28** – *"U miegħu sallbu żewġ ħallelin; wieħed fuq il-lemin tiegħu, u l-ieħor fuq ix-xelluq tiegħu. U seħħet l-iskrittura, li tgħid: U kien magħdud mal-ħżiena."*

43. **Missier, aħfrilhom; għax ma jafux x'inhuma jagħmlu**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 53:12** – *"Għalhekk nagħtih sehem mal-kbar, u mal-qawwija jaqsam il-priża, talli ta għall-mewt lilu nnifsu, u kien magħdud mal-ħatjin; iżda hu tgħabba bid-dnub ta' ħafna, u talab maħfra għall-ħatjin."*
- **Salm 109:4** – *"Għalkemm ħabbejthom, saru l-egħdewwa tiegħi, imqar waqt li jien nitlob għalihom."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Luqa 23:34** – *"Imbagħad qal Ġesù: Missier, aħfrilhom; għax ma jafux x'inhuma jagħmlu. U qasmu ħwejġu, u tefgħu x-xorti."*

**44. Imkeċċi u mwarrab mill-ġens Tiegħu**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 53:3** – *"Hu kien immaqdar, u maħrub min-nies; raġel ta' l-uġigħ, u magħfus bil-mard, bħal wieħed li naħbu wiċċna minnu; kien immaqdar u xejn ma qisnieh."*
- **Salm 69:8** – *"Jien sirt barrani għal ħuti, u għarib għal ulied ommi."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Ġwanni 1:11** – *"Ġie fi ħwejjġu, u niesu ma laqgħuhx."*
- **Ġwanni 7:5** – *"Għax lanqas ħutu ma kienu jemmnu fih."*

- **Ġwanni 7:48** – *"Hemm xi ħadd mill-kbarat jew mill-Friżej li emmen fih?"*
- **Mattew 21:42-43** – *"Ġesù qalilhom: Qatt ma qrajtu fl-iskrittua: Il-ġebla li ma ridux il-bennejja, saret ras il-għareb: dan egħmil il-Mulej, u hu tal-għaġeb f'għajnejna? Għalhekk ngħidilkom: Is-saltna ta' Alla tittieħed minn għandkom, u tingħta lill-ġens li jagħti l-frott minnha."*

45. **Huma kienu jobogħduh mingħajr kawża**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 69:4** – *"Dawk li jobogħduni għal xejn huma aktar mix-xagħar ta' rasi: dawk li jridu jeqirduni, u li huma egħdewwa tiegħi għall-ebda raġun, huma setgħana: ġagħluni nrodd dak li ma sraqtx."*
- **Isaija 49:7** – *"Hekk jgħid il-Mulej, il-Feddej ta' Iżrael, u l-Qaddis tiegħu, lil dak li hu mmaqdar mill-bniedem, lil dak li hu mistkerrah mill-ġnus, lill-qaddej tal-ħak-kiema: is-slaten jarawk u jqumu; il-prinċ-pijiet ukoll iqimu wiċċhom ma' l-art; minħabba l-Mulej li hu fidil, il-Qaddis ta' Iżrael, li ħatrek."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Ġwanni 15:22-25** – *"Kieku ma ġejtx u kellimthom, ma kienx ikollhom dnub; iżda issa m'għandhom ebda skuża għad-dnub tagħhom. Min jobgħod lili jobgħod 'il*

*Missieri wkoll. Kieku ma għamiltx fosthom l-egħmejjel li ebda bniedem ieħor ma għamel, ma kienx ikollhom dnub: iżda issa rawhom, u bagħdu sew lili u kemm 'il Missieri. Iżda dan ġara, biex iseħħ il-kliem miktub fil-liġi tagħhom: Bagħduni għal xejn.*"

**46. Il-maħbubin Tiegħu u ħbiebu baqgħu 'l bogħod**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 38:11** – "*Ħbiebi u sħabi jitbiegħdu mill-mard tiegħi; u qrabati jżommu 'l bogħod minni.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:55-56** – "*U kien hemm ħafna nisa fil-bogħod jaraw, li kienu ġew wara Ġesù mill-Galilija, biex jieqfu miegħu: Fosthom kienet Marija Maddalena, u Marija omm Ġakbu u Ġożè, u omm ulied Żebedew.*"
- **Mark 15:40** – "*U kien hemm ukoll nisa jħarsu mill-bogħod: fosthom kien hemm Marija Maddalena, u Marija omm Ġakbu ż-żgħir, u Ġożwè, u Salome;*"
- **Luqa 23:49** – "*U dawk kollha li kienu jafuh, u n-nisa li kienu ġew warajh mill-Galilija, kienu weqfin fil-bogħod, jaraw dawn il-ħwejjeġ.*"

47. **Nies iċaqalqu rashom**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 109:25** – "*Jien sirt ukoll tad-daħk għalihom: x'ħin jarawni jċaqalqu rashom.*"
- **Salm 22:7** – "*Dawk kollha li jarawni, jidħku bija: ifettħu xoffithom, iħarrku rashom, u jgħidu.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:39** – "*U dawk li kienu jgħaddu kienu jgħajruh, huma u jċaqilqu rashom,*"
- **Mark 15:29** – "*U dawk li jgħaddu kienu jgħajruh, u jħarrku rashom, u jgħidu: Ah, int li tħott it-tempju, u tinbih fi tlitt ijiem,*"

48. **Nies iħarsu u jiċċassaw Lejh**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 22:17** – "*Għadmi kollu nista' ngħoddu: iħarsu lejja; għajnehom fuqi.*"
- **Salm 109:24-25** – "*Irkobbtejja għajjiena minħabba s-sawm; u ġismi jinxef u jogħlob.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Luqa 23:35** – "*U l-poplu kien wieqaf iħares. U l-kbarat kienu magħhom ukoll jiddieħku bih, jgħidu; Salva oħrajn; ħa jsalva*

*lilu nnifsu, jekk hu l-Kristu, il-maħtur ta' Alla.*"

49. **Huma qasmu ħwejġi fosthom, u għal libsa Tiegħi jaqtgħu x-xorti**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 22:18** – "*Jaqsmu ħwejġi bejniet-hom, u jaqtgħu x-xorti fuq libsti.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:35** – "*U sallbuh u qasmu ħwejġu, billi lagħbuhom bix-xorti: biex iseħħ dak li ntqal mill-profeta: Qasmu ħwejġi bejniethom, u fuq ħwejġi tefgħu x-xorti.*"
- **Mark 15:24** – "*Imbagħad sallbuh, u qas-smu lbiesu, billi tefgħu x-xorti fuqhom, b'kemm kull wieħed jieħu.*"
- **Luqa 23:34** – "*Imbagħad qal Ġesù: Mis-sier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu. U qasmu ħwejjġu, u tefgħu x-xorti.*"
- **Ġwanni 19:23-24** – "*Imbagħad is-sulda-ti, wara li sallbu 'l Ġesù, ħadu lbiesu, u għamlu erba' ishma, sehem għal kull sul-dat; u t-tunika tiegħu wkoll: issa t-tunika kienet bla ħjata, minsuġa minn fuq s'isfel. Għalhekk qalu bejniethom: Ma nċartu-hiex, iżda nitfgħu x-xorti fuqha, lil min tmiss; biex isseħħ l-iskrittura, li tgħid: Qa-*

*smu ħwejġi bejniethom, u fuq libsti tefgħu x-xorti. Dan mela għamlu s-suldati.*"

**50. Meta kont bil-għatx, huma tawni ħall biex nixrob**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 69:21** – "*Tawni wkoll l-imrar b'ikel; u meta bini l-għatx tawni l-ħall biex nixrob.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:34** – "*Tawh jixrob inbid imħallat bl-imrara: u meta daqu, ma riedx jixrob.*"
- **Mattew 27:48** – "*U minnufih wieħed minnhom ġera, u ħa sponża, u mlieha bil-ħall, u qiegħdha fuq qasba, u tah jixrob.*"
- **Mark 15:23** – "*U tawh jixrob inbid imħallat bil-mirra: iżda ma ħadux.*"
- **Ġwanni 19:28-29** – "*Wara dan, billi kien jaf Ġesù li kollox issa kien mitmum, biex isseħħ l-iskrittura, qal: Għandi l-għatx. Issa kien hemm bieqja mimlija bil-ħall: u mlew sponża bil-ħall, u qegħduha fuq qasba taż-żuf, u ressquhielu lejn fommu.*"

**51. Hu għajjat b'leħen għoli, jgħid, Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex abbandunajtni?**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 22:1** – *"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għala tlaqtni? Għaliex int hekk 'il bogħod milli tgħinni, u mill-kliem tal-krib tiegħi?"*

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:46** – *"U madwar id-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi, billi qal: Eli, Eli, lama sabaqtani? Li tfisser: Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex ħallejtni?"*
- **Mark 15:34** – *"U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi, billi qal: Eloj, Eloj, lama sabaqtani? Li tfisser: Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex ħallejtni."*

52. **F'idejk nerħi l-ispirtu tiegħi**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 31:5** – *"F'idejk nerħi l-ispirtu tiegħi: int ħlistni o Mulej, Alla tas-sewwa."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Luqa 23:46** – *"U meta Ġesù għajjat b'leħen qawwi, qal: Misier, f'idejk nerħi l-ispirtu tiegħi: u malli qal hekk, radd ruħu."*

53. **Ebda waħda mill-għadam Tiegħu ma kienet miksura**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 34:20** – *"Iħarislu għadmu kollu: ebda waħda minnhom ma titkissirlu."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Ġwanni 19:33** – “*Iżda meta ġew għal Ġesù, u raw li kien diġa miet, ma kissrux saqajh:*”

54. **Ġenbu l-imniffed**

    **Testment il-Qadim:**

    - **Żakkarija 12:10** – “*U nsawwab fuq dar David u fuq in-nies ta' Ġerusalem l-ispirtu tal-grazzja u talb; u jħarsu lejja, lejn min huma nifdu, u jixhru għalih, bħalma wieħed jixher għal ibnu waħdieni, u jibku biki ta' mrara għalih, bħalma wieħed jibki biki ta' mrar għall-iben il-kbir.*

    **Testment il-Ġdid:**

    - **Ġwanni 19:34** – “*Iżda wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu bil-lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma.*”
    - **Ġwanni 20:27** – “*Imbagħad qal lid-dixxiplu: Ara ommok! U minn dik is-siegħa d-dixxiplu ħadha għandu.*”

55. **Dlam fuq l-art kollha**

    **Testment il-Qadim:**

    - **Għamos 8:9** – “*U jiġri dak in-nhar, jgħid Sidi l-Mulej, li nġiegħel ix-xemx tinżel f'nofs in-nhar, u ndallam l-art f'ħin id-dawl.*”
    - **Għamos 5:20** – “*Jaqaw mhux dlam jum il-Mulej, u mhux dawl, dlam ċappa u bla dija?*”

- **Żakkarija 14:6** – “*U jiġri dak in-nhar, illi ma jkunx hemm dawl; id-dawwaliet inaqqsu d-dawl tagħhom.*”

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:45** – “*Issa mis-sitt siegħa kien hemm dlamijiet fuq l-art kollha sad-disa’ siegħa.*”
- **Mark 15:33** – “*U meta kienet is-sitt siegħa, kien hemm dalma fuq l-art kollha sad-disa’ siegħa.*”
- **Luqa 23:44** – “*U kien issa madwar is-sitt siegħa, u waqgħet dalma fuq l-art kollha sad-disa’ siegħa.*”

**56. Ma’ l-għonja fil-mewt Tiegħu**

**Testment il-Qadim:**

- **Isaija 53:9** – “*U tawh qabar mal-ħżiena, u ma’ raġel għani fil-mewta tiegħu; għalkemm ma għamel l-ebda dnewwa, u lanqas kien hemm qerq f’fommu.*”

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 27:57-60** – “*X’ħin sar filgħaxija, ġie raġel għani minn Arimatija, jismu Ġużeppi, li kien hu wkoll dixxiplu ta’ Ġesù: Dan mar għand Pilatu, u talab il-ġisem ta’ Ġesù. Imbagħad Pilatu ordna li l-ġisem ta’ Ġesù jingħata. U meta Ġużeppi ħa l-ġisem geżwru f’biċċa tal-għażel nadifa. U qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu stess li kien ħaffer*

*fil-blat: u gerbeb ġebla kbira quddiem il-bieb tal-qabar, u telaq.*"

- **Mark 15:43-46** – "*Ġie Ġużeppi minn Arimatea, kunsillier nobbli, li hu wkoll kien jistenna s-Saltna ta' Alla; u daħal bla biża' għand Pilatu, u talab ġisem Ġesù. U stagħġeb Pilatu jekk kienx ġà miet: u sejjaħ liċ-ċenturjun, u staqsieh jekk kienx ilu li miet. U meta sar jaf miċ-ċenturjun, ta l-ġisem lil Ġużeppi. U dan xtara biċċa għażel fina, u niżżlu, u kebbu fil-għażel, u qiegħdu f'qabar li kien imħaffer fil-blat, u gerbeb ġebla fil-bieb tal-qabar.*"
- **Luqa 23:50-53** – "*U, ara, kien hemm raġel jismu Ġużeppi, li kien kunsilier; u kien raġel tajjeb, u ġust. (Dan ma kienx qabel mal-fehma u l-egħmil tagħhom;) kien minn Arimateja, belt tal-Lhud: u kien hu wkoll jistenna s-saltna ta' Alla. Dan ir-raġel mar għand Pilatu, u talab il-ġisem ta' Ġesù. U niżżlu, u geżwru fil-għażel, u qiegħdu f'qabar imħaffrer fil-blat, li fih ħadd ma kien għadu tqiegħed.*"
- **Ġwanni 19:38-42** – "*U wara dan Ġużeppi minn Arimateja, billi kien dixxiplu ta' Ġesù, iżda bil-moħbi minħabba fil-biża' tal-Lhud, talab 'il Pilatu biex ineħħi l-ġisem ta' Ġesù: u Pilatu ħallieh. Għalhekk ġie, u ħa l-ġisem ta' Ġesù. U ġie wkoll Nikodemu, li kien mar bil-lejl l-ewwel*

*darba għand Ġesù, u ġieb taħlita ta' morr u sabbara, madwar mitt libbra. Ħadu mbagħad il-ġisem ta' Ġesù, u kebbuh bi bċejjeċ tal-għażel bil-ħwawar, kif inhi d-drawwa tal-Lhud biex jidfnu. Issa fil-post fejn kien imsallab kien hemm ġnien; u fil-ġnien qabar ġdid, li ħadd qatt ma kien għadu tqiegħed fih. Hemm mela qiegħdu 'l Ġesù minħabba l-jum tat-tħejjija tal-Lhud; għax il-qabar kien fil-qrib.*"

57. **Il-qawmien Tiegħu mill-mewt fit-tielet jum Testment il-Qadim:**

- **Salm 16:10** – "*Għax int ma tħallix ruħi fis-saltna ta' l-imwiet; u lanqas tħalli l-Qaddis tiegħek jara l-ħofra.*"
- **Salm 30:3** – "*Mulej, int tellajt lil ruħi mis-saltna ta' l-imwiet; int żammejtni ħaj, biex ma ninżilx fil-ħofra.*"
- **Salm 41:10** – "*Iżda int, Mulej, kun ħanin miegħi, u qajjimni, ħalli jien nitħallas minnhom.*"
- **Salm 118:17** – "*Jien ma mmutx, iżda nibqa' ħaj, u nxandar l-egħmejjel tal-Mulej.*"
- **Hosegħa 6:2** – "*Wara jumejn jaħjina: fit-tielet jum iqajjimna, biex aħna ngħixu quddiemu.*"

- **Ġona 1:17** – "*Issa l-Mulej kien hejja ħuta kbira biex tibla' 'l Ġona. U Ġona dam f'żaqq il-ħuta tlitt ijiem u tlitt iljieli.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 28:6** – "*Mhux hawn: għaliex qam, bħal ma qal. Ejjew, araw fejn kien qiegħed il-Mulej.*"
- **Mark 16:6** – "*U qalilhom: La tindehxux: Intom qegħdin tfittxu 'l Ġesù ta' Nażaret, li kien imsallab: hu qam; mhux hawn; araw il-lok fejn qegħduh.*"
- **Luqa 24:46** – "*U qalilhom: Hekk hu miktub, u hekk kien jinħtieġ illi Kristu jbati, u li jqum mill-imwiet fit-tielet jum.*"
- **Atti 2:25-32** – "*Għax David jgħid fuqu: Jien rajt dejjem minn qabel quddiem wiċċi l-Mulej, għax hu fuq lemini, biex ma nitqanqalx: Għalhekk ferħet qalbi, u thenna lsieni; u issa wkoll jistrieħ ġismi fit-tama: Għax int ma tħallix ruħi fl-imwiet, u lanqas tħalli l-Qaddis tiegħek jara t-taħsir. Int għarraftni t-toroq tal-ħajja; int tagħmilni mimli bil-ferħ bid-dehra tiegħek. Irġiel u aħwa, ħalli nkellimkom bla tlaqliq fuq il-partijarka David, li hu mejjet u midfun, u l-qabar tiegħu għadu fostna sal-lum. Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien wiegħdu b'ħalfa, li mill-frott ta' ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem 'il Kristu*

*biex joqgħod fuq it-tron tiegħu; Hu, billi ra minn qabel dan, tkellem fuq il-qawmien ta' Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir. Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħna lkoll xhud.*"

- **Mattew 12:40** – "*Għax kif Ġona kien għal tlitt ijiem u tlitt iljieli f'żaqq il-ħuta kbira; hekk Bin il-bniedem ikun tlitt ijiem u tlitt iljieli f'qalb l-art.*"
- **Mattew 16:21** – "*Minn dak iż-żmien beda Ġesù juri lid-dixxipli tiegħu, kif jaħtieġlu jmur Ġerusalem, u jbati ħafna ħwejjeġ mix-xjuħ u mill qassisin il-kbar u l-iskribi, u jinqatel, u fit-tielet jum iqum.*"
- **Luqa 11:30** – "*Għax bħalma Ġona kien sinjal għan-nies ta' Ninwè, hekk ukoll bin il-bniedem ikun għal dan in-nisel.*"
- **Ġwanni 2:19-21** – "*Ġesù wieġeb, u qalilhom: Ħottu dat-tempju, u fi tlitt ijiem inwaqqfu. Qalu mbagħad il-Lhud: Dat-tempju dam sitta u erbgħin sena jinbena, u int twaqqfu fi tlitt ijiem? Imma hu kien jgħid għat-tempju ta' ġismu.*"
- **Ġwanni 20:8-9** – "*Imbagħad daħal id-dixxiplu l-ieħor ukoll, li laħaq l-ewwel ħdejn il-qabar, u ra, u emmen. Għax kienu għadhom ma jafux l-iskrittura, li kellu jqum mill-imwiet.*"

## 58. It-tlugħ Tiegħu fis-sema

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 68:18** – *"Int tlajt fil-għoli, int ħadt warajk l-ilsiera: int ħadt bnedmin b'għot-jiet tiegħek, imqar dawk li xxewxu għalik, biex tagħmel hemm l-agħmara tiegħek, o Mulej Alla."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Mark 16:19** – *"Imbagħad wara li kelli-mhom, il-Mulej irtafa' fis-sema, u qagħad fil-leminija ta' Alla."*
- **Luqa 24:51** – *"U ġara, hu u jberikhom, il-li nfired minnhom, u rtafa' fis-sema."*
- **Atti 1:9** – *"Wara li qal dawn il-ħwejjeġ, huma u jħarsu, irtafa'; u sħaba ħaditu minn quddiem għajnejhom."*

59. **Hu qagħad fuq il-leminija tal-Missier**

**Testment il-Qadim:**

- **Salm 110:1** – *"Il-Mulej jgħid lil Sidi: Oq-għod fuq il-lemin tiegħi, sama nqiegħed l-egħdewwa tiegħek mirfes taħt riġlejk."*

**Testment il-Ġdid:**

- **Mark 16:19** – *"Imbagħad wara li kellim-hom, il-Mulej irtafa' fis-sema, u qagħad fil-leminija ta' Alla."*
- **Atti 2:34-36** – *"Għax David ma talax fis-smewwiet: iżda hu stess jgħid: Il-Mulej qal lil Sidi; Oqgħod fil-lemin tiegħi, Sa*

*ma nagħmel l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġlejk. Mela ħa jkun taf fi żgur id-dar kollha ta' Iżrael, li Alla għamel lil dan stess Ġesù, li intom sallabtu, sew Mulej u kemm Kristu.*

- **Lhud 1:3** – "*Hu, li hu d-dija tal-glorja tiegħu, u x-xbieha perfetta tal-persuna tiegħu, u li jżomm il-ħwejjeġ kollha bil-kelma tas-setgħa tiegħu, wara li bih innifsu naddaf dnubietna, qagħad bil-qiegħda fuq il-lemin tal-Maestà fl-ogħla tas-smewwiet.*"

## 60. Qirda ta' Ġerusalem u t-tempju fis-sena 70 W.K.

**Testment il-Qadim:**

- **Danjel 9:25-27** – "*Kun af, mela, u ifhem! Mill-ħruġ tal-kelma biex jagħtu l-ħajja u jerġgħu jibnu lil Ġerusalem sal-Messija, il-Prinċep, ikun hemm seba' ġimgħat, u fi tnejn u sittin ġimgħa tarġa' lura u tinbena, pjazez u swar, imqar fi żmien ta' taħbit. Wara t-tnejn u sittin ġimgħa, il-Messija jkun meqrud, u ma jkollu 'l ħadd: u l-poplu tal-prinċep li għandu jiġi, iġarraf il-belt u s-santwarju. U tmiemu jkun b'mewġa li tgħarraq; sa l-aħħar ikun hemm taqbid: taħrib li għandu jsir. Jagħmel rabta qawwija ma' ħafna għal ġimgħa waħda: iżda f'nofs il-ġimgħa jwaqqaf is-sagrifiċċju u l-offerta tal-qamħ; u fuq il-ġewnaħ ta'*

*ħaġa mistkerrha jiġi wieħed li jagħmel ħerba; sama t-tmiem kollu, maqtugħ li għandu jsir, jissawwab fuq dak li jagħmel il-ħerba.*"

**Testment il-Ġdid:**

- **Mattew 24:1-2** – "*U ħareġ Ġesù, u telaq mit-tempju: u resqu lejh id-dixxipli tiegħu biex juruh il-bini tat-tempju. U qalilhom Ġesù: Tarawx dawk il-ħwejjeġ kollha? Tassew ngħidilkom: Ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx.*"
- **Mark 13:1-2** – "*U hu u ħiereġ mit-tempju, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: Mgħallem, ara x'ġebel kbir u x'bini kbir hawn! U Ġesù wieġeb, qallu: Tara int dal-bini kbir? Ma titħalliex ħaġra fuq oħra, li ma tinħattx.*"
- **Luqa 19:43-44** – "*Għax għad jiġu l-jiem fuqek, li l-egħdewwa tiegħek itellgħu rampa madwarek, u jdawruk, u jrossuk minn kull naħa. U jġarrfuk ma' l-art, int u wliedek fik; u ma jħallux fik ġebla fuq oħra; għaliex int ma għaraftx iż-żmien taż-żjara li saritlek.*"
- **Luqa 21:5-6** – "*U waqt li x'uħud kienu jitkellmu fuq it-tempju, kemm kien imżejjen b'ħaġar sabiħ u għotjiet, qal: Dawn il-ħwejjeġ li qegħdin taraw, jiġi ż-żmien, li fih ma titħalliex ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx.*"

# IL-PROBABBILTÀ MATEMATIKA TA' ĠESÙ JWETTAQ IL-PROFEZIJA (L-Erbatax-il Parti)

Il-probabbiltajiet li ġejjin huma meħuda minn Science Speaks ta' Peter Stoner (Moody Press, 1963) biex juru li l-koinċidenza hija mgħeluba għal kollox permezz tax-xjenza tal-probabbiltà. Stoner jgħid li billi nużaw ix-xjenza moderna tal-probabbiltà f'riferenza ta' tmien profeziji, "aħna nisbu liċ-ċans li xi raġel seta' għex l-isfel saż-żmien preżenti u wettaq it-tmien profeziji kollha huwa ta' 1 f'$10^{17}$." Dan ikun 1 f'100,000,000,000,000,000. Sabiex jgħinna nifhmu din il-probabbiltà ta' l-għaġeb, Stoner jillustraha billi "aħna nieħdu $10^{17}$ dollari tal-fidda u nqiegħduhom fuq wiċċ Texas. Dawn jiksu l-istat kollu 60 ċentimetru fond.

"Issa mmarka wieħed minn dawn id-dollari tal-fidda u ħawwad il-massa kollha sewwa, ma' l-istat kollu. Għammad raġel u għidlu li hu jista' jivvjaġġa l-bogħod kemm irid, imma hu għandu jiġbor dollaru wieħed tal-fidda u jgħid li dak huwa l-wieħed it-tajjeb. X'ċans ikollu hu li jsib il-wieħed it-tajjeb? Sewwasew l-istess ċans li l-profeti kien ikollhom f'li jiktbu tmien profeziji u li kollha jkunu mwettqa f'xi raġel wieħed.

Stoner jikkonsidra 48 profezija u jgħid, "aħna nsibu ċ-ċans li xi raġel wieħed wettaq it-48 kollha li jkun 1 f'$10^{157}$, jew 1 fi

10,000,000,000,000,000,000,000,000,
000,000,000,000,000,000,000,000,000,
000,000,000,000,000,000,000,000,000,

000,000,000,000,000,000,000,000,000,
000,000,000,000,000,000,000,000,000,
000,000,000,000,000,000,000,000.

In-numru stmat ta' elettroni fl-univers huwa madwar $10^{79}$. Issa aħna semmejna biss 61 fuq. Mela, għandu jkun evidenti għalkollox li Ġesù ma wettaqx il-profeziji b'aċċident." U din hija l-akbar prova li l-Bibbja mhix il-kelma tal-bnedmin imma l-Kelma ispirata ta' Alla!